MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM’AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta’ Ġunju, 2025

Rikors Kostituzzjonali Numru 10/2022 LM

**Brian Vella (K.I. nru. 68670M)**

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat**
**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fis-7 ta’ Jannar, 2022, mir-rikorrent **Brian Vella (K.I. nru. 68670M)** [minn issa ’l quddiem ‘ir-rikorrent’], fejn issottometta dan li ġej:

*Jesponi bir-rispett:*

*1. Illi fl-10 ta’ Frar, 2000, minn ġewwa Flat 3, Block A, Apartments 21st September 1964, Triq il-Prinjoli, Santa Luċija, kienet seħħet serqa u li kaġun ta’ din is-serqa kienu mietu żewġ konjugi anzjani bl-isem ta’ Gerald u Josephine Grima;*

*2. Illi l-Pulizija kienet għamlet l-investigazzjonijiet tagħha u arrestat xi persuni issuspettati li kkommettew dawn id-delitti. Wieħed mill-persuni arrestati kien ir-rikorrent Brian Vella;*

*3. Illi eventwalment il-Pulizija ressqet il-Qorti lir-rikorrenti flimkien ma' ko-imputat ieħor Domnic Bonnici, u xliethom b'dawn id-delitti;*

*4. Illi fid-9 ta' Jannar, 2003 l-Avukat Ġenerali ħareġ l-att tal-akkuża kontra r-rikorrent Brian Vella u akkużah talli:-*

i. *Ikkommetta serq ta' flus u oġġetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza (omiċidju volontarju flimkien ma' sekwestru tal-persuna), bil-mezz (ksur ta' ġewwa jew ta' barra jew bi skalata, ċioe billi b'xi mod wieħed jixxabbat jew jitla' jew jinżel, jew ksur ta' mezzi bħal dawn li qegħdin sabiex ma jħallux id-dħul f'dar jew f'lok ieħor jew f'reċint), bil-lok (dar ta' abitazzjoni jew parti li tagħmel magħha), bil-valur (aktar minn elf lira), u bil-ħin (bejn inżul u tlugħ ix-xemx), kif ukoll li kkommetta dan id-delitt fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża inflitta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999; kif ukoll bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta, meta b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju, 1999 kien ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat; u anke rrenda ruħhu reċidiv peress li b'sentenza oħra tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Marzu, 1998, huwa kien instab ħati ta' delitt;*

ii. *Ukoll talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġuna l-mewt ta' Josephine Grima, kif ukoll li kkommetta dan id-delitt fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża inflitta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 kif ukoll bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta, meta b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju, 1999 kien ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat u anke rrenda ruħhu reċidiv peress li b'sentenza oħra tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Marzu, 1998, huwa kien instab ħati ta' delitt;*

iii. *Dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġuna l-mewt ta' Gerald Grima, kif ukoll li kkommetta dan id-delitt fil-perijodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża inflitta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Novembru, 1999, kif ukoll bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 152 meta, b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju, 1999, kien ġie lliberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat, u anke rrenda ruħhu reċidiv peress li b'sentenza oħra tal-*

*Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-20 ta' Marzu, 1998 huwa kien instab ħati ta' delitt;*

5. *Illi eventwalment il-ġuri kien ġie xolt darbtejn, l-ewwel darba b'digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Kriminali fl-4 ta' Frar, 2004, u t-tieni darba b'digriet tal-istess Onorabbli Qorti mogħti nhar l-10 ta' Jannar, 2006;*

6. *Illi in breve, l-ewwel ġuri kien ġie xolt peress li l-Qorti Kriminali* 'ex officio' *iddikjarat li minħabba li l-każ tal-ko-awtur Bonnici ma kienx għadu deċiż u per konsegwena l-istess Bonnici ma setax jintalab biex jixhed mill-prosekuzzjoni (a tenur tal-artikolu 636(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali), u li peress li l-uffiċjal investigattiv John Rizzo kien għamel ampja referenza għal dak li l-istess Bonnici kien qal lilu fuq id-delitti in kwistjoni kien hemm il-perikolu li l-ġurati kienu se jibqgħu influwenzati avversament b'dik ix-xhieda;*

7. *Illi l-Qorti Kriminali iddikjarat ukoll li dan kien żvilupp imprevist li Domnic Bonnici ma setax jixhed f'dawk il-proċeduri għax il-każ tiegħu kien għadu mhux deċiż;*

8. *Illi l-Qorti Kriminali xoljiet il-ġuri għax dawn il-fatturi skont hi setgħu joħolqu periklu manifest ta'* 'miscarriage of justice' *fil-konfront tar-rikorrenti għax seta' jiġi ppreġudikat serjament id-dritt tiegħu li jkollu smigħ xieraq;*

9. *Illi t-tieni ġuri kien imbagħad xolt fl-10 ta' Jannar, 2006 peress li l-istess uffiċjal investigattiv John Rizzo fid-depożizzjoni tiegħu għamel referenza għall-fatt li r-rikorrenti kien f'xi żmien detenut il-ħabs minħabba xi kawżi oħra;*

10. *Illi finalment seħħ it-tielet ġuri u din id-darba permezz ta' sentenza datata 4 ta' Ottubru, 2007 il-Qorti Kriminali wara li rat il-verdett tal-ġurati li:*

a. *Bih b'seba' (7) voti favur u b'żewġ (2) voti kontra sabu lill-imsemmi Brian Vella ħati skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża iżda mingħajr il-kwalifika tal-mezz u b'dan li l-valur tal-oġġetti kien jeċċedi l-mitt lira Maltin (LM100) iżda ma kienx jeċċedi l-elf lira Maltin (LM1,000);*
b. *B'sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra sabuh ħati skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża, u*
c. *B'sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra sabuh ħati skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża, u*
d. *Wara li rat ir-rikorrent ma kienx qed jikkontesta l-addebiti li kiser sentenza sospiża, u għamel reat waqt perijodu operattiv ta' sentenza oħra u li kien reċidiv, iddikjarat lil Brian Vella:-*

   *Ħati tat-tliet kapi ta' akkużi u kkundannatu għall-piena ta' priġunerija għal għomru.*

11. *Illi b'sentenza datata 28 ta' Lulju, 2011 il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-konfront tar-rikorrent;*

*12. Illi fl-investigazzjoni ta' dan il-każ kemm ir-rikorrenti kif ukoll Domnic Bonnici irrilaxxaw numru ta' stqarrijiet u dan mingħajr ebda dritt ta' konsulta mal-avukat tagħhom u lanqas bid-dritt li l-istess ikunu assistiti waqt l-interrogatorju minn avukat tal-fiduċja tagħhom;*

*13. Illi r-rikorrenti lanqas kien ġie mogħti d-dritt tad-*'disclosure'*. Anzi huwa ġie tradut minn l-uffiċjali investigattivi bit-tattiċi abbużivi u qarrieqa li kienu jintużaw dak iż-żmien u li llum il-ġurnata lanqas toħlomha li jintużaw. Illum dan id-dritt ġie introdott fil-Kodiċi Kriminali permezz tal-artikolu 534AF;*

*14. Illi fil-mori ta' dan il-każ kien hemm bidla proċedurali fl-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali stante li x-xhieda ta' kompliċi fil-waqt li qabel kien hemm il-ħtieġa ta' korroborazzjoni bejn xhieda u oħra, wara l-emenda, il-Qorti ġiet obbligata li tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xhieda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat;*

*15. Illi lanqas jidher li d-dettami tal-artikolu 484 ġie segwit mill-Imħallef li ppreseda l-ġuri stante li ma dderiġiex lill-ġurati li setgħu jagħmlu rakkomandazzjoni li f'każ ta' ħtija l-Qorti għandha turi ħniena mal-akkużat u din ir-rakkomandazzjoni tista' tiġi milqugħa mill-Qorti, jew fl-applikazzjoni tal-liġi, jew billi tikkomunikaha lill-President ta' Malta f'rapport li tagħmel għaldaqshekk, jew f'xi wieħed mir-rapporti msemmijin fl-artikoli 493 u 494 tal-Kodiċi Kriminali;*

*16. Illi l-Imħallef li ppreseda l-ġuri kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali ma eżerċitaw l-ebda fakultà mogħtija lilhom skont l-artikolu 493, 494 u 513 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (fn. 1: 493.* Wara li tikkundanna persuna għall-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-qorti tista' tirrakkomanda bil-miktub lill-Prim Ministru fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa l-inqas żmien li fil-fehma tagħha għandu jgħaddi qabel ma l-priġunier jiġi meħlus mill-ħabs. Din ir-rakkomandazzjoni tkun tista' taraha l-persuna li tkun ġiet ikkundannata, u kopja tagħha tinżamm mir-reġistratur. 494. Kull imħallef li jkun qagħad f'kawża jista' jirrakkomanda lill-President ta' Malta il-persuna kkundannata għall-maħfra jew għat-tnaqqis tal-piena, billi jagħmel għaldaqshekk rapport bil-miktub imsaħħaħ bir-raġuni ta' dik ir-rakkomandazzjoni. 513. Kull imħallef jista' jeżerċita, dwar kull ħaġa li tkun ġiet trattata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, waqt li kien qiegħed fiha, is-setgħa tar-rakkomandazzjoni msemmija fl-artikolu 494 bl-istess mod kif dik is-setgħa tista' tiġi eżerċitata minn imħallef li joqgħod f'Qorti Kriminali)

*17. Illi l-piena ta' għomor il-ħabs hija piena esaġerata u mhux proporzjonata u ma tħalli l-ebda tama lir-rikorrent f'ħajtu;*

*18. Illi lanqas hemm il-benefiċċju tat-tnaqqis tal-piena f'każ li huwa jġib ruħu b'mod eżemplari meta jkun qed jiskonta s-sentenza tiegħu;*

*19. Illi f'Malta ma teżisti l-ebda* sentencing policy *jew* guidelines *fuq il-pieni li l-Qrati għandhom jagħtu;*

***Lanjanzi Kostituzzjonali rigward dan il-każ;***

***1) Fuq is-sentenza ta' għomor il-ħabs***

*20. Illi l-esponent umilment jemmen li l-piena ta' għomor il-ħabs hija piena esaġerata u mhux proporzjonata u prattikament hija trattament inuman u degradanti fil-konfront tiegħu;*

*21. Huwa trattament inuman u degradanti fil-konfront tiegħu aktar u aktar meta jiġi ikkunsidrat li l-verdett tal-ġurati kontra r-rikorrent ma kienx wieħed unanimu, imma kien l-anqas verdett ta' ħtija possibbli bil-liġi;*

*22. Illi l-artikolu 492(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:-*

Il-qorti tista' tagħti piena ta' priġunerija għal żmien li ma jkunx anqas minn tnax-il sena minflok il-piena ta' priġunerija għall-għomor jekk, fid-dikjarazzjoni ta' fatt li għalih hemm stabbilita l-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-voti tal-ġurati ma jkunux unanimi;

*23. Illi l-Qorti setgħet tagħti priġunerija għal żmien li ma jkunx inqas minn 12-il sena u ma kinitx marbuta li tagħti piena ta' għomor il-ħabs. Nonostante dan l-Imħallef li ppreseda l-ġuri kkundanna lill-esponenti għall-piena ta' għomor;*

*24. Illi l-Qorti Kriminali lanqas użat id-diskrezzjoni mogħtija lilha taħt l-**artikolu 493** et segwitur tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk ma kienet saret l-ebda rakkomandazzjoni dwar iż-żmien li fih ir-rikorrent seta' jagħmel talba għar-reviżjoni tas-sentenza tiegħu għal għomor il-ħabs;*

*25. Illi lanqas jidher li **l-artikolu 484** tal-Kodiċi Kriminali ġie segwit minn Imħallef li ippreseda l-ġuri għax fl-ebda mument ma dderiġa lill-ġurati li huma setgħu jagħmlu rakkomandazzjoni li f'każ ta' ħtija l-Qorti għandha turi ħniena mal-akkużat;*

*26. Illi fl-eventwalità ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-Qorti setgħet tikkonsidra l-istess meta tiġi biex tikkalibra l-piena jew billi tikkomunikaha lill-President ta' Malta f'rapport li tagħmel għal dan il-għan;*

*27. Illi dan il-fatt fih innifsu huwa wkoll parti mit-trattament inuman u degradanti li huwa ġie issuġġettat b'din is-sentenza;*

*28. Illi sentenza ta' għomor il-ħabs tmur kontra l-prinċipji tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem għax din it-tip ta' sentenza ċċaħħad kull possibilità ta' riabilitazzjoni, meta fil-verità l-iskop aħħari tal-liġi penali suppost huwa r-riabilitazzjoni u mhux vendetta tal-Istat;*

*29. Illi l-esponenti ma fadallu l-ebda tama f'ħajtu u faċilment jista' jiġi argumentat li sentenza ta' għomor il-ħabs hija ekwivalenti għad-*'death penalty' *għax għalkemm ir-rikorrenti ma ġiex maqtul f'ġurnata partikolari mill-Istat, l-istess Stat qed joqtlu ftit ftit kull ġurnata li tgħaddi minn fuqu;*

*30. Illi l-esponenti ilu l-ħabs mis-17 ta' Frar tas-sena 2000 meta huwa kien tressaq b'arrest in konnessjoni ma' dan il-każ u għalhekk illum ilu l-ħabs għal aktar minn wieħed u għoxrin (21) sena;*

*31. Illi sallum il-ġurnata f'Malta ma jeżistu l-ebda* sentence policy *jew 'guidelines' għall-Qorti u kull sentenza tiddependi fuq l-opinjoni suġġettiva tal-ġudikant;*

*32. Illi kull sentenza mogħtija fil-konfront ta' persuna għandu jkollha l-għan aħħari ta' riforma u riabilitazzjoni ta' dik il-persuna. Kull priġunier irid jiġi mogħti l-opportunità li jirriforma ruħhu sabiex jiġi riabilitat fis-soċjetà sabiex b'hekk ikollu l-okkażjoni li jgħix ħajja konformi mal-liġi. Illi dan il-każ ma hux xi eċċezzjoni;*

*33. Fid-dawl ta' dan, is-sentenza li huwa ġie mogħti hija waħda leżiva għad-drittijiet fundamentali tiegħu fid-dawl li qed tissuġġettah għal trattament inuman u degradanti u dan a tenur tal-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

***Rimedju mogħti lir-rikorrenti permezz tas-sentenza datata 5 ta' Ottubru, 2018***

*34. Illi l-esponenti ngħata s-sentenza ta' għomor il-ħabs mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' Ottubru, 2007;*

*35. Illi din is-sentenza saret definittiva b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-28 ta' Lulju, 2011;*

*36. Illi b'sentenza datata 22 ta' Marzu, 2018, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali l-esponenti kien ġie ddikjarat li* 'r-rikorrent ġarrab u qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx suġġett għal trattament inuman u degradanti taħt l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni safejn il-liġi f'Malta ma tagħtix li persuna li tkun ikkundannata b'sentenza tal-Qorti kompetenti biex isservi sentenza ta' għomor fil-ħabs tista' titlob reviżjoni tas-sentenza li ngħatatilha fl-ebda żmien'*;*

*37. Illi bħala rimedju l-Qorti kienet tat lir-rikorrenti l-fakultà li mal-għeluq tal-perijodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena minn mindu ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet espressi ta' liġi li jgħidu mod ieħor, il-każ tar-rikorrent jitressaq quddiem il-Bord tal-*Parole *imwaqqaf taħt l-Att tal-2011 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, li jkollu s-setgħa u d-dmir li jqis iċ-ċirkostanzi kollha tar-rikorrent f'dak iż-żmien u jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar jekk ir-rikorrent jistħoqqlux jibbenefika minn xi wieħed mir-rimedji mogħtijin mill-istess imsemmi Att (jew Att ieħor li jiddaħħal minfloku) bħal ma tista' tibbenefika kull persuna oħra li tkun qiegħda sservi sentenza definittiva ta' ħabs mhux għal għomorha;*

*38. Illi din is-sentenza kienet ġiet riformata permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kostituzzjonali datata 5 ta' Ottubru, 2018 stante li l-perijodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena kellu jibda mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali ossija mill-4 ta' Ottubru, 2007;*

*39. Illi però sa llum il-ġurnata l-artikolu 10(3)(g) tal-Kap. 516 baqa' l-istess u l-leġislatur ma ħa ebda azzjoni sabiex jippermetti lil rikorrent li japplika għall-*parole*;*

*40. Illi agħar minn hekk is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kostituzzjonali datata 5 ta' Ottubru, 2018 qalet illi l-perijodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena kellu jibda jiddekorri mis-sentenza tal-Qorti Kriminali;*

*41. Illi din id-dikjarazzjoni hija tal-fehma tal-esponenti ukoll leżiva d-dritt tiegħu li ma jiġix issuġġettat għal trattament inuman u degradanti u ma tikkostitwixxix rimedju effettiv stante li huwa kien ilu detenut fuq dan il-każ mis-17 ta' Frar, tas-sena 2000;*

*42. Illi l-esponenti jemmen li l-Qorti tal-Appell Kostituzzjonali kienet kostretta li tiddikjara dan stante li l-Artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li kull żmien magħmul f'detenzjoni qabel sentenza ta' dikjarazzjoni ta' ħtija u kundanna, għandu jitqies li jagħmel parti miż-żmien ta' priġunerija jew detenzjoni mogħti lill-ikkundannat, <u>ħlief f'każ ta' kundanna ta' priġunerija għall-għomor</u>;*

*43. Illi għalhekk l-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali kien u qed jilledi d-dritt tar-rikorrenti stante li meta kien ġie redatt dan l-artikolu ma kien hemm l-ebda possibilità li persuna li ġiet ikkundannata għomor il-ħabs tapplika għall-*parole *u fil-fatt sal-ġurnata tallum il-liġi ma tipprovdix mod ieħor;*

*44. Illi l-esponenti jikkontendi li ż-żmien magħmul f'detenzjoni qabel is-sentenza ta' ħtija għandu jitqies u jiġi kkunsidrat għall-fini ta' applikazzjoni għall-*parole*;*

*45. Fin-nuqqas, ir-rimedju mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali ma hux wieħed xieraq u opportun tenut kont is-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dritt fil-konfront tiegħu;*

***Tnaqqis fil-piena* – remission**

*46. Illi l-esponent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, tikkonsidra ukoll in-nuqqas tal-benefiċċju tat-tnaqqis fil-piena minħabba kondotta tajba ġewwa l-ħabs, ukoll tikkostitwixxi trattament inuman u degradanti fil-konfront tiegħu;*

*47. Illi l-artikolu 22 tal-Kap. 516 fil-fatt jipprekludi persuna li tkun ġiet mogħtija sentenza ta' għomor il-ħabs li tibbenefika mit-tnaqqis fil-piena;*

*48. Illi a skans ta' ripetizzjoni l-argumenti marbuta mal-għotja tal-*parole *u mal-possibilità u l-opportunità li priġunier japplika għal* parole *japplikaw ukoll għat-tnaqqis fil-piena nonostante li l-piena hija waħda ta' għomor il-ħabs;*

*49. Illi bħala fatt, jekk jiġi kkunsidrat li l-esponent jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena tiegħu, u fid-dawl li llum ingħata dritt tal-applikazzjoni għall-*parole*, prattikament huwa llum jista' japplika għal* parole *stante li l-perijodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena ddekorrew;*

*50. Għaldaqstant l-artikolu 22 tal-Kap. 516 għal darba oħra qed jikkostitwixxi ksur tal-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-konfront tiegħu;*

***Sentenza mogħtija minn l-istess Imħallef li ppreseda u ddeċieda l-każ ta' Domnic Bonnici***

*51. Illi r-rikorrent jemmen li huwa ma setax ikollu smigħ xieraq meta l-Imħallef li ppreseda l-ġuri tiegħu kien l-istess Imħallef li ppreseda l-ġuri tal-ko-akkużat Domnic Bonnici;*

*52. Illi dan il-fatt żgur ħoloq preġudizzju fl-Imħallef kontra r-rikorrent la darba instabet il-ħtija fil-konfront tiegħu;*

*53. Illi Domnic Bonnici kien ammetta u ġie kkundannat tletin sena priġunerija. Peress li r-rikorrent ma ammettiex l-akkużi, il-Qorti kienet ikkundizzjonata li tagħti piena aktar oneruża minn dik ta' Bonnici;*

***Ksur tas-smigħ xieraq u trattament inuman u degradanti stante li l-ġuri tiegħu ġie xolt darbtejn;***

*54. Illi l-esponent jemmen li x-xoljiment tal-ġuri tiegħu għal darba darbtejn ikkostitwixxa trattament inuman u degradanti fil-konfront tiegħu apparti li lleda d-dritt tiegħu li jkollu smigħ xieraq kif jitlob l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;*

*55. Illi fiż-żewġ okkażjonijiet ix-xoljiment tal-ġuri ġara minħabba l-inkompetenza tal-Pulizija kif ukoll tal-Avukat Ġenerali;*

*56. Illi dan qed jintqal għax l-Avukat Ġenerali kien jaf ben tajjeb li l-proċess fil-konfront ta' Domnic Bonnici kien għadu ma ġiex finalizzat u għaldaqstant ma kien hemm ebda raġuni valida skont il-liġi li jħalli lill-uffiċjal investigattiv jixhed fuq fatti li sar jaf mingħand Domnic Bonnici;*

*57. Illi dan il-fatt ma kien imprevist xejn kif iddikjarat il-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha fl-ewwel xoljiment;*

*58. Illi kienet inkompetenza ukoll tal-Pulizija li jagħmlu referenza għall-fatt li r-rikorrenti kien il-ħabs waqt ix-xhieda tagħhom;*

*59. Li hu żgur hu li l-bidu ta' ġuri u x-xoljiment tiegħu minħabba din it-traskuraġni ħolqot tensjoni u stress liema bħalu lil rikorrenti għax kellu jgħix għal darbtejn tlieta l-proċess tal-ġuri tiegħu;*

*60. Illi apparti dan id-dewmien taż-żmien laħaq ġab applikabilità ta' emenda fl-artikolu 683(3) tal-Kap. 9 li rrenda l-prova tal-każ fil-konfront tiegħu aktar faċli tenut kont li l-każ kien mibni b'mod partikolari fuq xhieda ta' ko-akkużat Bonnici;*

*61. Illi meta seħħ il-każ li tiegħu ġie misjub ħati r-rikorrent, l-Artikolu 683(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien jgħid illi sabiex ix-xhieda tal-kompliċi jew tal-ko-awtur tkun ammissibbli din trid tkun ikkorroborata minn xi ċirkostanzi. Bl-emenda l-ġdida l-korroborazzjoni b'ċirkostanza oħra ma kinitx aktar rikjesta;*

*62. Illi la darba dan il-bdil proċedurali kien daqshekk kataklismiku minħabba l-influwenza sustantiva fuq il-mertu, fl-umli fehma tar-rikorrent kellu japplika l-*

*prinċipju tan-non-retroattività. (fn. 2: Illi rigward jekk għandux jiġi applikat il-prinċipju tan-non-retroattività meta jkun hemm bdil proċedurali, ikun tajjeb li wieħed jara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, tal-24 ta' Jannar, 1989 fl-ismijiet The Republic of Malta v. Ravi Ramani u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri. F'dawn is-sentenzi jingħad illi "bħala regola" ma għandux ikun applikat dan il-prinċipju fejn ikun hemm bdil proċedurali, però huwa wkoll ċar li jingħad li l-kliem 'bħala regola' għax ma huwiex eskluż li jista' jkun hemm materji, apparentement proċedurali, iżda li tant direttament jinċidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le għal reat jew fuq il-punibbilità ta' dak l-att jew ta' dik l-ommissjoni, li għalihom, f'dak il-każ, ikun effettivament applikabbli wkoll il-prinċipju tan-non-retroattività.)*

*63. Illi dan jagħmel aktar sens meta wieħed iqis li ko-akkużat kellu interess speċifiku li jfarfar ir-responsabbilità tiegħu minn fuq spallejh għal fuq ir-rikorrenti sabiex jibbenefika minn tnaqqis fil-piena tiegħu;*

*64. Illi l-prinċipju illi d-dispożizzjonijiet ta' proċedura japplikaw retroattivament ma hux daqshekk ġeneriku u assolut fil-materja penali għax dawk huma l-emendi strettament proċedurali biss li għandhom japplikaw retroattivament, u mhux dawk li huma intimament konnessi mal-mertu tal-kawża. Dawn tal-aħħar ma għandhomx dan l-effett retroattiv; (fn. 3: ara f'dan is-sens is-sentenza datata 7 ta' Nov. 1949 fl-ismijiet P v Marietta Borg et per Imħallef W. Harding).*

*65. Illi minħabba x-xoljiment tal-ġuri, saħansitra anke l-att ta' akkuża ġie kkoreġut mill-Avukat Ġenerali u fejn fil-bidu kien qed jiġi allegat li din is-serqa saret minn tlieta min-nies, ir-rikorrenti ġie ffaċċjat b'att ta' akkuża li qal li kienu hu u Bonnici li wettqu din is-serqa;*

*66. Illi dan iħallina f'punt li minħabba li l-ġuri tiegħu ġie xolt darbtejn, is-sentenza mogħtija mill-Qorti hija waħda bbażata fuq applikazzjoni ta' proċedura li hija waħda leżiva għad-dritt tar-rikorrent li jkollu smigħ xieraq;*

***Nuqqas tad-dritt tad-*****disclosure** ***u stqarrijiet tar-rikorrenti ttieħdu mingħajr dritt ta' konsulta jew avukat preżenti;***

*67. Illi l-esponenti jissottometti li l-investigazzjoni u l-interrogatorju li saru f'dan il-każ kienu leżivi għad-dritt tiegħu li jkollu smigħ xieraq apparti l-fatt li kienu jikkostitwixxu trattament inuman u degradanti;*

*68. Illi r-rikorrent ma kienx ġie mogħti l-ebda dritt tad-*'disclosure'* skont l-artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali meta huwa ġie interrogat u l-Pulizija użaw tattiċi u tranelli fil-konfront tiegħu sabiex iġiegħluh jammetti u jieħdu minnu ammissjoni;*

*69. Illi dan kien abbuż u qerq użat mill-Pulizija fil-konfront tiegħu billi ġie espost għal fatti inveritieri u vvintati mill-Pulizija;*

*70. Illi huwa lanqas kien ġie mogħti l-fakultà li jikkonsula ma' avukat jew li jkollu l-avukat fl-interrogatorju tiegħu;*

*71. Illi r-rikorrent ġie arrestat u interrogat diversi drabi minħabba dan il-każ u fl-ebda mument jew ħin ma ġie offrut xi forma ta' assistenza legali;*

*72. Illi għalhekk kull stqarrija li ġiet magħmula mir-rikorrenti ma tista' toffri l-ebda garanzija li din ġiet mogħtija mir-rikorrenti b'għażla ħielsa, b'għarfien tal-jedd li jibqa' sieket,u bla theddid, wegħdiet, vjolenza jew b'xi mod ieħor abbużivament;*

*73. Illi l-esponenti jikkontendi li waqt l-interrogatorju huwa tpoġġa mill-Pulizija fi stat ta' vulnerabbilità u dgħjufija jew biża' minn l-istess uffiċjali tal-Pulizija;*

*74. Illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-Pulizija fl-assenza ta' avukat kellha fil-fatt influwenza wkoll fuqu biex jistqarr ċerti fatti u sabiex ma jgħidx fatti rilevanti għall-każ;*

*75. Illi ċertament, meta hemm dik il-pożizzjoni ta' vulnerabbilità t-teħid ta' stqarrija fl-assenza ta' avukat tista' twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;*

*76. Illi barra minn hekk, tenut kont li r-rikorrenti seta' ukoll kien taħt l-influwenza tad-drogi, il-parir tal-avukat tiegħu seta' jservi ukoll sabiex tingħeleb dik il-vulnerabbilità u biex tingħata garanzija kontra kull abbuż li sar fil-konfront tiegħu;*

*77. Illi aktar gravi minn hekk huwa l-fatt li huwa ma setax jikkonsulta ma' avukat sabiex jidderiġieh u jirregola l-pożizzjoni tiegħu;*

*78. Illi dak kollu juri li meta r-rikorrenti kien ġie interrogat, huwa ġie suġġett għal trattament inuman u degradanti mill-Pulizija hekk kif se jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

*79. Illi r-rikorrenti kien ġie intimidat mill-uffiċjali tal-Pulizija li investigawh u ntqalu stejjer lilu li ma kinux vera sabiex iġibuh dahru mal-ħajt;*

*80. Illi r-rikorrenti kien taħt xokk wara li beda jiġi allegat fil-konfront tiegħu li huwa kkommetta omiċidju doppju u li hu kien il-monstru wara dan id-delitt. Spiċċa konfużjoni, issikkat u mbeżża' mill-interrogaturi;*

*81. Illi waqt dan l-interrogatorju kien taħt l-influwenza tad-drogi, tħalla bil-ġuħ, bil-għatx u bla sigaretti mill-uffiċjali;*

*82. Illi fil-fatt fl-aħħar ħin tal-interrogazzjoni huwa kien ġie mwiegħed kafe u sigarett dment li jagħmel stqarrija;*

*83. Illi huwa ġie mneżża' minn ħwejġu u mlibbes biss inċirata tal-karti bajda fil-kesħa ta' Frar;*

*84. Illi l-esponenti ġie mċaħħad ukoll mill-pilloli tad-dipressjoni li kien jieħu b'ordni tat-tabib tiegħu;*

*85. Illi l-istqarrijiet tiegħu kienu fattur determinanti fis-sejbien ta' ħtija tiegħu għax dawn inqraw lill-ġurati u d-domandi u r-risposti tiegħu ġew użati fil-kors tal-ġuri b'interpretazzjoni distorta li ngħatat mill-prosekuzzjoni;*

*86. Illi l-esponenti lanqas li kieku ried ma seta' jikkollabora mal-Pulizija f'dawn iċ-ċirkostanzi;*

*87. Illi l-ispettur investigattiv John Rizzo kien ukoll ħabib ta' missier il-mara tiegħu li ġab ċertu skumdità fir-rikorrenti;*

*88. Illi n-nuqqas ta' dritt ta' avukat ta l-okkażjoni lill-Pulizija sabiex tkun selettiva fl-investigazzjoni tagħha. Ir-rikorrenti talab diversi drabi sabiex jiġi mitkellem Kevin Farrugia sabiex ovvjament jitfa' dawl fuq dak li kien qed jiġi allegat minnu. Nonostante dan però l-Pulizija ma kellmitux;*

*89. Illi saħansitra anke n-nuqqas ta' dawn id-drittijiet fil-konfront tal-ko-akkużat Bonnici kienu ta' preġudizzju kbir fil-konfront tiegħu;*

*90. Għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrenti jikkontendi li fil-konfront tiegħu inkiser il-jedd tiegħu li jkollu smigħ xieraq f'dan il-każ u kien suġġett għal trattament inuman u degradanti;*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1) Tiddikjara li stante:*

1. *Ix-xoljiment tal-ġuri;*
2. *Is-sentenza ta' għomor il-ħabs;*
3. *In-nuqqas ta'* disclosure *min-naħa tal-Pulizija;*
4. *Il-mod kif ittieħdu l-istqarrijiet tiegħu u dawk ta' Domnic Bonnici;*
5. *Il-mod kif ġie trattat mill-Pulizija fl-investigazzjoni ta' dan il-każ;*
6. *Nuqqas ta'* sentencing policy *jew* guidelines *lill-Qrati;*
7. *Nuqqas ta' Imħallef li juża d-diskrezzjoni mogħtija lilu taħt l-**Artikolu 493** et segwitur tal-Kodiċi Kriminali;*
8. *Nuqqas tal-Imħallef li jsegwi l-**artikolu 484** tal-Kodiċi Kriminali;*
9. *L-artikolu 22 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
10. *L-artikolu 22 tal-Kap. 516 tal-Liġijiet ta' Malta;*
11. *L-Imħallef li ppreseda l-ġuri kien l-istess Imħallef li ppreseda l-ġuri ta' Domnic Bonnici;*
12. *L-emenda fl-artikolu 683(3) tal-Kap. 9 u l-applikazzjoni tagħha kif interpretata;*
13. *U r-rimedju mogħti lir-rikorrenti permezz tas-sentenza datata 5 ta' Ottubru, 2018;*

*jew min minnhom, kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif sanċiti taħt l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u kif ukoll dawk sanċiti taħt l-artikolu 6 tal-istess,*

*U dan previja kull dikjarazzjoni oħra li din l-Onorabbli Qorti tħoss opportuna fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati.*

2. Rat ir-Risposta tal-intimati **l-Avukat tal-Istat** u l-**Kummissarju tal-Pulizija** [minn issa 'l quddiem 'l-intimati'], li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Frar, 2022, fejn ingħad kif ġej:

*"Jgħidu bil-qima:*

1. *Illi din it-tweġiba qiegħda ssir b'ħarsien tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar id-19 ta' Jannar, 2022, li ġie nnotifikat lill-Avukat tal-Istat flimkien mar-rikors promutur nhar l-1 ta' Frar, 2022, bi żmien għoxrin (20) jum għar-risposta;*

2. *Illi in suċċint, ir-rikorrent Brian Vella instab ħati b'verdett ta' ġurija talli fl-10 ta' Frar, tas-sena 2000: ikkommetta serq ikkwalifikat, volontarjament ikkaġuna l-mewt kemm ta' Josephine Grima u kif ukoll ta' Gerald Grima, ikkommetta dawn id-delitti fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża u bi ksur ta' sentenza ta' liberazzjoni kondizzjonata u bl-addebitu tar-reċidiva. Huwa kien ikkundannat priġunerija għall-għomor. Ir-rikorrent kien ħassu aggravat mis-sentenza tal-Qorti Kriminali u intavola appell minn din id-deċiżjoni. B'sentenza datata <u>28 ta' Lulju, 2011</u>, **il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) <u>ikkonfermat</u> is-sentenza tal-Qorti Kriminali**;*

   *Sussegwentement, ir-rikorrent istitwixxa kawża Kostituzzjonali quddiem **Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili** [23/2013] li ġiet deċiża mill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef nhar it-<u>22 ta' Marzu, 2018</u> fejn ġie **dikjarat li r-rikorrent sofra minn ksur tal-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni peress li persuna kkundannata għal terminu ta' priġunerija ta' għomor ma setgħetx titlob reviżjoni tas-sentenza f'ebda żmien.** Bħala rimedju din l-Onorabbli Qorti (kif diversament preseduta) kienet ordnat li mal-għeluq tal-perijodu ta' 25 sena minn meta ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent jista' jġib il-każ tiegħu quddiem il-Bord tal-Parole;*

   *Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza u l-appell tiegħu ġie deċiż mill-**Qorti Kostituzzjonali** nhar il-<u>5 ta' Ottubru, 2018</u>. F'dik is-sentenza l-appell ġie parzjalment milqugħ u ordnat li t-terminu tal-25 sena jibda jiddekorri mis-sentenza tal-Qorti Kriminali minflok mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali;*

***A. <u>EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI</u>***

3. *Illi jingħad li **<u>uħud mill-materji mqajma fl-ewwel talba</u>** tar-rikorrent huma suġġetti **<u>res judicata</u>.** Il-Qorti Ċivili Prim'Awla u l-Qorti Kostituzzjonali diġà ġew rrinfaċċjati bl-istess mertu in kwantu għal ksur tal-artikolui 3 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni;*

*Fil-fatt il-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) permezz ta' sentenza datata sentenza datata 22 ta' Marzu, 2018 sabet ksur taħt l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni "*safejn il-liġi f'Malta ma tagħtix li persuna tkun ikkundannata b'sentenza tal-Qorti kompetenti biex isservi sentenza ta' għomor fil-ħabs tista' titlob reviżjoni tas-sentenza li ngħatatilha fl-ebda żmien";

*L-istess Qorti ordnat –*

'li mal-għeluq tal-perijodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena minn mindu ngħatat is-sentenza u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet espressi tal-liġi li jgħidu mod ieħor, il-każ tar-rikorrent jitressaq quddiem il-Bord tal-*Parole* imwaqqaf taħt l-Att tal-2011 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, li jkollu s-setgħa u d-dmir li jqis iċ-ċirkostanzi kollha tar-rikorrent f'dak iż-żmien u jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu **dwar jekk ir-rikorrent jistħoqqlux jibbenefika minn xi wieħed mir-rimedji** mogħtijin mill-istess imsemmi Att (jew Att ieħor li jiddaħħal minfloku) bħalma tista' tibbenefika kull persuna oħra li tkun qiegħda sservi sentenza definittiva ta' ħabs imma mhux għal għomorha.'

***Il-Qorti Kostituzzjonali semgħet u ġġudikat l-appell, fejn l-aggravju prinċipali tar-rikorrent kien li t-terminu ta' 25 sena għandu jibda jgħaddi mid-data tal-inkarċerazzjoni tiegħu, jiġifieri mis-17 ta' Frar, 2000** minflok mid-data tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Lulju, 2011, kif ordnat il-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali);*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ħasset illi l-aggravju kien ġustifikat u **varjat id-deċiżjoni tal-Ewwel Istanza fis-sens li ż-żmien ta' 25 sena jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali (mill-ġuri) u ċioe mit-28 ta' Lulju, 2011**;*

*Fil-premessa 34 tar-rikors odjern ir-rikorrent jgħid li* "is-sentenza li huwa ġie mogħti hija waħda leżiva għad-drittijiet fundamentali tiegħu fid-dawl li qed tissuġġettah għal trattament inuman u degradanti u dan a tenur tal-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea";

*Jidher għalhekk li r-rikorrent lanqas ma kien sodisfatt bid-deċiżjoni tal-5 ta' Ottubru, 2018 tal-Qorti Kostituzzjonali u qiegħed permezz tar-rikors preżenti jittenta jagħmel **appell mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali** biex jottjeni varjazzjoni ulterjuri!;*

4. *Illi bl-istess mod huwa paċifiku li **l-irwol ta' din il-Qorti mhuwiex li sservi bħala Qorti tat-tielet istanza mill-Qorti tal-Appell Kriminali.** Dan jingħad in vista tal-fatt li numru ta' punti mqajma fir-rikors promutur jirrigwardjaw punti proċedurali kriminali li kienu jew li misshom kienu l-mertu tal-proċeduri kriminali, inkluż l-appell, li kellu r-rikorrent;*

5. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent qiegħed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu* "kif sanċiti taħt l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u kif ukoll dawk sanċiti taħt l-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni **jew artikoli oħra tal-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropea'**;

   *L-esponenti minnufih jeċċepixxu illi r-referenza għall-artikoli mhux speċifikati hija inaċċettabbli u għalhekk din il-kawża għandha tkun mistħarrġa biss fuq l-artikoli ċitati mir-rikorrent b'mod speċifiku. F'dan is-sens issir referenza għar-Regolament 3 (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09* 'Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni' *li jipprovdi –*

   "Rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkun fih, **b'mod konċiż u ċar** il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment u għandu jsemmi **d-dispożizzjoni jew dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li jkun allega li jkunu ġew**, li jkunu qed jiġu, jew li jkunu x'aktarx ser jiġu **miksura**."

   *Ir-rikorrent għandu kjarament jiddikjara fuq liema artikoli qed jibbaża t-talbiet tiegħu. Fl-eventwalità li jindika artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li ma ġewx speċifikati mir-rikorrent fir-rikors promutur, l-esponenti jirriservaw illi jippreżentaw risposta ulterjuri sabiex jindirizzaw dawk l-artikoli addizzjonali;*

***B. EĊĊEZZJONIJIET FIL-MERTU***

6. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-esponenti jirrespinġu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent* ai termini *tal-artikoli 3 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikoli 36(1) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

   ***Dwar is-Smigħ Xieraq***

7. *Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ċitat mir-rikorrent jipprovdi li* 'kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi". *L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jmur oltre meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-esponenti jirrilevaw illi **ma sar xejn matul il-proċess kriminali u matul il-proċess Kostituzzjonali li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-drittijiet tar-rikorrent**, u ma jirriżulta minn imkien li b'xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijiet mogħtija bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

8. *Illi f'dan ir-rigward jingħad ukoll li: (a) il-proċeduri inżammu u ġew determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrent kellu aċċess għall-qorti; (ċ) is-*

*smigħ sar fil-preżenza tar-rikorrent; (d) il-partijiet qegħdin ġew trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrent ingħata l-opportunità kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel; (f) ir-rikorrent kien megħjun minn avukati tal-fiduċja tiegħu tul il-proċeduri; u (ġ) ir-rikorrent ingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;*

9. *Illi għalhekk safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-allegat ksur tal-* ***artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*** *u tal-* ***artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,*** *l-esponenti jeċċepixxu illi r-rikorrent ma ġarrabx preġudizzju fil-proċeduri tiegħu. Huwa ma jistax kredibbilment jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ġie leż minħabba li allegatament il-Pulizija ma tatux* disclosure *tal-materjal u l-provi kollha li ġabret. Matul il-proċeduri kriminali r-rikorrent gawda mill-preżunzjoni tal-innoċenza, kellu aċċess sħiħ u kopja tal-atti tal-kumpilazzjoni biex jipprepara għall-każ tiegħu, il-prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha kontrih lil hinn minn kull dubbju raġonevoli fi stadju ta' ġuri u r-rikorrent kellu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu kif ħass li kien xieraq inkluż li jintavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Matul il-proċeduri kostituzzjonali wkoll, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, il-każ tiegħu ġie mismugħ minn Qorti indipendenti u imparzjali, in osservanza tal-prinċipju* audi alteram partem*, fi żmien raġonevoli;*

10. *Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-aġir tal-esponenti ċertament ma kienx u ma huwiex abbużiv jew jonqos li josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-esponenti aġixxew korrettement skont il-Liġi u fil-parametri imposti mil-Liġi u bl-ebda mod ma ppreġudikaw id-drittijiet tar-rikorrenti;*

***<u>Dwar trattament inuman jew degradanti</u>***

11. *Illi l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti"*. L-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jmur oltre għaliex jipprovdi wkoll protezzjoni minn tortura, apparti minn trattament inuman jew degradanti jew piena. It-tortura tokkorri meta persuna deliberatament tiġi assoġġettata għal* ***sofferenza serja u krudili*** *minn persuna oħra. Trattament inuman jew piena jokkorri meta wieħed jiġi assoġġettat għal* ***sofferenza fiżika jew mentali intensa****. Trattament degradanti jikkostitwixxi imġieba fuq persuna li* ***estremament tnaqqas id-dinjità ta' persuna oħra u tumiljaha****;*

12. *Illi skont pronunzjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fl-ismijiet* ***<u>Abdulaziz Cabales and Balkandali vs UK (1985)</u>*** *ir-rekwiżit ta' trattament degradanti ikun speċifikat meta jiġi pruvat, li kien hemm intenzjoni speċifika biex tumilja. L-esponenti jeċċepixxu illi r-rikorrent ma ġarrabx preġudizzju f'dan is-sens fil-proċeduri tiegħu;*

***Dwar ix-xoljiment tal-ġuri***

13. *Illi bid-dovut rispett, il-ġurijiet preċedenti ġew xolti proprju biex ma jkunx hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Ħarsa ħafifa lejn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 28 ta' Lulju, 2011 fl-ismijiet* "Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella", *turi li din il-materja kienet ġiet indirizzata –*

    "L-ewwelnett, ix-xoljiment tal-ġuri f'dawk iż-żewġ okkażjonijiet preċedenti sar fl-interess tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja."

    *Din il-Qorti* ***mhijiex Qorti tat-tielet istanza mill-Qorti tal-Appell Kriminali****. Dan jingħad in vista tal-fatt li dan il-punt imqajjem fir-rikors promutur jirrigwardja proċedura kriminali li kienet mertu, inkluż tal-appell, li kellu r-rikorrent;*

***Dwar is-sentenza ta' għomor il-ħabs***

14. *Illi bir-rispett dovut għall-ilment tar-rikorrent li l-piena ta' għomor il-ħabs hija piena esaġerata u mhux proporzjonata, inumana u degradanti, l-esponenti jwieġbu illi t-telfa tal-vittmi tal-omiċidju multipli hija ħafna aktar esaġerata u sproporzjonata, inumana u degradanti meta wieħed iqis li l-ħajjiet ta' dawn l-imsejkna ġew mitmuma qabel il-waqt b'mod tant kodard u krudili. Għandu għaldaqstant ikun hemm bilanċ bejn id-drittijiet tar-rikorrent u d-drittijiet tal-vittmi u l-familjari tagħhom. Apparti dan tajjeb wieħed ifakkar illi l-artikolu 492(2) ċitat mir-rikorrent, jipprovdi li l-qorti tista'. Il-fatt li t-tieni u t-tielet kap ġew deċiżi b'verdett ta' 6-3 ma jfissirx illi l-Imħallef kellu obbligu li jagħti piena fil-minimu. L-Imħallef xorta seta' jagħti l-għomor iktar u iktar meta qis li kien hemm omiċidju multipli. Il-qorti li tisma' l-ġuri għandha d-diskrezzjoni u ma hemmx ksur tal-liġi meta l-Qorti timxi skont id-dettami tagħha;*

***Dwar l-istqarrijiet u d-*****disclosure**

15. *Il-fatt li r-rikorrent allegatament ma kienx assistit minn avukat qabel u waqt l-interrogazzjni, u ma ngħatax* disclosure*, ma jwassalx awtomatikament għal ksur tad-dritt għal ħelsien mit-tortura jew minn trattament jew pieni inumani jew degradanti, u għal ksur tas-smigħ xieraq. L-esponenti jirribattu li kull każ għandu jiġi eżaminat skont iċ-ċirkostanzi tiegħu u l-imsemmija drittijiet għandhom jiġu eżaminati fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri kollha;*

16. *Illi effettivament fil-każ odjern bl-ebda mod ma jirriżulta li r-rikorrent kien imġiegħel jagħti xi stqarrija. Filfatt ir-rikornnet ingħata t-twissija skont il-liġi senjatament li ma kienx obbligat jitkellem jew iwieġeb, iżda li dak li kien ser jgħid*

*seta' jinġieb bħala prova kontrih, u għalhekk ir-ikorrent irrilaxxa l-isqarrijiet wara li ngħata l-*caution, *volontarjament;*

17. *Illi mhux minnu li d-Difiża tar-rikorrent ġiet b'xi mod ippreġudikata jew ikkontaminata minħabba li r-rikorrent ma kienx ingħata dritt ta' konsulta ma' avukat qabel u waqt l-interrogatorju u ma kienx ingħata d-dritt tad-*disclosure*. L-esponenti jeċċepixxu li r-reati li taw lok għal dawn il-proċeduri ġew kommessi nhar l-10 ta' Frar tas-sena 2000, u l-proċeduri tal-ġuri li seħħ kollu (l-ewwel tnejn ġew xolti), ġew magħluqa b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Lulju, 2011. Fis-sena 2000 id-dritt għal assistenza legali u d-dritt għad-*disclosure *kif nafuh illum bil-liġi preżenti ma kienx parti mil-liġi nostrana, u għalhekk ma jistgħux proċeduri li taw lok diversi snin ilu jiġu mitkejla b'qies li ma kienx jeżisti dak iż-żmien.*

***<u>Dwar is-</u>*<u>sentencing policy</u> *<u>jew</u>* <u>guidelines</u> *<u>lill-Qrati</u>***

18. *Illi filwaqt li l-esponenti jikkonċedu illi f'Malta ma hemm l-ebda* sentencing policy *jew* guidelines *fuq il-pieni li l-Qrati għandhom jagħtu, jirrikonoxxu ukoll li l-każistika miexja lejn il-fatt illi ħati ta' sentenza ta' għomor il-ħabs mingħajr kundizzjoni, jista' wara ammont ta' żmien, jidher quddiem il-Bord tal-*Parole*;*

***<u>Dwar l-artikoli 493 et sequitur tal-Kap. 9</u>***

19. *Illi r-rikorrent jgħid li la l-Imħallef li ppreseda l-ġuri, u lanqas l-Imħallfin li poġġew fil-Qorti tal-Appell Kriminali ma eżerċitaw ebda fakultà mogħtija lilhom skont l-<u>artikoli 493, 494 u 513</u> tal-Kap.9. Għal darb'oħra l-esponenti jirribattu illi **<u>l-artikoli huma fakoltattivi</u>** u għalhekk l-Imħallef jew il-Qorti, skont il-provvedimenti fil-liġi, <u>tista</u>' tirrakkomanda u tista' teżerċita, <u>u mhux għandha</u>;*

***<u>Dwar l-artikolu 484 tal-Kap. 9</u>***

20. *Illi rigward l-<u>artikolu 484</u> tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe li l-Imħallef ma dderiġiex lill-ġurati li setgħu jagħmlu rakkomandazzjoni f'każ ta' ħtija, l-esponenti jirribattu illi jekk id-difiża fis-sottomissjonijiet tagħha ma qajmitx dan il-punt, ma jistax multo magis issa jattakkaw lill-Imħallef li ma rreferiex għal punt li huma stess ma qajmux. Jekk id-difensur ma talabx għal klemenza, kellu jitlobha l-Imħallef? L-artikolu 484 jipprovdi "*kull wieħed mill-ġurati jista', billi jagħti r-raġuni, jirrakkomanda lill-akkużat misjub ħati għall-ħniena tal-qorti, u din ir-rakkomandazzjoni tista' tiġi milqugħa mill-qorti"*. Inoltre l-artikolu ma jgħidx il-qorti jew l-Imħallef jista' imma kull wieħed mill-ġurati jista'. Għalhekk l-esponenti jistiednu lir-rikorrent jikkjarifika fejn id-dettami tal-liġi ma ġietx segwita;*

***<u>Dwar li l-imħallef li ppreseda l-ġuri kien l-istess Imħallef li ppreseda l-ġuri ta' Domnic Bonnici</u>***

21. *Illi bid-dovut rispett, ma hemm l-ebda liġi li tipprovdi li meta jkun hemm is-separazzjoni tal-ġudizzju li l-istess Imħallef ma jistax jisma' l-kawżi tal-ko-akkużati fi proċeduri separati. Jibqa' l-fatt li Domnic Bonnici rreġistra ammissjoni u kien hemm patteġġjament u qbil dwar tletin (30) sena priġunerija, mentri l-ħtija tar-rikorrent ġiet deċiża minn ġurati. Il-piena li ta l-Imħallef hija fil-parametri tal-liġi;*

***<u>Dwar l-artikolu 22 tal-Kap. 9 u l-artikolu 22 tal-Kap. 516</u>***

22. *Illi l-artikolu 22 tal-Kap. 9 jirrigwarda l-kalkolu ta' kundanni ta' priġunerija. L-artikolu 22 tal-Kap. 516 jirrigwardja t-tnaqqis mis-sentenza u jipprovdi li* "it-tnaqqis mis-sentenza ma għandux japplika għal persuna li wettqet reat li tkun qed tiskonta kundanna ta' priġunerija għal għomorha". *Dan l-ilment diġà ġie mqajjem mir-rikorrent fl-appell li sar mis-sentenza tal-Prim'Awla mill-kawża kostituzzjonali 23/13 u għaldaqstant huwa res judicata;*

***<u>Dwar l-artikolu 639(3) tal-Kap. 9</u>***

23. *Illi qabel ma daħal fis-seħħ l-<u>artikolu 639(3)</u> tal-Kodiċi Kriminali l-Imħallef li jippresjedi l-ġuri ma kellux obbligu li jidderiġi lill-ġurati kif għandhom iwieżnu dak li jixhed l-uniku xhud kontra l-akkużat li kien kompliċi miegħu fir-reat. Bl-emenda fil-liġi u d-dħul ta' dan l-artikolu l-Imħallef sar obbligat jagħti direttiva dwar ix-xhieda tal-kompliċi lill-ġurati. Fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm proċeduri separati kontra Domnic Bonnici. Filfatt l-ewwel ġuri ġie xolt fuq talba tal-avukat difensur proprju għaliex il-proċeduri kontra Bonnici ma kinux għadhom instemgħu u ġew deċiżi. Matul it-tieni ġuri xhud semma l-preċedenti tal-akkużat u sabiex il-ġurija ma tkunx preġudikata, u sabiex ir-rikorrent jingħata smigħ xieraq, il-ġuri ġie xolt. Fit-tielet ġuri kontra r-rikorrent, li kkonkluda bil-verdett tal-ġurati, l-Onor. Imħallef Galea Debono indirizza b'mod ċar lill-ġurati sabiex jiżnu x-xhieda tax-xhud kompliċi fir-reat qabel ma jistrieħu fuqha biex isibu l-ħtija jew in-nuqqas tagħha u dan kif se jiġi ppruvat waqt is-smigħ ta' din il-kawża;*

*Ħarsa ħafifa lejn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 28 ta' Lulju, 2011 fl-ismijiet* "Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella", *turi li din il-materja kienet ġiet ampjament indirizzata;*

*Din l-Onorabbli Qorti* ***<u>mhijiex Qorti tat-tielet istanza mill-Qorti tal-Appell Kriminali</u>****. Dan jingħad in vista tal-fatt li dan il-punt imqajjem fir-rikors promutur jirrigwardja proċedura kriminali li kienet mertu, inkluż tal-appell, li kellu r-rikorrent;*

***<u>Dwar ir-rimedju mogħti lir-rikorrenti permezz tas-sentenza datat 5 t'Ottubru, 2018</u>***

24. *Illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) permezz ta' sentenza datata 22 ta' Marzu, 2018 sabet ksur taħt l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni safejn il-liġi f'Malta ma tagħtix li persuna tkun ikkundannata b'sentenza tal-Qorti kompetenti biex isservi sentenza ta' għomor fil-ħabs tista'*

*titlob reviżjoni tas-sentenza li ngħatatilha fl-ebda żmien. Ladarba r-rikorrent ma jistax jibbenefika mill-mekkaniżmu maħsub fil-liġi, il-Qorti ħadet miżuri skont kriterji stabbiliti minn żmien għal żmien mill-istess Qorti Kostituzzjonali li jiddeterminaw wara kemm-il sena ħati ta' piena ta' għomor jidher quddiem il-Bord tal-*Parole.

*Fil-fatt fil-każ* ***<u>Ben Ali Wahid Ben Hassine v. l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika</u>****, nhar it-***28 t'April, 2017***, ***il-Qorti Kostituzzjonali*** *ddeċidiet is-segwenti:-*

"tenut kont li l-attur diġà skonta 25 sena mill-piena imposta fuqu ta' għomor priġunerija, din il-Qorti, bil-għan li ma tibqax tissussisti vjolazzjoni tal-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, tordna li fi żmien xahar mil-lum l-attur jitressaq quddiem il-Bord tal-*Parole* kif illum kompost u mwaqqaf bl-Artikolu 8 tal-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi (Kap. 516 tal-Liġijiet ta' Malta) ...".

25. *Illi fil-kawża kostituzzjonali 23/2013/1 istitwita mir-rikorrent quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fl-ewwel parti tal-aggravju tiegħu ilmenta li t-terminu ta' 25 sena* 'għandu jibda jiddekorri mid-data ta' meta hu kien ġie arrestat u nżamm detenut il-ħabs, u mhux minn meta ġiet istitwita fuqu l-piena tal-għomor.'

    *Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet nhar il-5 ta' Ottubru, 2018, li l-perijodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena* ***jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali ossija mill-4 t'Ottubru, 2007 –*** *għalhekk ladarba dawn is-snin jiskorru mill-2007, fis-sena 2032 ir-rikorrent jibbenefika minn tali proċedura u jidher quddiem il-Bord tal-*Parole*. B'hekk ir-rikorrent ġie permess biex fis-sena 2032, ħamsa u għoxrin sena wara, mill-2007, jitlob ir-reviżjoni tal-piena jew it-tnaqqis tas-sentenza jekk kemm-il darba jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa biex dan isir;*

26. *Illi l-Qorti Kostituzzjonali ġja tat rimedju lir-rikorrent u dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tmejjel id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u ċioe tal-appell fuq l-istess lanjanza, meta hemm* res judicata*. Ir-rikorrent ma jistax jagħmel appell ulterjuri mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali;*

27. *Illi bid-dovut rispett, ir-rikorent kellu jedd li jqajjem il-lanjanzi ta' natura kriminali matul il-kumpilazjoni, matul is-smigħ tal-eċċezzjonijiet, fil-ġuri, fl-appell mill-ġuri u fil-kostituzzjonal istitwit minnu preċedentement u magħluq b'mod definittiv;*

28. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak ġia eċċepit, l-esponenti jirribattu illi la l-artikolu 6 u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u lanqas l-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ma jiggarantixxu xi* ***dritt għal*** **doppio esame** *kif qed jippretendi inkorrettement ir-rikorrent. Id-drittijiet imsemmija jiggarantixxu biss l-aderenza mal-prinċipji proċedurali minimi li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti, fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha,*

*mhuwiex li tirrevedi s-sentenzi ta' qrati oħra jew biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi* "sewwa" *jew le;*

29. *Illi jsegwi għalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom minn din l-Onorabbli Qorti;*

30. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2022, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-proċeduri tal-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) 23/2013 JRM fl-ismijiet **Brian Vella *vs.* l-Onor. Prim Ministru et**, deċiżi fil-5 ta' Ottubru, 2018.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru, il-Qorti tat il-fakultà lill-partijiet iressqu noti ta' sottomissjonijiet tagħhom.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

3. Ir-rikorrent istitwixxa il-proċeduri odjerni wara li huwa kien akkużat u eventwalment, wara li ntemm il-proċess ġudizzjarju, kien misjub ħati talli fl-10 ta' Frar, 2000 huwa ppparteċipa fid-delitt ta' serq u omiċidju doppju tal-konjuġi Josephine u Gerald Grima, ġewwa Santa Luċija, flimkien ma' persuna oħra li wkoll tressqet il-Qorti u ġiet misjuba ħatja ta' dan ir-reat. In suċċint, l-Att tal-Akkuża min-naħa tal-Avukat Ġenerali nħareġ fid-9 ta' Jannar, 2003, u l-ġuri tar-

rikorrent li kellu jibda fl-4 ta' Frar, 2004, ġie xolt minħabba li dak iż-żmien il-ġuri tal-ko-akkużat Domnic Bonnici kien għadu ma ġiex deċiż, u għalhekk Bonnici ma setax jintalab jixhed fil-proċeduri kontra r-rikorrent. Dak iż-żmien l-investigatur John Rizzo, waqt id-depożizzjoni tiegħu, kien semma dak li qallu Bonnici fuq id-delitt, u għalhekk kienet tqajmet il-kwistjoni li l-ġurati setgħu ġew influwenzati b'din ix-xhieda. Kien għalhekk li l-ewwel ġuri tar-rikorrent ġie xolt. Sussegwentement, kien hemm it-tieni ġuri tar-rikorrent, fl-10 ta' Jannar, 2006, iżda dan il-ġuri ukoll ġie xolt wara li l-investigatur John Rizzo xehed li r-rikorent kien qiegħed il-ħabs b'rabta ma' delitti oħra. Dan ukoll tqies li seta' kien ta' preġudizzju għar-rikorrent, u għalhekk għal darb'oħra il-ġuri ġie xolt. Eventwalment sar il-ġuri fejn ir-rikorrent instab ħati tal-akkużi miġjuba kontrih, għalkemm il-ġurati ma kinux unanimi fid-deċiżjoni tagħhom. Ir-rikorrent ingħata l-piena ta' għomor il-ħabs, u din is-sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell. Tul is-snin, ir-rikorrent ressaq diversi lanjanzi ta' natura kostituzzjonali quddiem il-Qrati, fosthom għaliex huwa ngħata l-piena ta' għomor il-ħabs, u minħabba din il-piena huwa ma jistax jitlob għal tnaqqis fil-piena jew għall-*parole.* Fil-passat ingħataw sentenzi li taw raġun, anki jekk parzjalment, lir-rikorrent fil-lanjanzi mressqa minnu. Permezz tal-proċeduri istanti, ir-rikorrent qiegħed jilmenta li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu minħabba l-mod kif tmexxa l-interrogatorju tiegħu meta kien arrestat, kif ukoll minħabba l-mod kif tmexxa l-proċess ġudizzjarju fil-konfront tiegħu, u eventwalment bis-sentenza li huwa ngħata. Jgħid li huwa qiegħed isofri minn trattament inuman u degradanti, u minkejja li l-Qorti Kostituzzjonali tatu l-possibilità li japplika għall-*parole* wara li jkunu għaddew ħamsa u għoxrin (25) sena mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali, dan xorta waħda jfisser li ż-żmien li għamel taħt arrest preventiv mhux ser jiġi kkalkulat. Qal li l-fatt li l-Imħallef li ddeċieda l-każ tal-ko-akkużat Domnic Bonnici kien l-istess Imħallef li ddeċieda l-każ tiegħu, lilu

ppreġudikah, u meta l-ġuri tiegħu ġie xolt darbtejn, huwa għadda minn *"tortura"*. In suċċint, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddeċiedi li ġew miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti taħt l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'il-Kostituzzjoni'] u taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'il-Konvenzjoni Ewropea'], u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, (i) għaliex wara li ġie arrestat u eventwalment mixli b'serq u bil-qtil ta' żewġ anzjani, il-ġuri li fih kellha tiġi determinata l-ħtija o meno tar-rikorrent, ġie xolt darbtejn; (ii) għaliex huwa ngħata sentenza ta' għomor il-ħabs; (iii) għaliex waqt li kien qiegħed jiġi interrogat mill-Pulizija, huwa ma ngħata l-ebda *disclosure;* (iv) minħabba l-mod kif ittieħdu l-istqarrijiet mingħandu waqt li kien qiegħed jiġi interrogat; (v) minħabba t-trattament li ngħata meta kien miżmum fid-*Depot* tal-Pulizija; (vi) għaliex fil-pajjiż m'hawnx linji gwida dwar kif għandhom jingħataw is-sentenzi; (vii) għaliex l-Imħallef li ppresieda l-ġuri tiegħu naqas milli juża d-diskrezzjoni li jipprovdi l-artikolu 493 tal-Kodiċi Kriminali; (viii) għaliex l-Imħallef li ppresieda l-ġuri naqas milli japplika l-artikolu 484 tal-Kodiċi Kriminali; (ix) minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 22 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (x) minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 22 tal-Kap. 516 tal-Liġijiet ta' Malta; (xi) għaliex l-Imħallef li ppresieda l-ġuri tiegħu kien l-istess Imħallef li ppresieda l-proċeduri kriminali kontra l-ko-akkużat tiegħu Domnic Bonnici; (xii) għaliex wara li l-ġuri tiegħu ġie xolt darbtejn, daħlet fis-seħħ l-emenda għall-artikolu 683(3) tal-Kap. 9, u l-applikazzjoni tagħha rrendiet il-proċess fil-konfront tiegħu anqas oneruż għall-prosekuzzjoni; (xiii) minħabba n-natura tar-rimedju mogħti lilu bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-5 ta' Ottubru, 2018.

4. Illi l-intimati in suċċint wieġbu li uħud mill-materji li qegħdin jitqajjmu mir-rikorrent f'dawn il-proċeduri huma *res judicata,* u li bil-lanjanzi tiegħu r-

rikorrent qiegħed jippretendi li din il-Qorti sservi bħala qorti tat-tielet istanza, sabiex huwa jkun jista' jappella minn deċiżjonijiet li diġà ġew determinati definittivament. L-intimati jgħidu li r-rikorrent ma sofra minn ebda ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, u b'dak li qiegħed jikkontendi r-rikorrent, bl-ebda mod m'huwa jindika huwa kif sofra trattament inuman u degradanti. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li r-rikorrent gawda mill-preżunzjoni tal-innoċenza, kellu aċċess sħiħ għall-atti tal-kumpilazzjoni biex jipprepara l-każ tiegħu, u kellu kull opportunità jiddefendi lilu nnifsu. L-intimati elenkaw ir-raġunijiet li semma r-rikorrent bħala l-bażi tal-ilment tiegħu, u spjegaw għal liema raġuni, fil-fehma tagħhom, ir-rikorrent m'għandux raġun jilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu abbażi ta' dawk ir-raġunijiet elenkati minnu.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

5. Waqt l-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2022, tat id-depożizzjoni tagħha quddiem din il-Qorti **Charmaine Bugeja**, Assistent Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, li ppreżentat l-atti tal-kawża kostituzzjonali 23/2013, li ġew allegati mal-atti ta' din il-kawża.[1] Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Conrad Church**[2], li jaħdem bħala Parole Clerk fi ħdan l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, li ppreżenta kopja tas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Marzu, 2018 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **"Brian Vella *vs.* L-Onorevoli Prim Ministru et"**, kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 fil-kawża fl-ismijiet **"Brian Vella *vs*. L-Onorevoli Prim Ministru et"**, kopja tas-sentenza mogħtija fl-14 ta' Ottubru, 2007 mill-Qorti Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **"Repubblika ta' Malta *vs.* Brian Vella"**, u kopja tas-sentenza mogħtija

[1] *A fol.* 34A tal-proċess.
[2] *A fol.* 34Ċ tal-proċess.

mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-28 ta' Lulju, 2011 fil-kawża fl-ismijiet "**Repubblika ta' Malta *vs.* Brian Vella"**.[3] Ix-xhud qal li r-rikorrent qiegħed jiskonta piena ta' għomor il-ħabs, u żied jgħid li skont l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, persuni li jkunu qegħdin jiskontaw piena ta' għomor il-ħabs mhumiex eliġibbli biex japplikaw għall-*parole.* Ix-xhud qal li l-pożizzjoni tar-rikorrenti inbidlet xi ftit wara li ngħatat l-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, għaliex wara li jgħaddu ħamsa u għoxrin (25) sena mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-2007, il-Bord tal-*Parole* għandu jiltaqa' biex jiddiskuti l-każ ta' Brian Vella u jara x'jista' jirrakkomanda li jsir taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi.

6. Waqt l-istess udjenza xehdet ukoll **Christianne Borg**[4], Deputat Reġistratur tal-Qorti Kriminali, li ppreżentat vera kopji tal-atti tal-ġuri fl-ismijiet "**Repubblika ta' Malta *vs.* Brian Vella"**, deċiż fl-4 ta' Ottubru, 2007, u kopja tal-atti tal-appell fl-istess ismijiet, deċiż fit-28 ta' Lulju, 2011 (Att ta' Akkuża 4/2003).[5] Mill-atti esebiti jirriżulta li fost l-uffiċjali prosekuturi li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, kien hemm l-Ispettur Pierre Calleja[6], li kien assista fl-investigazzjoni li saret mill-Pulizija wara l-omiċidju doppju f'Santa Luċija. Ix-xhud spjega x'sab fuq ix-xena tad-delitt meta l-Pulizija daħlu fil-post, il-proċedura li ntużat biex ġie determinat il-jum li fih twettaq id-delitt, u qal li dakinhar stess kien ġie arrestat ir-rikorrent flimkien ma' żewġ persuni oħra in konnessjoni mar-reat li kien seħħ. Qal li r-rikorrent kien ta tliet (3) verżjonijiet differenti tal-fatti li seħħew u tal-movimenti tiegħu dakinhar li seħħ id-delitt, u fit-tieni verżjoni li ta lill-Pulizija

[3] *A fol.* 35 *et seq.* tal-proċess.
[4] *A fol.* 129A tal-proċess.
[5] *A fol.* 130 *et seq.* tal-proċess.
[6] *A fol.* 142 tal-proċess.

dan ammetta li kien Santa Luċija dakinhar tad-delitt. Kien hemm żewġ persuni li kkonfermaw li r-rikorrent avviċinahom sabiex imorru jisirqu miegħu mingħand xi anzjani. Ix-xhud ikkonferma li kull darba li l-Pulizija tkellmet mar-rikorrent, dan ġie infurmat li kellu d-dritt li ma jgħid xejn, u li dak li kien ser jgħid kien ser jitniżżel bil-miktub u jinġieb bi prova. Ix-xhud qal li r-rikorrent ma kienx oġġezzjona li jitteħidlu kampjun tad-demm bħala parti mill-investigazzjoni tal-Pulizija. Ix-xhud qal li f'każ li r-rikorrent indika li kellu bżonn xi mediċini waqt l-interrogatorju, dan għandu jirriżulta mill-istqarrija, u qal li safejn jiftakar hu, ir-rikorrent tħalla jpejjep waqt li kien qiegħed jiġi mitkellem mill-Pulizija.

7. Fl-atti ta' din il-kawżA hemm esebita kopji tal-istqarrijiet li r-rikorrent ta lill-Pulizija, u tad-domandi li sarulu waqt l-interrogazzjoni.[7]

8. Xhud ieħor li ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti kien **PS 845 Peter Cini**[8], li ta dettalji dwar kif il-Pulizija bdew jinvestigaw il-qtil tal-konjuġi Grima, u dan wara li dawn kienu ilhom ma jidhru fil-pubbliku għal xi jiem, u mill-appartament tagħhom bdew jinxtammu xi rwejjaħ, u kien hemm ġirien li ssuspettaw li dawn seta' ġralhom xi ħaġa. Dan ix-xhud qal li in konnessjoni ma' dan id-delitt, kienet saret tfittxija fi proprjetà tar-rikorrent fil-preżenza tiegħu, minn fejn ġew elevati żewġ flokkijiet li r-rikorrent ikkonferma li kienu tiegħu.

9. Fl-atti hemm esebita wkoll kopja tal-istqarrija li Domnic Bonnici, drabi oħra magħruf bħala 'Duminku Bonnici', ta lill-pulizja[9], fejn stqarr li kien ir-rikorrent 'Brian' li fassal il-pjan kif kellhom jisirqu lill-konjuġi Grima, u kif il-ħsieb kien li s-serqa ssir waqt li Gerald Grima joħroġ idur bil-kelb tiegħu. Fl-istqarrija

[7] *A fol.* 148 tal-proċess.
[8] *A fol.* 161 tal-proċess.
[9] *A fol.* 179 tal-proċess.

li ta lill-Pulizija, Bonnici qal li hu u Vella ma kellhom l-ebda ħsieb li joqtlu lill-konjuġi Grima, iżda biss li jisirquhom. Ir-rikorrent kien jaf lill-konjuġi Grima għaliex kienu joqogħdu fl-istess blokk ta' appartamenti. Ġiet esebita wkoll l-istqarrija li ta ċertu Robert Borg lill-Pulizija in konnessjoni mal-istess reat.[10]

10. Fl-atti ta' din il-kawża ġew esebiti wkoll kopji tar-rapporti rilaxxati mil-Laboratorji tax-Xjenza Forensika, li għamlu d-diversi testijiet fuq l-oġġetti elevati minn fuq ix-xena tad-delitt.[11]

11. Il-Qorti tirrileva li fl-atti proċesswali hemm diversi rikorsi li għamel ir-rikorrent b'talba sabiex ikun jista' jħalli l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin biex ikun jista' jattendi għal attivitajiet familjari.[12] Jirriżulta li r-rikorrent tħalla jattendi għal funzjoni reliġjuża ta' wieħed minn uliedu permezz ta' awtorizzazzjoni maħruġa fil-15 ta' Novembru, 2001, u kien ingħata permess ieħor fis-17 ta' Mejju, 2002.

12. Il-Qorti rat l-atti proċesswali tal-ġuri fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta *vs.* Brian Vella**", li kien inbeda fit-2 ta' Frar, 2004, u li kien eventwalment ġie xolt.[13] L-Avukat Ġenerali kien ressaq tliet kapi ta' akkużi fil-konfront tar-rikorrent, fosthom li kien ħati ta' serq ta' flus u oġġetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq kien ikkwalifikat bil-vjolenza (omiċidju volontarju flimkien ma' sekwestru tal-persuna u meta l-ħallelin ippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn), bil-mezz (ksur ta' ġewwa jew ta' barra jew bi skalata, ċioe billi b'xi mod wieħed jixxabbat biex jitla' jew jinżel, jew ksur ta' mezzi bħal dawn li qegħdin sabiex ma jħallux id-dħul f'dar jew f'lok ieħor jew f'reċint), bil-lok (dar ta' abitazzjoni dwar

---

[10] *A fol.* 193 tal-proċess.
[11] *A fol.* 360 *et seq.* tal-proċess.
[12] *A fol.* 616 *et seq* tal-proċess.
[13] *A fol.* 710 tal-proċess.

parti li tagħmel magħha), bil-valur (aktar minn elf lira), u bil-ħin (bejn inżul u tlugħ ix-xemx); li Brian Vella kien ħati ta’ omiċidju volontarju u ċioe talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f’periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; u dan għal darbtejn, billi l-vittmi tar-reat kienu tnejn, Josephine Grima u Gerald Grima.

13. Fost l-atti esebiti mir-Reġistraturi tal-Qrati Ċivili u Tribunali, hemm żewġ sentenzi, waħda tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet “**Brian Vella *vs.* Avukat Ġenerali tar-Repubblika et”**, deċiża fl-24 ta’ Novembru, 2004[14], u sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-istess ismijiet deċiża fit-12 ta’ Lulju, 2005.[15] F’dawk il-proċeduri, ir-rikorrent kien qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat li l-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq ġie miksur għaliex il-ġuri fl-ismijiet **“Ir-Repubblika ta’ Malta *vs.* Brian Vella”** ma kellux jiġi xolt, dan b’riferiment għall-ewwel ġuri li ġie xolt, u meta dak il-ġuri kien ġie xolt lilu nkisirlu d-dritt għal smigħ xieraq, u għalhekk talab lill-Qorti tordna li meta jiġi ri-appuntat il-ġuri tiegħu, fi żmien xieraq u raġonevoli, ix-xhud Domnic Bonnici jibqa’ mhux produċibbli bħala xhud, u dan sabiex ir-rikorrent jibqa’ fl-istess sitwazzjoni legali li kien fiha sal-4 ta’ Frar, 2004 meta l-ġuri tiegħu ġie xolt *ex officio.* Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), bis-sentenza tagħha tal-24 ta’ Novembru, 2004, kienet iddeċidiet li bix-xoljiment tal-ġuri, ma kienx ġie miksur id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq. Il-Qorti qalet ukoll li hija m’għandhiex tidħol fil-kwistjoni dwar jekk Domnic Bonnici għandux jitħalla jixhed fil-ġuri kontra r-rikorrent, u konsegwentement ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li r-rikorrent ma kien sofra l-ebda ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

[14] *A fol.* 942 tal-proċess.
[15] *A fol.* 949 tal-proċess.

14. Il-Qorti rat li mill-atti jirriżulta li r-rikorrent ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali fit-3 ta' April, 2006, fejn talab lill-Qorti tordna li l-ġuri li kien appuntat għall-5 ta' Ġunju, 2006 ma jsirx, għaliex ir-rikorrent sostna li ma kienx ser jingħata smigħ xieraq minħabba f'dak li ġie rappurtat fuq il-mezzi tax-xandir fil-konfront tiegħu, u b'hekk esprima tħassib li l-ġurati prospettivi li kienu ser jiġu appuntati għall-ġuri tiegħu, setgħu jkunu influwenzati minn dak li ġie rappurtat jew minn dak li semgħu. Dan fil-kuntest tat-tieni xoljiment tal-ġuri tiegħu, li kien appuntat għall-10 ta' Jannar, 2006. Wara t-tieni xoljiment, il-Qorti ma rriappuntatx il-ġuri mill-ġdid, iżda ħalliet intervall ta' ħames xhur għar-riappuntament tal-ġuri anki minħabba li r-rikorrent dak iż-żmien ma kienx igawdi l-libertà proviżorja. Il-Qorti Kriminali, fid-digriet tagħha tas-7 ta' April, 2006[16], qalet:

> *"Jiġi rilevat ukoll li jekk il-Qorti tasal biex tilqa' t-talba tar-rikorrent akkużat in bażi tar-raġunijiet imressqa minnu, dan effettivament ikun ifisser li l-Qorti stess, anke f'dan l-istadju bikri qabel ma tiġi magħżula l-ġurija, tkun qed tippronunzja ruħha bħala li m'għandhiex fiduċja fil-ġurija li għad trid tiġi ffurmata fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha skont il-liġi, ħaġa li ċertament din il-Qorti qatt ma ser tasal li tagħmel.*
>
> *Illi ċertament din il-Qorti tirrikonoxxi d-dritt fondamentali ta' kull akkużat li jkollu smigħ xieraq. Fuq dan ma hemm assolutament ebda kontestazzoni jew dubju. U hu proprju għalhekk li l-liġi pprovdiet il-mekkaniżmi kollha meħtieġa u tathom lill-Qorti sabiex jiġi assigurat dejjem li dan id-dritt jiġi skrupolożament imħares u mwettaq fil-prattika. Huma dawn il-mekkaniżmi li, għalhekk, jiggarantixxu, u sejrin jiggarantixxu fil-prattika, li f'dan il-każ, bħal, 'del resto' f'kull każ ieħor, hu x'inhu l-mertu, hu min hu l-akkużat, hi min hi l-vittma, dan id-dritt tal-akkużat li jkollu smigħ xieraq ser jiġi osservat u mantenut b'mod tanġibbli. Il-ġustizzja trid issir u tidher fir-realtà li qed issir, u dan kemm fl-interess tal-akkużat, kif ukoll fl-interess tas-soċjetà u, xejn anqas, fl-interess tal-istess vittma u tal-familjari tagħha. Dan hu l-bilanċ li l-liġi trid li jinħoloq f'kull proċess, u għalhekk huma dawn is-salvagwardji sanċiti bil-Kostituzzjoni ta' Malta. Huwa proprju għalhekk minħabba dawn is-salvagwardji imposti bil-liġi li r-raġunijiet imressqa mill-akkużat rikorrent biex jissostanzja t-talba tiegħu għal differiment tal-ġuri ma jistgħux jiġu ammessi."*

[16] *A fol.* 1157 tal-proċess.

15. In segwitu għal dan id-digriet tal-Qorti Kriminali, ir-rikorrent fl-10 ta' Mejju, 2006 ressaq rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)[17], fejn talab lill-Qorti tiddikjara li l-proċess tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali sejjer jikkostitwixxi u jinduċi jew jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u fil-Kostituzzjoni ta' Malta, u tgħaddi sabiex tagħti dawk ir-rimedji sabiex tassigura li l-jeddijiet tiegħu jiġu mħarsa u li huwa jkun salvagwardjat minn kull preġudizzju serju fil-konfront tiegħu.

16. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), b'digriet mogħti minnha fil-31 ta' Mejju, 2006[18], iddeċidiet li fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha ta' natura kostituzzjonali, hija ma tindaħalx fil-mod kif Qrati oħra jmexxu l-kompetenza partikolari mogħtija lilhom bil-liġi, u f'dak l-istadju hija ma kellhiex tesprimi ruħha dwar id-deċiżjoni li jsir il-ġuri tar-rikorrent fil-jum appuntat. Il-Qorti iżda ddeċidiet li tordna n-notifika tad-digriet mogħti minnha lid-Deputat Reġistratur tal-Onorabbli Qorti Kriminali, biex jgħarraf lill-Imħallef li kien ser ikun qiegħed jippresjedi dik il-Qorti, sabiex ikun jista' jikkonsidra jekk għandux iressaq xi provvediment fir-rigward.

17. Fit-2 ta' Ġunju, 2006, il-Qorti Kriminali tat digriet[19] li bih ordnat li l-ġuri fil-konfront tar-rikorrent li kellu jibda jinstema' fil-5 ta' Ġunju, 2006, kellu jibda jinstema' mit-12 ta' Ġunju, 2006, u dan bħala miżura ta' prudenza, kif ukoll sabiex jiġi magħruf aħjar kienx hemm xi żviluppi fuq ir-rikors kostituzzjonali ppreżentat mir-rikorrent. B'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-23 ta' Ġunju, 2006, fl-ismijiet "**Brian Vella *vs.* l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-**

[17] Kopja *a fol.* 1163 tal-proċess.
[18] *A fol.* 1174 tal-proċess.
[19] *A fol.* 1179 tal-proċess.

**Pulizija"**, il-Qorti Kostituzzjonali esprimiet is-sodisfazzjon tagħha li r-rikorrent kien irnexxielu jispjega t-talbiet tiegħu b'mod ċar permezz tal-avukat difensur tiegħu, billi kien qiegħed jitlob li jgħaddi aktar żmien qabel ma jiġi ċelebrat il-proċess li jmiss, biex b'hekk il-memorja tal-ġurati potenzjali tkun kemm jista' jkun nieqsa minn dak li setgħu semgħu jew saru jafu mill-proċessi li nbdew u li ġew abortiti; u li l-proċess penali tar-rikorrent jiġi eventwalment ċelebrat quddiem Imħallef mingħajr ġurati. Il-Qorti Kostituzzjonali ikkunsidrat illi:

> *"Hu evidenti wkoll li biex jiġi minimizzat il-preġudizzju għall-akkużat (u, possibilment, fil-każijiet kongruwi, anke għall-prosekuzzjoni), li talvolta tali pubbliċità tista' toħloq, jista' jkun meħtieġ li d-data ta' ġuri tiġi spustata bi ftit ġimgħat jew ftit xhur – mhux, sintendi, li l-proċess imur* alle calende greche. *U hawn qiegħed, bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, l-iżball tagħha. <u>Mingħajr ma hija semgħet imqar xi prova jew provi</u> dwar l-allegata* pre-trial publicity *(eż x'forma ħadet din il-pubbliċità, x'intqal fil-konferenza stampa tal-Kummissarju tal-Pulizija, meta l-aħħar li kien hemm xi pubbliċità negattiva fil-konfront tal-akkużat – fn. 10 – s'intendi, f'analiżi bħal din wieħed irid joqgħod attent li kampanja negattiva avversa ma tkunx ġiet arkitettata mill-istess akkużat jew akkużati proprju biex itawlu l-proċess għal skopijiet oħra li jista' jkollhom f'moħħhom) hija għaddiet mill-ewwel biex iddeklinat milli teżerċita s-setgħat tagħha <u>meta l-Qorti Kriminali kienet diġà qalet li ma kinitx lesta li tisposta d-data tal-ġuri</u> – dan f'każ li jista' jingħad li hu aktar uniku milli rari in kwantu l-ġuri diġà ġie xolt darbtejn. Fi kliem ieħor, <u>jekk</u> seta' kien hemm biża' fondat dwar in-nuqqas ta' smigħ xieraq, liema preġudizzju seta' jiġi mxejjen b'sempliċi spostament ta' data bi ftit ġimgħat, l-ewwel Qorti ma setgħetx tgħid li kien hemm rimedju ordinarju disponibbli, proprju peress li dak ir-rimedju kien diġà ġie miċħud mill-Qorti Kriminali. F'dan is-sens, is-sentenza tal-ewwel Qorti tista' tiġi kkwalifikata bħala* "intempestiva", *u <u>għalhekk biss</u> ser tiġi mħassra minn din il-Qorti. Jiġi preċiżat li din il-Qorti mhux qed tgħid li fil-każ de quo aktarx ser jiġi leż id-dritt fundamentali tal-appellant protett bl-Artikoli 6 u 39 tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament jekk il-ġuri jsir kif ippjanat; u anqas ma hi qed tgħid li ma hemmx tali leżjoni minħabba l-mekkaniżmu* in built *fis-sistema tal-ġuri. Dak li qed tgħid sempliċiment hu li biex tagħmel l-*assessment *tagħha f'dan il-każ insolitu, anke jekk imqar biex tiddeklina li teżerċita s-setgħat tagħha, l-ewwel Qorti kellha tisma' xi provi – ħaġa li ma għamlithiex.*
>
> *15. Għall-motivi premessi, tilqa' l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tpoġġi lill-partijiet fil-pożizzjoni li kienu fiha minnufih qabel ma bdiet l-udjenza tat-8 ta' Ġunju, 2006, u tibgħat l-atti lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex din, wara li*

*tisma' l-provi dwar l-allegata* pre-trial publicity *tgħaddi biex tiddeċiedi fuq it-talba tar-rikorrent fid-dawl tar-rimedji speċifiċi minnu indikati fl-udjenza tad-19 ta' Ġunju, 2006 ara para. 11 supra) – salv dejjem xi rimedju aktar xieraq li dik il-Qorti jkun jidrilha opportun – u fuq l-eċċezzjonijiet kollha (inkluża, għalhekk, fuq l-ewwel waħda bbażata fuq il-proviso tal-Artikoli 46(2) u 4(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament) tal-intimati (appellati f'din l-istanza)."*

18. In segwitu għal din id-deċiżjoni, il-Qorti Kriminali, b'digriet mogħti fit-3 ta' Lulju, 2006[20], iddeċidiet illi:

*"Peress li issa jidher ċar li l-proċeduri kostituzzjonali li beda l-akkużat mistennija jieħdu ferm aktar żmien milli kien mistenni minn din il-Qorti in vista tad-digriet tagħha tas-7 t'April, 2006, fejn il-kwistjoni sollevata mill-akkużat kienet ġiet dikjarata bħala waħda frivola u vessatorja, tilqa' t-talba tal-akkużat u tiddeferixxi l-kawża* "sine die" *riappuntabbli wara li l-prosekuzzjoni tagħmel rikors meta jkun mitmuma definittivament il-proċeduri kostituzzjonali mibdija mill-akkużat."*

19. Fis-16 ta' Ottubru, 2006, ir-rikorrent ippreżenta rikors[21] li permezz tiegħu talab li jingħata l-ħelsien mill-arrest, u dan in vista tal-fatt li huwa kien ilu jinżamm arrestrat għal aktar minn għoxrin xahar. Fl-24 ta' Ottubru, 2006, il-Qorti Kriminali ordnat il-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent[22], b'numru ta' kundizz-joniijiet, fosthom li r-rikorrent josserva kull ordni imposta fuqu mill-Qorti; li ma jikkomunika bl-ebda mod max-xhieda tal-prosekuzzjoni, la direttament u lanqas indirettament; li jirrisjedi f'indirizz li huwa jindika lill-Qorti, u li ma jibdilx dan l-indirizz mingħajr il-permess tal-Qorti, kif ukoll li ma joħroġx minn din ir-residenza ħlief bejn it-0800 u d-0900 jew biss għall-ħin strettament meħtieġ sabiex jattendi l-Qorti; li jirrapporta darba kuljum fl-Għassa tal-Pulizija indikata lilu mill-Qorti bejn it-0800 u d-0900; li jikkonsenja kull passaport jew dokument meħtieġ għall-ivvjaġġar li jinsab fil-pussess tiegħu u li ma jħallix jew jipprova jħalli dawn il-Gżejjer, u li ma jitla' jew jipprova jitla' fuq ebda dgħajsa, lanċa,

[20] *A fol.* 1214 tal-proċess.
[21] *A fol.* 1215 tal-proċess.
[22] *A fol.* 1222 tal-proċess.

vapur, jew mezz ieħor ta’ trasport bil-baħar; li f’ebda ħin u f’ebda ċirkostanza m’għandu jkun f’distanza ta’ anqas minn mitejn metru bogħod minn xatt il-baħar; li jagħmel tajjeb għal dawn il-kundizzjonijiet billi jiddepożita bħala garanzija s-somma ta’ ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000), u jġib pleġġ tajjeb li jobbliga ruħhu bil-miktub għas-somma ta’ LM25,000. Permezz ta’ rikors ippreżentat mir-rikorrent fl-4 ta’ Jannar, 2007 fil-Qorti Kriminali, huwa informa lill-Qorti li huwa ma kellux biżżejjed mezzi finanzjarji biex jagħmel tajjeb għad-depożitu mitlub, minkejja li għamel ħiltu sabiex jiġbor dan l-ammont mingħand membri tal-familja tiegħu. Ir-rikorrent offra li minflok huwa jagħmel tajjeb b’ipoteka speċjali fuq proprjetà immobbli tiegħu, li għandha valur ta’ madwar għaxart elef lira Maltin (LM10,000).[23] Il-Qorti Kriminali, fid-deċiżjoni tagħha tal-15 ta’ Jannar, 2007, ċaħdet it-talba tar-rikorrent, wara li qieset li l-garanzija mitluba tista’ ssir b’wieħed minn żewġ modi, jiġifieri jew b’depożitu ta’ LM25,000 jew li jinġieb pleġġ tajjeb li jobbliga ruħhu bil-miktub għas-somma ta’ LM25,000.[24] Il-Qorti spjegat li bit-tieni alternattiva, mhuwiex meħtieġ id-depożitu tal-pleġġ, iżda li l-pleġġ ikun idoneu fis-sens li r-rikorrent ikollu l-mezzi adegwati biex f’każ li huwa jikser xi kundizzjoni, mill-pleġġ titħallas lill-Gvern ta’ Malta s-somma ta’ LM25,000.

20. Il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Brian Vella *vs.* Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija**, tad-9 ta’ Mejju, 2007[25], iddeċidiet li ladarba kienet għaddiet aktar minn sena minn meta ġie xolt it-tieni ġuri, ma hemmx aktar lok għad-dikjarazzjoni mitluba mir-rikorrent, li l-fatt li huwa sejjer jgħaddi ġuri daqshekk viċin iż-żmien li fih ġie xolt il-ġuri kontrih ta’ qabel *“sejjer jikkostitwixxi u jinduċi jew jikkostitwixxi”* ksur tal-

---

[23] *A fol.* 1226 tal-proċess.
[24] *A fol.* 1228 tal-proċess.
[25] *A fol.* 1244 tal-proċess.

jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta Kap. 319 u fil-Kostituzzjoni. Il-Qorti qieset ukoll, b'riferiment għat-talba tar-rikorrent li huwa sejjer jgħaddi ġuri quddiem il-Qorti Kriminali kif preseduta mill-istess Imħallef, li r-rikorrent kellu u għad għandu rimedju effettiv għad-dispożizzjoni tiegħu, u għalhekk għażlet li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont il-proviso tal-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

21. Din il-Qorti kellha wkoll quddiemha l-atti allegati tal-proċeduri li saru quddiem din il-Qorti diversament preseduta, fil-proċeduri kostituzzjonali li fetaħ ir-rikorrent, liema proċeduri ġew fi tmiemhom b'sentenza tat-22 ta' Marzu, 2018. Mill-proċess allegat, jirriżulta li taw id-depożizzjoni tagħhom għadd ta' xhieda li ppreżentaw numru ta' dokumenti, fosthom kopja tal-Linji Gwida imsejħa "*Overview of Prison Leave according to the Ministerial General Directives 1/2013*"[26]*;* kif ukoll kopja ta' dokument intern intitolat "Benefiċċju ta' *Prison Leave* u tnaqqis mis-sentenza għal min huwa sentenzjat għal għomru"[27], fejn huwa spjegat li priġunier li qiegħed jiskonta sentenza ta' għomor il-ħabs ma jibbenefikax minn tnaqqis mis-sentenza abbażi tar-Regolamenti tal-Ħabs, 1995, Art. 14(4), u tal-art. 22(2) tal-Att -Ġustizzja Riparatriċi 2011, iżda jista' jibbenefika minn *prison leave* skont ir-Regolamenti tal-Ħabs, 1995, Art. 61 u d-Direttivi Ministerjali dwar il-*Prison Leave* (1/2013), Art. 12. Fl-istess dokument ġie spjegat li bejn l-2009 u l-2012, ir-rikorrent ibbenefika minn ħames istanzi ta' *prison leave* f'okkażjonijiet varji, fosthom f'għeluq snin martu, f'għeluq snin bintu, f'għeluq snin bintu l-oħra, għall-funeral ta' nannuh, u fil-magħmudija tan-neputija tiegħu.

---

[26] *A fol.* 101 tal-proċess allegat.
[27] *A fol.* 104 tal-proċess.

22. Mill-atti allegati jirriżulta wkoll li quddiem dik il-Qorti xehdet **Joanne Battistino** waqt l-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2013[28], li qalet li hija membru tal-*prison leave advisory board,* u spjegat li r-regolamenti dwar kif jingħata l-*prison leave* ġew emendati fl-2013, billi fost l-oħrajn daħal ir-rwol tal-*offender assessment board,* u kien hemm ukoll tibdil fil-frekwenza ta' kemm persuna tista' tibbenefika mill-*prison leave.* Qalet li kull darba li r-rikorrent talab *prison leave* rigward okkażjonijiet familjari, dan dejjem ingħatalu. Qalet ukoll li peress li r-rikorrent qiegħed jiskonta piena ta' għomor il-ħabs, dan ma jistax jibbenefika mir-*remission.* Qalet li fatturi li jiġu kkunsidrati biex persuna ma tingħatax il-*prison leave* huma marbuta mas-sigurtà jew ma' imġieba ħażina fil-ħabs.

23. Permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Marzu, 2018, kien deċiż illi:

> "***Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari*** *tal-intimat Prim Ministru u ssib li mhuwiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi u qiegħda teħilsu milli jibqa' fil-kawża*;
>
> ***Tilqa' l-ewwel talba attriċi*** *u ssib li r-rikorrent ġarrab u qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx suġġett għal trattament inuman u degradanti taħt l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni safejn il-liġi f'Malta ma tagħtix li persuna li tkun ikkundannata b'sentenza tal-Qorti kompetenti biex isservi sentenza ta' għomor fil-ħabs tista' titlob reviżjoni tas-sentenza li ngħatatilha fl-ebda żmien;*
>
> ***Tilqa' t-tieni talba attriċi*** *u tordna li, mal-għeluq tal-perijodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena minn mindu ngħatat is-sentenza u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet espressi ta' liġi li jgħidu mod ieħor, il-każ tar-rikorrent jitressaq quddiem il-Bord tal-*Parole *imwaqqaf taħt l-Att tal-2011 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, li jkollu s-setgħa u d-dmir li jqis iċ-ċirkostanzi kollha tar-rikorrent f'dak iż-żmien u jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar jekk ir-rikorrent jistħoqqlux jibbenefika minn xi wieħed mir-rimedji mogħtijin mill-istess imsemmi Att (jew Att ieħor li jiddaħħal minfloku) bħalma tista' tibbenefika kull persuna oħra li tkun qiegħda sservi sentenza definittiva ta' ħabs imma mhux għal għomorha; u*

[28] *A fol.* 105 tal-proċess.

***Tordna** li l-intimat Avukat Ġenerali jħallas **l-ispejjeż tal-kawża**, minbarra dawk tal-intimat Prim Ministru, li jħallashom ir-rikorrent."*

24. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell imressaq quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' April, 2018, fejn spjega li huwa ħassu aggravat bir-rimedju mogħti lilu mill-Qorti, u qal li t-terminu ta' żmien minn meta għandu japplika t-terminu impost ta' ħamsa u għoxrin sena sabiex huwa jkun jista' japplika quddiem il-Bord tal-*Parole*, huwa żbaljat. L-appellant qal li t-terminu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena għandu jibda jiddekorri mid-data minn meta huwa ġie inizjalment inkarċerat u b'hekk effettivament huwa ġie mċaħħad mil-libertà tiegħu b'rabta mal-akkużi li minħabba fihom huwa eventwalment nagħata l-piena ta' għomor il-ħabs. Qal li l-Qorti kellha tassigura li r-rimedju li jingħata jkun wieħed effettiv u adegwat, u li jmur oltre l-limitazzjonijiet imposti bl-applikazzjoni tal-artikoli fil-Kap. 516 tal-Liġijiet ta' Malta. In vista ta' dan l-aggravju tiegħu, ir-rikorrent għalhekk talab li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tiġi varjata fis-sens li fil-parti fejn laqgħet it-tieni talba tiegħu u ordnat li wara l-għeluq tal-ħamsa u għoxrin (25) sena minn meta ngħatat is-sentenza, u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet espressi tal-liġi li jgħidu mod ieħor, il-każ tar-rikorrent jitressaq quddiem il-Bord tal-*Parole* b'tali mod li l-ħamsa u għoxrin (25) sena jibdew jiddekorru minn dakinhar li l-appellant ġie arrestat b'rabta ma' dan il-każ, jiġifieri mis-17 ta' Frar, 2000, jew f'każ li l-Qorti tal-Appell ma taqbilx li l-ħamsa u għoxrin sena (25) għandhom jibdew jgħaddu mid-data tal-arrest tar-rikorrent, tispeċifika li dan il-perijodu għandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali, jiġifieri mill-4 ta' Ottubru, 2007.

25. Il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2018, fl-ismijiet **Brian Vella *vs.* l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali**[29], idde-ċidiet il-lanjanza tar-rikorrent billi qieset li l-aggravju huwa ġustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi, fis-sens li ż-żmien ta' ħamsa u għoxrin (25) sena għandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Ottubru, 2007, u mhux mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ngħatat fit-28 ta' Lulju, 2011, u f'dan is-sens iddeċidiet li l-aggravju tar-rikorrent għandu jiġi milqugħ, anki jekk b'mod limitat.

26. Waqt l-udjenza tad-29 ta' April, 2022, xehed quddiem din il-Qorti **l-Ispettur Helenio Galea**[30], li qal li fil-preżent ir-rikorrent qiegħed jiskonta sentenza ta' għomor il-ħabs u multa ta' mitejn Euro li ġiet konvertita f'erbgħin jum priġunerija. Qal li ladarba r-rikorrent qiegħed jiskonta piena ta' għomor il-ħabs, huwa ma jista' jibbenefika minn ebda *'remission'*.

27. Fl-*affidavit* tiegħu, ir-rikorrent qal[31] li huwa kien ġie arrestat u interrogat fuq is-serqa u l-qtil ta' Gerald u Josephine Grima. Qal li eventwalment huwa ġie akkużat li fl-10 ta' Frar, 2000 huwa flimkien ma' persuni oħra kien seraq u qatel lill-konjuġi Grima f'darhom ġewwa Santa Luċija. Qal li huwa ġie akkużat ukoll li kiser sentenza sospiża, u li f'dak il-perijodu huwa kien ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor, u li kien reċidiv. Qal li l-Pulizija kienet ressqet ukoll lil ċertu Domnic Bonnici u xlietu b'dawn id-delitti. Kompla jgħid li l-ġuri tiegħu ġie xolt darbtejn, l-ewwel darba b'digriet tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Frar, 2004, u t-tieni darba b'digriet tal-istess Qorti tal-10 ta' Jannar, 2006. Qal li l-ewwel ġuri ġie xolt għaliex l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-ġurati setgħu ġew influwenzati

---

[29] *A fol.* 350 tal-proċess.
[30] *A fol.* 1282A tal-proċess.
[31] *A fol.* 1283 tal-proċess.

avversament bix-xhieda li ta l-uffiċjal investigattiv John Rizzo, peress li semma dak li suppost qallu Domnic Bonnici fuq id-delitti in kwistjoni, u Domnic Bonnici ma setax jixhed billi l-każ tiegħu kien għadu ma nqatax. Qal ukoll li l-Qorti kienet qalet li dan kien żvilupp imprevist li Domnic Bonnici ma setax jixhed fil-ġuri tar-rikorrent, u huwa kien baqa' sorpriż b'din id-dikjarazzjoni għaliex kulħadd kien jaf li l-ġuri ta' Domnic Bonnici kien għadu pendenti. Ir-rikorrent qal ukoll li wara li l-ġuri ġie xolt, l-Avukat Ġenerali kien talab li jikkoreġi l-Att tal-Akkuża, u minflok ma' persuni oħrajn, akkużah li flimkien ma' persuna oħra kien ikkommetta l-imsemmija reati ta' serq u qtil. Qal li l-ġuri reġa' ġie appuntat, iżda fl-10 ta' Jannar, 2006 t-tieni ġuri ġie xolt ukoll, peress li l-istess uffiċjal investigattiv John Rizzo fid-depożizzjoni tiegħu semma l-fatt li r-rikorrent kien il-ħabs minħabba każijiet oħra. Qal li meta l-ġuri tiegħu ġie xolt għat-tieni darba, huwa ħassu ferm iddiżappuntat. Ir-rikorrent qal li meta l-ġuri tiegħu eventwalment instema', huwa instab ħati b'seba' voti kontra tnejn li kien ikkommetta serq mingħajr il-kwalifika tal-mezz, però bl-aggravju tal-valur tal-oġġetti li jeċċedi l-mitt Lira Maltin iżda mhux l-elf Lira Maltin, u nstab ħati wkoll b'sitt voti kontra tlieta li kien qatel. Ir-rikorrent qal li minħabba f'dan il-verdett, huwa ntbagħat piena ta' għomor il-ħabs. Spjega li huwa għadu sallum jisħaq li qatt ma wettaq dawn ir-reati, u li huwa nstab ħati minkejja li huwa innoċenti. Qal li huwa qatt ma kellu l-ebda intenzjoni li joqtol lil ħadd. Ir-rikorrent qal li huwa kien appella minn din is-sentenza, iżda s-sentenza fil-konfront tiegħu ġiet ikkonfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Lulju, 2011.

28. Ir-rikorrent qal li meta huwa ntbagħat piena ta' għomor il-ħabs, ħajtu spiċċat, u huwa jemmen li din il-piena hija sproporzjonata u esaġerata. Qal ukoll li b'din il-piena, huwa ma fadallu l-ebda tama f'ħajtu, u fil-ħabs huwa ma jista' jibbenefika minn ebda tnaqqis fil-piena bħal ma jingħataw priġunieri oħra li jġibu

ruħhom b'mod eżemplari. Qal li anki sabiex jibbenefika mill-benefiċċju tal-*parole,* huwa kellu jagħmel kawża kostituzzjonali oħra, għaliex lanqas għal dan il-benefiċċju ma kien jikkwalifika. Ir-rikorrent qal li f'Malta ma teżisti l-ebda *sentencing policy* jew linji gwida fuq il-pieni li l-Qrati għandhom jagħtu. Qal li huwa jemmen li piena ta' għomor il-ħabs hija waħda inumana u degradanti fil-konfront tiegħu, speċjalment meta l-verdett tal-ġurati kontra tiegħu ma kienx wieħed unanimu, u kien hemm tliet ġurati fil-ġuri tiegħu li emmnu li huwa innoċenti. Qal li anki l-liġi tipprovdi għal tnaqqis fil-piena li għandha tingħata meta l-ġurati ma jkunux unanimi. Kompla jgħid li huwa jħoss li ġie ppenalizzat b'mod li mhux oġġettiv, u li ttieħet kont biss tal-gravità tal-każ mingħajr ma ġie kkunsidrat il-verdett. Qal ukoll li fil-każ tiegħu, l-Imħallef li ppresieda l-ġuri lanqas biss idderiġa lill-ġurati li setgħu jagħmlu rakkomandazzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti turi ħniena mal-akkużat. Qal li lanqas ma saret xi forma ta' rakkomandazzjoni dak iż-żmien sabiex huwa jagħmel talba għar-reviżjoni tas-sentenza tiegħu. Ir-rikorrent qal li minħabba f'hekk, ta' kuljum huwa qiegħed ikun suġġett għal trattament inuman u degradanti, iħossu qisu ġie kkundannat għall-mewt bid-differenza li l-qatla tiegħu ser tieħu ż-żmien. Ir-rikorrent qal li huwa ilu l-ħabs mis-17 ta' Frar, 2000 u m'għandu l-ebda opportunità li jiġi riabilitat fis-soċjetà, b'tali mod li huwa jemmen li s-sentenza li ngħata hija leżiva tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. Qal ukoll li r-rimedju li ngħata bis-sentenza tal-5 ta' Ottubru, 2018 mhux wieħed effettiv, u qiegħed iwassal għal ksur tad-dritt tiegħu li ma jkunx assoġġettat għal trattament inuman u degradanti, għaliex minkejja li huwa għandu l-fakoltà li għeluq il-ħamsa u għoxrin sena (25) mis-sentenza tal-Qorti Kriminali huwa jitressaq quddiem il-Bord tal-*Parole,* xorta waħda ma ġiex ikkunsidrat il-perijodu li huwa qatta' taħt arrest preventiv. Ir-rikorrent qal li huwa ilu arrestat mis-17 ta' Frar, 2000, u ma jistax jifhem għal liema raġuni dan il-perijodu ma ġiex ikkunsidrat ladarba l-libertà tiegħu kienet

meħuda. Qal li minħabba l-liġi, huwa ma jistax jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, u għalhekk jemmen li qiegħed ikun assoġġettat għal trattament inuman u degradanti. Ir-rikorrent qal ukoll li ladarba diġà ġie ddikjarat li fil-konfront tiegħu kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu fir-rigward tal-*parole,* għandu jkun hemm dikjarazzjoni simili fis-sens li l-artikolu 22 tal-Kap. 516 jipprekludih milli jibbenefika mit-tnaqqis fil-piena, u dan imur kontra d-drittijiet tal-bniedem. Qal li ladarba llum huwa għandu l-fakoltà li japplika għall-*parole,* m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandux jibbenefika mit-tnaqqis fil-piena.

29. Ir-rikorrent qal li l-Imħallef li ppresieda l-ġuri tiegħu seta' kien ippreġudikat fil-konfront tiegħu, għaliex kien l-istess Imħallef li ppresieda l-ġuri ta' Domnic Bonnici. Qal li ladarba l-istess Imħallef sab lil Bonnici ħati li kkommetta serq u qtil ma' persuna oħra, dan il-fatt ħoloq preġudizzju fl-Imħallef fil-konfront tiegħu, u fil-fatt huwa ngħata piena ta' għomor il-ħabs, filwaqt li Bonnici ngħata piena ta' tletin (30) sena. Qal ukoll li huwa kien ġie mwissi mill-Imħallef li ppresieda l-ġuri, li l-ġuri seta' jkompli mingħajru meta huwa talab li jitħalla jixhed.

30. Ir-rikorrent qal ukoll li ħadd ma jista' jifhem huwa x'ħass kull darba li l-ġuri tiegħu kien xolt, u qal li dan ġab ukoll ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Qal li fiż-żewġ okkażjonijiet, il-ġuri kien xolt minħabba fl-inkompetenza tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali, li lkoll kienu jafu li l-każ kontra Domnic Bonnici kien għadu ma nqatgħax u li ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn uffiċjal investigattiv kellu jixhed dwar fatti li sar jaf mingħand Domnic Bonnici fil-ġuri tiegħu. Ir-rikorrent qal ukoll li dan lanqas ma kien każ ta' imprevist, kif iddikjarat il-Qorti Kriminali fl-ewwel xoljiment tal-ġuri tiegħu, imma dan kien każ ta' inkompetenza tal-Pulizija. Żied jgħid li apparti li x-xoljiment tal-ġuri kkawżalu ħafna stress u tensjoni, id-dewmien taż-żmien laħaq ġab l-applikazzjoni tal-emenda fl-artikolu 683(3) tal-Kap. 9, li rrenda l-prova tal-każ fil-konfront tiegħu aktar faċli għall-prosekuzzjoni.

Ir-rikorrent saħaq li wara li l-ġuri tiegħu reġa’ ġie appuntat għal darba oħra, il-Pulizija ma kellhomx għalfejn jikkorroboraw dak li qal Domnic Bonnici b’aktar evidenza. Qal li bit-tibdil fil-liġi proċedurali, il-Qorti kellha biss tagħti direttiva lill-ġurati sabiex jiżnu x-xhieda ta’ Domnic Bonnici b’kawtela qabel iserrħu fuqha u jsibu lill-akkużat ħati, u l-każ tal-Pulizija kien jiddependi prattikament fuq ix-xhieda li ta Bonnici. Qal li Bonnici kellu interess li jigdeb u jgħid dak li riedu jisimgħu l-Pulizija sabiex jibbenefika minn tnaqqis fis-sentenza. Ir-rikorrent qal li x-xoljiment tal-ġuri tiegħu wassal biex l-att tal-akkuża ġie kkorreġut, u minflok huwa ġie akkużat li seraq u qatel flimkien ma’ diversi persuni, huwa ġie akkużat li seraq u qatel ma’ persuna waħda biss. Qal li xhieda li kienu mħarrka biex jixhdu fl-ewwel ġuri, ma ġewx imħarrka biex jixhdu fit-tielet ġuri, fosthom ċertu Kevin Farrugia li seta’ juri kif Bonnici gideb. Qal li kien hemm xhieda li laħqu mietu bejn l-ewwel u t-tielet ġuri tiegħu, u kien hemm xhieda oħra li minkejja li kienu mħarrka biex jixhdu fl-ewwel u fit-tieni ġuri, ma tħallewx jixhdu fit-tielet ġuri. Qal li lanqas hu ma tħalla jixhed fil-ġuri tiegħu, u meta indika li xtaq jagħti d-depożizzjoni tiegħu, l-Imħallef sikktu u qallu li l-ġuri seta’ jkompli fin-nuqqas tiegħu. Ir-rikorrent qal li għal xi raġuni l-avukati tiegħu ma talbu li jinstema’ lanqas xhud wieħed, u l-ġuri tiegħu ġie konkluż fi tliet ijiem.

31. Ir-rikorrent qal li fl-investigazzjonijiet li saru, huwa ġie interrogat diversi drabi mingħajr ma ġie offrut konsulta ma’ avukat, u mingħajr ma seta’ jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjonijiet. Qal li l-ispettur investigattiv sostna li huwa bidel il-verżjoni tiegħu diversi drabi, u anki allega li huwa gideb. Qal li d-domandi u r-risposti tiegħu kellhom impatt kbir fuq il-ġurati, u li kieku huwa ġie mogħti d-dritt għal avukat, ċerti affarijiet waqt l-interrogatorju ma kinux isiru, u l-Pulizija kienu jimxu mod ieħor miegħu. Ir-rikorrent qal li huwa ħass li kellu pressjoni kbira fuqu mill-Pulizija, u dawn bdew anki jgħidulu affarijiet li ma kienux

veritieri sabiex jisimgħu dak li riedu jisimgħu mingħandu. Qal li huwa lanqas ma ngħata d-dritt tad-*disclosure,* anzi ġie ttradut diversi drabi mill-uffiċjali investigattivi bit-tattiċi li bdew jintużaw fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent qal li anki hawnhekk huwa kien suġġett għal trattament inuman u degradanti, u ġie mċaħħad mid-dritt għal smigħ xieraq għaliex dawn l-istqarrijiet intużaw biex lilu jinkriminawh. Qal li waqt l-interrogatorju min-naħa tal-Pulizija, huwa tpoġġa fi stat ta' biżgħa u vulnerabbiità, u dan kellu influwenza kbira fuqu minħabba li ma kellux lil min jagħtih pariri. Qal li dak iż-żmien huwa kellu problema ta' droga, u waqt l-interrogatorju kien ukoll taħt l-influwenza tad-drogi, u meta ġie allegat li huwa wettaq qtil doppju, huwa kien taħt xokk qawwi. Qal li huwa tħalla bil-ġuħ, bil-għatx, u bla sigaretti, u kien biss lejn l-aħħar tal-interrogazzjoni li huwa ġie mwiegħed kafè u sigarett dment li jagħti stqarrija. Qal li huwa ġie mneżża' wkoll minn ħwejġu, u tħalla biss b'inċirata bajda fil-kesħa ta' Frar. Spjega li lanqas il-pilloli tad-dipressjoni li kien jieħu s-soltu ma tħalla jieħu, u dawn l-istqarrijiet mogħtija minnu f'dawn iċ-ċirkostanzi kienu determinanti għas-sejbien ta' ħtija tiegħu, għaliex dawn inqraw lill-ġurati, u r-risposti li ngħataw minnu intużaw fil-kors tal-ġuri, b'interpretazzjoni distorta li ngħatat mill-prosekuzzjoni. Ir-rikorrent qal li s-sitwazzjoni kienet skomda ħafna għalih, għaliex ġie interrogat minn John Rizzo, li hu ħabib tal-familja tal-mara tiegħu. Spjega li huwa talab bil-ħniena biex Kevin Farrugia jitħalla jixhed dwar dak li kien qiegħed jiġi allegat dwaru, iżda li l-Pulizija baqgħet ma kellmitux, u bdew jgħajjruh giddieb. Qal li huwa kien f'kamra mimlija Pulizija, b'uħud isabbtu fuq it-*typewriter,* u oħrajn jgħajjtu ma' wiċċu, waqt li huwa kien immanettjat u liebes inċirata. Ir-rikorrent temm ix-xhieda tiegħu billi qal li wara bosta sigħat ta' interrogazzjoni, huwa ġie mwiegħed kafè, u huwa lemaħ lix-xufier ta' John Rizzo jitfgħalu xi qtar fih, iżda huwa ħadu xorta waħda.

32. Waqt l-udjenza tal-1 ta' Ġunju, 2022, xehdet **Gertrude Scerri**, mill-*Customer Care Department* tal-Isptar Mater Dei[32], li esebiet ir-*records* mediċi tar-rikorrent.

33. Waqt l-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2022, xehed ir-rikorrent[33], li qal li huwa kien suġġett għal trattament inuman u degradanti waqt l-interrogazzjoni tiegħu, u dan affettwa l-proċess ġudizzjarju tiegħu. Ir-rikorrent qal li waqt l-interrogatorju tiegħu, kien hemm uffiċjali għolja fil-korp tal-Pulizija li kellhom kunflitt ta' interess għaliex huma ħbieb tal-familja tal-mara tiegħu. Hawnhekk ir-rikorrent għal darb'oħra semma l-preżenza ta' John Rizzo.

34. Ir-rikorrent kompla jixhed waqt l-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 2022[34], fejn għal darb'oħra r-rikorrent qal li waqt l-interrogazzjoni tiegħu kien hemm preżenti John Rizzo u membri tal-iskwadra tiegħu, li ppreġudikaw anki l-ġuri tiegħu. Qal li huwa nstab ħati ta' omiċidju volontarju minħabba preġudizzju li kien suġġett għalih minħabba f'każ preċedenti li kien involut fih, fejn ġie investigat ukoll mill-istess John Rizzo. Qal li huwa xtaq jitkellem ma' John Rizzo saħansitra qabel instabu l-katavri tal-konjuġi Grima, partikolarment għaliex huwa kien jgħix fl-istess blokka appartamenti fejn dawn kienu jgħixu u fejn seħħ id-delitt. Qal ukoll li huwa qatt ma kellu l-ħsieb li joqtol. Qal li f'jum il-festa ta' San Pawl, presumibbilment dakinhar li nqatlu l-konjuġi Grima, huwa kien qiegħed jagħmel xi xogħol fid-dar t'ommu meta ċempillu Domnic Bonnici, li talbu jmur ħdejh ġol-każin tal-PN ġewwa Santa Luċija. Qal li dak iż-żmien huwa kien għaddej minn mument partikolari f'ħajtu, kellu dipressjoni, u minkejja li kien jaf li ma setax jixrob minħabba l-istat li kien fih dak iż-żmien, huwa ċeda għall-pressjoni ta'

---

32 *A fol.* 1294 tal-proċess.
33 *A fol.* 1451 tal-proċess.
34 *A fol.* 1461 tal-proċess.

Bonnici, u spiċċa mar jixrob fil-każin ta' Santa Luċija. Ir-rikorrent qal li wara ġurnata jixrob ma' Bonnici u ma' ċertu 'Robert', huwa lanqas kien jaf fejn spiċċa, u speċjalment ma kienx ser ikun jaf jekk ħaduh x'imkien jisraq jew joqtol. Qal li huwa ried javviċina lil John Rizzo biex jgħidlu b'dan kollu, minkejja li 'Duminku' u 'Robert' ċemplulu u wissewh biex ma jparla xejn. Qal li huwa dam ma sar jaf li l-konjuġi Grima kienu mietu, iżda kien iltaqa' ma' John Rizzo qabel dawn instabu mejta sabiex itih l-informazzjoni dwar dawk li fil-fehma tiegħu kienu implikati f'dan il-qtil. Ir-rikorrent qal li l-għada tal-festa ta' San Pawl, kien ikkuntattjah Duminku Bonnici, u b'li qallu ried jimplikah fis-serqa u fil-qtil tal-konjuġi Grima, anki jekk huwa ma kellux amment x'kien seħħ il-ġurnata ta' qabel. Qal li huwa ma jiftakarx jekk daħalx fl-appartament tal-konjugi Grima, iżda huwa kien jieħu ħsieb jagħmel xi manutenzjoni fix-xaftijiet tal-blokka kull meta jkun hemm il-ħtieġa, u għalhekk li kieku ried jisraq lill-konjuġi Grima, huwa seta' jagħmel dan b'mod aktar faċli. Qal li huwa ma tantx kellu kunfidenza mal-konjuġi Grima, iżda kien jafhom għaliex kien ilu jgħix fl-istess blokka tagħhom madwar disa' snin. Qal li lanqas li kieku kien jaf li l-konjuġi Grima kellhom ħafna flus id-dar ma kien jidħol u jisraqhom, f'ċirkostanzi fejn huwa kien jgħix fl-istess blokka bil-familja tiegħu. Ir-rikorrent qal li l-interrogazzjoni ta' Duminku Bonnici u ta' Robert saret ġurnata qabel tiegħu, u li dawn ingħataw trattament differenti minn dak li ngħata hu, fosthom billi tħallew ipejpu. Ir-rikorrent qal li huwa ngħata d-dettalji dwar il-qtil mingħand Duminku, li dik il-ħabta kien jafu għaliex dan kien ifornih bid-droga. Qal li huwa kien iltaqa' ma' John Rizzo l-McDonalds ta' Ħal Luqa qabel instabu l-katavri tal-konjugi Grima, u huwa kien għadda informazzjoni lill-Pulizija li f'appartament fil-binja fejn kien jgħix hu, kien hemm żewġ persuni marbutin. Ir-rikorrent qal li waqt l-interrogatorju huwa ffaċċja pressjoni kbira mingħand John Rizzo u l-Ispettur Pierre Calleja, li lanqas ħallewh jixrob tazza ilma, u f'ħin minnhom huwa lemaħ lix-xufier ta' Rizzo jitfgħalu xi qtar f'tazza tal-kafè li ġiet

offruta lilu. Qal li waqt l-interrogatorju huwa tħalla mingħajr ħwejjeġ, immanettjat ma' siġġu. Qal ukoll li dakinhar tal-qtil tal-konjuġi Grima, 'Duminku' u 'Robert' kienu marru għandu fl-appartament tiegħu jieħdu l-*coke,* u xorbu xi alkoħol, u dan wara li kienu marru l-każin. Qal li huwa ma jafx x'ġara minn post għall-ieħor.

35. Waqt l-udjenza tat-3 ta' Marzu, 2023, ir-rikorrent ippreżenta *affidavit* ulterjuri[35], fejn b'riferiment għall-allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess min-naħa tal-uffiċjali investigattivi, qal li bejn wieħed u ieħor fis-sena 1993/1994 huwa kellu każ ta' frodi, wara li kien qabbad lil ċertu 'Horace' jaħraqlu l-karozza tiegħu biex jieħu l-flus tal-assikurazzjoni. Qal li dak iż-żmien huwa ġie interrogat fl-Għassa ta' Raħal Ġdid minn John Rizzo u mis-surġent David Saliba. Qal li dak iż-żmien huwa kellu ftit aktar minn għoxrin sena. Spjega li l-Ispettur Rizzo dak iż-żmien kien werwru, u qallu li jekk ma kienx ser jammetti, kien ser jispiċċa l-ħabs. Qal li huwa ammetta kollox, iżda wara li għamel l-istqarrija, l-Ispettur Rizzo kien bagħtu d-dar kif kien wiegħdu. Ir-rikorrent qal li huwa baqa' jibża' li minkejja li kien irreġistra ammissjoni, Rizzo xorta waħda kien ser jitfgħu l-ħabs, u għalhekk kien fetaħ qalbu ma' missier il-mara tiegħu li kien jaf ħafna nies, u talbu jgħinu sabiex ma jmurx il-ħabs. Qal li Rizzo kien diġà semmielu sentenza sospiża u għalhekk beda jibża'. Qal li hekk kif informa lil missier il-mara tiegħu min kien l-ispettur li interrogah, dan qallu li Rizzo kien ħabib tiegħu, u għalhekk ftiehem ma' ħabib ieħor tagħhom biex imorru jkellmuh. Qal li meta eventwalment huwa itaqa' ma' Rizzo, dan kien qallu li kieku kien infurmah min kien missier il-mara tiegħu, l-istorja ma kinitx tasal s'hemm, u hu kien fehem li Rizzo kien ser jeżerċita xi tip ta' pressjoni sabiex huwa ma jispiċċax il-ħabs. Qal li xi jiem wara mar ifittxu s-surġent David Saliba, u ħadu l-għassa ta' Raħal Ġdid, fejn Rizzo kien qallu li l-

[35] *A fol.* 1492 tal-proċess.

ħabs ma kienx ser imur, imma xorta waħda kellu jidher quddiem il-Qorti. Qal li minn dakinhar hu u Saliba saru ħbieb u kienu anki joħorġu b'mod regolari, imma xi żmien wara huwa beda jiddejjaq b'din il-ħbiberija. Qal li eventwalment Rizzo verament kien *"żamm kelmtu"*, għaliex huwa ngħata sentenza sospiża. Qal li dak iż-żmien huwa beda relazzjoni ma' mara oħra, li minnha kellu tifla barra miż-żwieġ. Qal li kellu familja Bormla u oħra Santa Luċija, u din il-ħajja wasslitu f'dipressjoni u beda jieħu l-kura. Qal li huwa kellu jlaħħaq ma' żewġ familji bil-moħbi, u meta kien ikun barra mal-mara u t-tfal, huwa kien ikun imbeżża' għaliex kien jaħseb li ser jarah xi ħadd min-naħa tal-mara l-oħra, li sadanittant ma kinux jafu li huwa kien miżżewweġ u li kellu t-tfal. Qal li din il-ħajja wasslitu biex ikollu ġlied kontinwu mal-mara għaliex kien iqatta' ħafna ljieli barra, iżda huwa ma setax jitlaq il-familja. Qal li l-persuna li kellu r-relazzjoni magħha bdiet tirrikattah li tikxfu mal-mara li kellu tifla minn tagħha, jekk jitlaqha. Qal li kien minħabba f'dawn il-problemi li huwa beda jintefa' fil-ħwienet tax-xorb u jisker biex jinsa l-inkwiet. Qal li f'dan il-perijodu huwa kellem diversi tobba li kienu jtuh pilloli għad-dipressjoni. Qal li f'okkażjoni minnhom anki pprova jneħħi ħajtu billi bela l-pilloli kollha li sab. Qal li maż-żmien kien iltaqa' ma' soċju tal-Mużew li kien għalliem tiegħu, u kien fetaħ qalbu miegħu, u dan tah parir li biex jeħles mill-problemi li kellu huwa kellu jgħid lill-mara b'kollox. Qal li dak iż-żmien huwa qabad ukoll il-vizzju tal-kokaina, li kien jgħaddilu 'Duminku', u dak iż-żmien ta' spiss kien jispiċċa fl-inkwiet mal-Pulizija. Qal li huwa kien jieħu l-*coke* b'mod regolari, u kien qed jgħix ħajja mqallba ħafna. Spjega li huwa kien anki beda relazzjoni ma' mara oħra, ċerta Denise, u dak iż-żmien ma setax iħawwad u jigdeb iżjed, u għalhekk darba fost l-oħrajn reġa' kkontempla li jtemm ħajtu, din id-darba billi ħalla l-karozza startjata fil-garaxx waqt li huwa ngħalaq fih. Qal li kien jiffrekwenta ħafna każini u bars, u lil Duminku sar jafu għaliex dan kien imexxi l-kokaina. Qal li kien Duminku li kien qallu li fl-appartament fejn kien jgħix hu kien hemm ċertu Ġiġi

mill-Belt, u li huma setgħu jmorru jisirquh għaliex Duminku kellu problema ta' flus dak iż-żmien. Żied jgħid li Duminku kien qallu li diġà kien hemm attentat ta' serq għand Ġiġi, iżda dan kien qabad lill-ħallelin u dawn ħarbu minn fuq il-post. Qal li huwa nħasad meta Duminku qallu b'dan, għaliex kien sar jaf li lil Ġiġi pprova jidħollu xi ħadd u dan kien qabadhom. Qal li Duminku beda jipprova jeħodlu minn moħħu jistaqsih jekk huwa setax jipprovdi xi forma ta' aċċess għad-dar ta' Ġiġi. Qal li xi żmien wara Duminku u Robert bdew jisaqsuh ħafna domandi, u kien ċar li dawn kienu qegħdin isusu l-passi ta' Ġiġi Grima, u meta beda jirrealizza li l-affarijiet bdew jisserjaw, huwa beda jevita li jiltaqa' ma' Duminku. Qal li dak iż-żmien huwa beda jipprova jqatta' ħafna ħin mal-familja bil-ħsieb li jibdel ħajtu, u beda jaħbi l-karozza u ma jirrispondix il-*mobile* sabiex Duminku ma jindunax meta kien ikun id-dar. Qal li fl-10 ta' Frar, 2000 huwa ma kellu l-ebda ħsieb li joħroġ, u kien ilu minn ġurnata qabel jgħid lill-mara li kien ser iqatta' l-ġurnata għand ommu. Qal li dakinhar għand ommu kienu ser jiltaqgħu l-familja kollha sabiex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni għaliex oħtu kienet waslet biex tiżżewweġ. Qal li waqt li kien għaddej b'xi xogħol ta' tibjid, daqqlu l-*mobile* minn numru privat, u meta rrisponda ħa qatgħa x'ħin induna li kien qiegħed iċempillu Duminku, li talbu jmur sal-każin għaliex ried ikellmu. Qal li ftit ħin wara huwa ċeda għall-pressjoni u mar il-każin fejn sab jixorbu lil Robert, lil Duminku, lil ċertu Stephen u irġiel oħra, u Duminku qallu li dakinhar Ġiġi kien mar il-festa l-Belt u kien ser idum. Qal li huwa kien wieġbu li ma setax idum, u li ma kienx ser jixrob. Qal li dak iż-żmien huwa kien jieħu l-kura għad-dipressjoni, u kien diġà ħa l-pilloli ta' dakinhar. Ir-rikorrent qal li l-pjan ta' Duminku kien li huwa jdaħħlu fil-blokka fejn kien jgħix hu, u fejn kienu jgħixu l-konjuġi Grima. Qal li huwa beda jipprova jiddiswadieh, u qallu li kien sema' li s-Sur Grima ma kellux flus u kellu d-dejn fuq il-karozza. Qal li ntefa' jixrob u x-xorb beda tiela' għal rasu, u xi ħin wara Duminku kien saq lejn is-Swieqi u waqfu jixorbu f'ħanut hemmhekk. Qal li Duminku beda

jsuq qisu indannat, u beda jgħid li ried jakkwista għoxrin elf lira minn x'imkien, u kemm ir-rikorrent u anki Robert qablu li jkun aħjar li jmorru jorqdu għaliex ma kinux f'sikkithom. Qal li huwa jiftakar biss ftit minn dak li ġara wara, iżda ma jafx eżattament x'ġara aktar. Spjega li l-għada, jiġifieri fil-11 ta' Frar, 2000, huwa qam b'*hangover,* u dak il-lejl kien raqad għand il-ħabiba tiegħu Bormla. Qal li pprova jwassal lill-ħabiba x-xogħol, iżda lanqas biss seta' jiftakar fejn kien ipparkja l-karozza tiegħu, u kif xegħel il-*mobile,* l-ewwel persuna li ċempillu kien Duminku li staqsieh x'kienet is-sitwazzjoni. Duminku talbu mur il-każin għax ried ikellmu. Qal li xi ħin wara reġa' ċempillu Duminku, iżda kellmu Robert, li staqsieh is-sitwazzjoni kif inhi, u dwar *"dawk tal-blokk",* iżda kien qallu wkoll li ma setax ikellmu sew fuq it-*telephone*. Qal li dak il-ħin huwa rrealizza li setgħet ġrat xi ħaġa lill-anzjani, u għalhekk ħakmitu l-biżgħa. Qal li huwa ra l-karozza ta' Ġiġi bla *cover,* u qal li huwa kien jaf li Ġiġi kien iffissat li filgħaxija jgħatti l-karozza u jerġa' jneħħieh filgħodu. Qal li dakinhar ċempillu Duminku, u qallu jmur id-dar tiegħu f'Ħal Tarxien, u meta ltaqa' miegħu dan infurmah li l-konjuġi Grima aktarx kienu mejtin it-tnejn. Ir-rikorrent qal li dak il-ħin ħakmu paniku, u Duminku talbu biex ma jparla xejn, u ma jsemmix li jaf lilu jew lil Robert. Qallu wkoll li jekk huwa jiġi f'idejn il-Pulizija, huwa kien ser isemmi lilu għaliex kellu xi grif f'wiċċu bid-dwiefer tal-vittmi, u qallu wkoll li hu kien ħalla evidenza fuq il-post. Ir-rikorrent qal li s-Sibt 12 ta' Frar, 2000 huwa għamel ġurnata inkwetat u mbeżża', u beda jibża' jgħaddi minn quddiem id-dar tal-anzjani. Qal li huwa kien ċempel lil missier il-mara tiegħu, u infurmah li kellu bżonn ikellem lil John Rizzo. Qal li meta kkuntattja lil Rizzo, dan kien qallu li ma setax ikellmu dakinhar, iżda meta huwa qallu li l-kwistjoni kienet ta' natura urġenti, dan qabel li jiltaqgħu ħdejn il-McDonalds Ħal Luqa bil-mara u t-tfal. Qal li huwa nforma lil Rizzo li kien daħal fi storja kbira, u li fil-blokk fejn jgħix aktarx li kien hemm żewġ anzjani mejtin, u informa lil Rizzo wkoll li wara din il-biċċa xogħol kien hemm Duminku, Robert, 'il-

Bona’, u ċertu ‘Kevin iż-Żibġa’. Qal li Rizzo kien qallu biex jekk ikellmuh il-Pulizija huwa ma jwieġeb għal xejn. Qal li mit-12 ta’ Frar sas-17 ta’ Frar, 2000 il-Pulizija ma marrux, iżda fl-aħħar ma felaħx iżomm u ċempel 191, fejn informa lil min kellmu li kien hemm żewġ anzjani marbutin. Qal iżda li xorta waħda ma mar ħadd fil-binja fejn kienu jgħix kemm hu u anki l-konjuġi Grima.

36. Ir-rikorrent qal li l-vittmi nstabu fis-17 ta’ Frar, 2000, u filgħaxija bagħtu għalih mid-Depot flimkien ma’ diversi persuni oħra. Qal li l-Pulizija bdew jistaqsuh dwar x’kien ġara l-Ħadd 13 ta’ Frar, 2000, minflok dwar dak li kien ġara fl-10 ta’ Frar, 2000, u jekk huwa kienx mar il-każin tal-PN ta’ Santa Luċija dakinhar, u huwa wieġeb fin-negattiv. Qal li l-Ħadd huwa kien mar jixrob il-Lulu’s Bar, u kien reġa’ intilef minn sensieh bix-xorb, tant li kellu jwasslu d-dar sid il-ħanut. Ir-rikorrent qal li dakinhar huwa ma ġiex arrestat, iżda sempliċiment kien mitkellem mill-Pulizija għal madwar tliet kwarti, u wara kien rilaxxat. Qal li l-attitudni ta’ Rizzo waqt l-interrogazzjoni kienet daqs li kieku ma kienx jafu. Qal li hu u ħiereġ mid-Depot lemaħ lil Duminku ma’ żewġ uffiċjali tas-CID, li baqa’ għaddej minn ħdejh daqs li kieku ma jafux ukoll. Qal li huwa nduna li dan Duminku kien arrestat u mhux sempliċiment mitkellem mill-Pulizija, u dak il-ħin huwa ftakar li Duminku kien wissieh li jekk ikellmuh il-Pulizija huwa kien ser jitfa’ l-ħtija kollha fuqu minħabba li kien jgħix fl-istess blokka fejn joqgħodu l-vittmi. Ir-rikorrent qal li ċertu Salvu li kien joqgħod fl-istess blokka, kien qallu li l-anzjani kienu marbutin bit-*tape,* u dak il-ħin huwa ftakar fit-*tape* li kien ta lil Duminku madwar ġimagħtejn qabel. Ir-rikorrent qal li fil-fatt huwa sab lir-raġel ta’ oħtu u qallu biex it-*tape* li kienu waħħlu max-xambrelli tad-dar ta’ ommhom, imorru jaqilgħuh minħabba li dak aktarx li kien intuża fid-delitt. Qal ukoll li l-għada marru għalih il-Pulizija, li infurmawh li ried ikellmu l-Ispettur. Qal li huwa kellu *hangover* fuqu għaliex il-lejl ta’ qabel kien xorob mid-dar, u din id-darba huwa ġie mistoqsi diversi domandi taħt arrest. Qal li kienet il-kesħa u beda jħoss bard kbir, iżda

ħadulu l-ħwejjeġ tiegħu, u libbsuh ilbies tal-forensika bojod, filwaqt li l-investigaturi bdew jakkużawh li huwa kien qatel lill-konjuġi anzjani flimkien ma' Duminku u Robert il-Ħadd 13 ta' Frar, 2000. Qal li huwa ġie muri ritratt ta' Robert, iżda dak il-ħin wieġeb li lil Robert ma jafux. Kompla jgħid li meta intwera ritratt ta' Duminku, huwa qal li lil Duminku jafu *by sight* biss, u ġieli ħallsu *drink* lil xulxin. Qal li huwa nforma lill-uffiċjali investigaturi li kien qiegħed jieħu trattament mediku, iżda ġie injorat, u meta talab sigarett huwa ġie infurmat li ma setax ipejjep. Qal li dak il-ħin qabdu l-ġuħ u l-għatx u ġie *dehydrated,* iżda għal sigħat twal tħalla immanettjat f'uffiċċju ma' bosta Pulizija jiktbu, fosthom xi nisa. Qal li huwa kien għajjien ħafna u beda jistħi quddiemhom. Ir-rikorrent qal li f'ħin minnhom sejħulu fl-uffiċċju l-ispetturi Pierre Calleja u John Rizzo, u din id-darba beda jiġi interrogat dwar dak li kien seħħ fl-10 ta' Frar, 2000. Kompla jgħid li kien hemm diversi membri tal-Pulizija li bdew jistaqsuh diversi domandi fuq xulxin, u huwa kellu diżordni f'moħħu u ma setax jikkonċentra. Qal li huwa talab l-assistenza ta' avukat ta' fiduċja tiegħu, iżda ma tħalliex jikkuntattja avukat. Qal li f'ħin minnhom huwa ftakar li Duminku tħalla jpejjep. Qal li John Rizzo kien żorr miegħu, u huwa ġie f'diffikultà jekk għandux iwieġeb għad-domandi li bdew isirulu, jew inkella kellux jibqa' sieket kif kien qallu Rizzo biex jagħmel meta ltaqgħu l-McDonalds. Qal li f'ħin minnhom niżżluh fiċ-ċella, u wara xi siegħa huwa talab li jkellem lill-Ispettur Calleja, u kull darba li huwa pprova jispjega kif ġraw l-affarijiet, dawn bdew ifixkluh. Ir-rikorrent qal li wara konfront ieħor ma' Duminku, huwa beda jsemmi kif Duminku kien talbu t-*tape* waqt li kienu fil-karozza ma' Robert, u wara li huwa semma dan l-episodju tat-*tape,* huwa tpoġġa f'konfront ma' Robert, li qallu li ma kienx jaf x'inhu jgħid. Qal li dak il-ħin huwa nduna li Robert u Duminku kienu miftehmin, u bdew jgħidu li Robert qatt ma kien mar fil-binja fejn jgħix ir-rikorrent jew fl-appartament tiegħu, u meta huwa ftakar li dakinhar tal-10 ta' Frar, 2000, kien rahom flimkien fil-*lift* ċertu Kevin, u

semma dan il-fatt, huwa baqa' ma ġiex emmnut. Qal li huwa semma kif wara li għamlu ġurnata jixorbu, Duminku kien ħadu Bormla għand ħabibtu, li minnha huwa kellu tifla, u dak il-ħin talab lil John Rizzo ma jgħid xejn dwar dan lil missier il-mara tiegħu. Ir-rikorrent qal li meta Rizzo sar jaf li huwa għandu tifla minn ta' mara oħra, dan għadda xi kummenti personali fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent qal li huwa nduna li Robert u Duminku kienu qegħdin jikkollaboraw bejniethom, u li huwa ma kienx qiegħed jiġi emmnut. Qal li kien ilu sigħat bil-ġuħ u bil-għatx u li kellu bżonn ipejjep, u kien ukoll għajjien. Qal li Rizzo kien *in charge* mill-interrogazjoni li saritlu, u huwa ma setax jikkopera aktar fil-preżenza tiegħu. Qal li l-Pulizija riduh jammetti għal omiċidju volontarju doppju. Qal li f'ħin minnhom anki qalulu li jekk ried jixrob kafè u jpejjep, huwa kellu jagħmel stqarrija, u huwa aċċetta li jagħmel dan bil-kundizzjoni li jingħata kafè u sigarett. Qal li huwa nduna li x-xufier ta' Rizzo kien tefgħalu xi qtar fit-tazza tal-kafè, iżda huwa xorob il-kafè xorta waħda. Ir-rikorrent qal li ma setax jikkonċentra, u l-investigaturi bdew jgħidulu li kien bidel il-verżjoni tiegħu xi ħames darbiet. Qal li għall-bidu huma bdew jistaqsuh x'kien għamel il-Ħadd 13 ta' Frar, 2000, u dakinhar huwa vera ma kienx mar il-każin, iżda huwa baqa' jiġi mgiddeb, u fil-fatt din l-informazzjoni intużat kontra tiegħu fil-ġuri. Qal li huwa ma kienx f'sikktu, u ħin minnhom ħassu qiegħed jistordi, u beda jgħid kliem bla sens. Ir-rikorrent qal li dakinhar Rizzo kien qallu li kien ser jara kif jagħmel biex huwa jingħata piena ta' għomor il-ħabs. Allega wkoll li huwa ddaħħal f'karozza ma' ċertu Pawlu li saq bih 'il barra mid-Depot, u xi ħin wara dan waqqaf il-karozza biex imur jixtri, u qallu li jekk ried jaħrab, seta' jagħmel dan.

37. Ir-rikorrent qal li wara li daħal il-ħabs u wara li kienet bdiet il-kumpilazzjoni, huwa kien ġie avviċinat minn ċertu Carmelo Camilleri, li kien jafu qabel daħal il-ħabs, li qallu li Rizzo ried jgħinu. Qal li Camilleri kien qallu li Rizzo ried ikellmu biex jurih ritratt ta' ċertu wieħed jgħidulu 'Razzi', u jammetti li

għarfu. Qal li dak iż-żmien huwa kien jitfixkel l-identità tar-Razzi u tal-Bona, u dan Carmelo Camilleri li kien priġunier, kien qallu li jekk jidentifika l-persuna fir-ritratt li kien ser jintwera minn Rizzo, biċċa sewwa mill-każ kienet tinqata'. Qal li meta reġgħu kellmuh l-Ispetturi Rizzo u Calleja, huwa fehem li dawn riduh jgħid li l-persuna fir-ritratt kien 'ir-Razzi', iżda huwa ma setax jikkonferma dan. Qal li qabel telaq, Rizzo kien diżappuntat, u qallu biex jinsa li dik il-laqgħa kienet saret. Ir-rikorrent qal li meta kellu l-ġuri, huwa kien ħarrek lil Carmelo Camilleri u lil ċertu surġent 'Geoffrey' bħala xhieda. Qal li s-surġent Geoffrey kien jaf li dan Carmelo kien joħroġ mill-ħabs biex imur ħdejn l-Ispettur Rizzo, u dan kien jaf x'kien għaddej għaliex kien huwa stess li eskortah għand Rizzo. Qal li waqt li kien għaddej it-tieni ġuri u sforza lill-avukat biex isemmi dan l-episodju, Rizzo tfixkel u bil-ġurament allega li kien hu li bagħat għalih waqt li kien qiegħed jiskonta diversi pieni l-ħabs. Qal li hawnhekk ġie xolt il-ġuri. Ir-rikorrent qal li s-Surġent Geoffrey jaf li kien Carmelo li qallu biex imur magħhom ħdejn Rizzo, u mhux hu li kien bagħat għalih. Qal li xi żmien wara huwa ltaqa' mal-'Bona' fil-ħabs, u aċċerta ruħu li l-persuna li kien ra ma' Duminku fil-fatt kien 'il-Bona' u mhux 'ir-Razzi'. Qal li 'l-Bona' kien qallu biex lilu ma jsemmihx.

38. Waqt l-udjenza tad-19 ta' Mejju, 2023, xehed **Joseph Falzon**[36], għalliem u soċju tal-Mużew, li qal li huwa kien jgħallem lir-rikorrent fl-iskola sekondarja fejn kien jattendi, u wara li dan spiċċa mill-iskola kien baqa' f'kuntatt miegħu. Qal li huwa sar jaf li r-rikorrent kellu problemi matrimonjali, u li kien qabad kumpannija ħażina, u li kien jieħu d-drogi. Qal li kien hemm mumenti fejn xtaq ineħħi ħajtu b'idejh, u eventwalment sar jaf ċerti affarijiet mill-mezzi tax-xandir. Qal li huwa kien konxju li r-rikorrent kien jesperjenza mumenti ta' paniku, u li kien hemm mara oħra involuta f'ħajtu. Qal li kien hemm drabi fejn huwa ltaqa' mar-rikorrent

[36] *A fol.* 1523 tal-proċess.

fil-karozza, u drabi oħra d-dar. Qal li huwa kien imħarrek biex jixhed fil-ġuri tar-rikorrent, iżda għal xi raġuni ma tħalliex jixhed, u waqt li kien għadu qiegħed jistenna fil-bini tal-Qorti biex jagħti d-depożizzjoni tiegħu, huwa sar jaf li kienet ingħatat sentenza fil-konfront tar-rikorrent. Qal li r-rikorrent kien qallu li qegħdin iwaħħlu fih fuq il-każ, u r-rikorrent kien f'paniku kbir minħabba fil-problemi li kien għaddej minnhom.

39. Waqt l-istess udjenza xehed **Jason Vella**[37], li jiġi r-raġel ta' oħt ir-rikorrent, li qal li dakinhar li seħħew is-serqa u l-qtil tal-konjugi Grima, huwa kien qiegħed mar-rikorrent jagħmel xi xogħol fid-dar ta' ommu, meta r-rikorrent irċieva telefonata mingħand ċertu 'Duminku'. Qal li huwa ma setax isegwi l-konverżazzjoni, iżda jaf li r-rikorrent beda jgħidlu li kellu x'jagħmel. Qal ukoll li huwa għadda xi kumment fis-sens li min ċempel kien ser jisfrattahom minn dak li kienu qegħdin jagħmlu. Qal li anki hu kien ġie mħarrek biex jixhed fil-ġuri tar-rikorrent, iżda eventwalment ma ġiex mgħajjat biex jagħti d-depożizzjoni tiegħu.

40. Waqt l-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2023, xehed **Stephen Bello Rofonte**[38], li qal li huaw jaf lir-rikorrent *"fuq ix-xogħol".* Ix-xhud qal li huwa qatt ma kellu problemi mar-rikorrent, u darba minnhom huwa kien qiegħed il-każin ta' Santa Luċija jixrob ma' Duminku Bonnici, u staqsieh għar-rikorrent. Ix-xhud qal li Bonnici wieġbu li kien diġà pprova jċempel lir-rikorrent, iżda dan ma weġbux, u qallu li kieku r-rikorrent ikun jaf li x-xhud kien qiegħed il-każin, forsi kien jitħajjar imur. Qal li fil-fatt meta reġgħu ċemplu lir-rikorrent, dan aċċetta u mar il-każin. Ix-xhud qal li dakinhar damu mill-għaxra ta' filgħodu sal-ħamsa ta' filgħaxija jixorbu l-każin, u dakinhar kienu anki ħadu l-kokaina. Qal li huwa kien jaf li r-rikorrent dak iż-żmien kellu problemi familjari, u kien hemm drabi meta huwa

[37] *A fol.* 1530 tal-proċess.
[38] *A fol.* 1537 tal-proċess.

kien iwasslu d-dar għaliex ir-rikorrent kien jisker qablu. Dan ix-xhud fil-fatt kien qiegħed jitkellem dwar dak li seħħ fl-10 ta' Frar, 2000.

41. Il-kontro-eżami tar-rikorrent sar waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2023[39], fejn dan qal li huwa kien jaf, minn qabel it-tielet ġuri tiegħu, li l-istess Imħallef li kien ta d-deċiżjoni fil-każ ta' Duminku Bonnici, kien ser jippresjedi l-ġuri tiegħu. Ir-rikorrent qal li dak iż-żmien huwa ħass li l-Imħallef kien ser ikun preġudikat kontra tiegħu. Għad-domanda li saritlu dwar jekk dak iż-żmien huwa kienx talab ir-rikuża tal-Imħallef, ir-rikorrent qal li huwa kien talab lill-avukat tiegħu biex jagħmel talba f'dan is-sens, iżda dan ma kienx sar. Ir-rikorrent qal ukoll li minkejja li huwa kien informa lill-avukati tiegħu li xtaq jixhed fil-ġuri tiegħu stess, huma kienu ddeċidew li huwa ma kellux jixhed. B'riferiment għall-ġurnata fejn huwa kellu jagħti l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija, ir-rikorrent qal li dik ma kinitx l-ewwel darba li huwa ta stqarrija lill-Pulizija f'ħajtu, u qal li peress li dak iż-żmien kien jabbuża mid-droga, li kieku fil-mument meta ta l-istqarrija huwa kien taħt l-influwenza tad-droga, forsi kien jikkonċentra aħjar. Qal li dakinhar li ta l-isqarrija huwa kellu sintomi ta' *withdrawal* u *hangover,* għaliex fil-lejl ta' qabel kien xorob. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa kien informa lill-avukati tiegħu b'dak kollu li kien għadda minnu waqt l-interrogazzjoni tiegħu, inkluż bit-trattament li ngħata waqt li kien id-*Depot* tal-Pulizija. Qal li minkejja li kien informa lill-avukati tiegħu b'dak li għadda minnu, dawn ma talbux li l-istqarrija tiegħu titneħħa.

42. Waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2023, xehed **John Rizzo**[40], li qal li huwa lir-rikorrent jafu, iżda b'riferiment għall-allegazzjonijiet li saru mir-rikorrent f'diversi partijiet tax-xhieda tiegħu, ix-xhud qal li bosta mill-affarijiet li ntqalu huma ivvintati. Qal li l-ewwel darba li huwa ra lir-rikorrent kien ġewwa l-Għassa

---

[39] *A fol.* 1547 tal-proċess.
[40] *A fol.* 1559 tal-proċess.

ta' Raħal Ġdid, fejn huwa kien ħadem fuq każ ta' '*insurance fraud',* fejn persuna kienet ħarqet vettura għal skopijiet ta' assikurazzjoni. Qal li wara li għamel l-investigazzjonijiet tiegħu, huwa kien arresta lir-rikorrent, u kien ħa l-passi neċessarji quddiem il-Qrati. Qal li dak iż-żmien il-prassi kienet li persuna li tiġi interrogata ma jkollhiex l-assistenza ta' avukat, u għalhekk il-każ tar-rikorrent kien ittrattat bl-istess mod li bih jiġu ttrattati l-każijiet l-oħra kollha. Kompla jgħid li mhux minnu li r-rikorrent ma ngħatax *disclosure,* u r-rikorrent ġie infurmat bil-provi kollha li l-investigaturi kellhom f'idejhom fil-konfront tiegħu. Kompla jgħid li mhuwiex minnu li waqt li r-rikorrent kien qiegħed jiġi investigat, kien hemm diversi Pulizija jsabbtu fuq it-*typewriter,* għaliex dak iż-żmien il-Pulizija kienu diġà jużaw il-kompjuter. Ix-xhud qal li lanqas m'huwa minnu li r-rikorrent tħalla immanettjat f'uffiċċju bin-nisa. Qal ukoll li l-Pulizija għandha sistema kif tieħu ħsieb isservi l-kafè u ikel lill-persuni li jkunu qegħdin jiġu interrogati, u mhuwiex minnu li r-rikorrent tħalla bil-ġuħ jew bil-għatx. Ix-xhud qal li huwa nħasad meta qara l-allegazzjonijiet li saru mir-rikorrent partikolarment fil-konfront tiegħu personali, u qal li la huwa minnu li x-xufier tiegħu tefa' xi taqtir fil-kafè li kien ser jixrob ir-rikorrent, u lanqas li r-rikorrent f'xi ħin intilef minn sensieh. Qal li lanqas m'huwa minnu li persuna li tkun qiegħda tiġi investigata titħalla titwassal waħedha minn xufier kif allega r-rikorrent, u huwa wkoll kontra l-proċeduri li Pulizija jieqaf biex jixtri xi ħaġa waqt li jkollu persuna li qiegħda tiġi investigata fil-kustodja tiegħu, kif allega r-rikorrent. Ix-xhud qal li l-unika darba li huwa kellem lil missier il-mara tar-rikorrent, kien meta dan mar jagħmel rapport l-Għassa ta' Raħal Ġdid għaliex ir-rikorrent kien qiegħed jimmaltratta lil martu u jsawwatha, u għalhekk dan kien talab l-għajnuna tax-xhud f'dak is-sens. Qal li kif kien mistenni minnu li jagħmel, dakinhar huwa bagħat għar-rikorrent, u wissieh biex jiddesisti minn dak li kien qiegħed jagħmel għaliex inkella kienu ser jittieħdu passi kriminali fil-konfront tiegħu. Ix-xhud qal ukoll li mhux minnu li kien hemm

xi ħadd li eżerċita xi tip ta' influwenza sabiex ir-rikorrent ma jintbagħatx il-ħabs meta kellu l-każ tal-frodi tal-assikurazzjoni, imma r-raġuni għalfejn huwa ngħata sentenza sospiża kienet għaliex dak iż-żmien huwa kellu fedina penali netta. Ix-xhud qal ukoll li mhuwiex minnu li kien hemm żmien meta hu u r-rikorrent saru ħbieb, u lanqas huwa minnu li kien hemm żmien meta r-rikorrent sar ħabib ma' wieħed mill-uffiċjali fit-tim investigattiv li kien imexxi x-xhud, jew li dawn kienu joħorġu bil-karozza tas-servizz, u żied jgħid li huwa qatt ma telaq il-karozza tas-servizz minn taħt idejh. Ix-xhud għamel riferiment speċifiku għax-xhieda tar-rikorrent fejn dan qal li hu u x-xhud iltaqgħu l-McDonalds wara li kien seħħ id-delitt, u qal li tah xi informazzjoni. Ix-xhud qal li dan assolutament mhux minnu. Ix-xhud staqsa wkoll lir-rikorrent kif kien jaf li l-anzjani Grima kienu marbutin, jekk ir-rikorrent ma kellux x'jaqsam ma' dak il-każ. Ix-xhud spjega li wara li kien bagħat għar-rikorrent sabiex iwissieh iġib ruħhu sew fil-konfront ta' martu, lir-rikorrent qatt ma rah aktar, sakemm eventalment arrestah b'rabta mal-omiċidju doppju li kien seħħ f'Santa Luċija. Qal li kull darba li lilu waslitlu informazzjoni dwar xi reat li kien sar, huwa dejjem aġixxa kif kien mistenni minnu, iżda mhux minnu li r-rikorrent qatt għaddielu xi informazzjoni in konnessjoni ma' xi reat. Qal li r-rikorrent ma kienx veritier lanqas meta qal li ċempel fuq in-numru telefoniku li kienet tuża l-Pulizija dak iż-żmien, tahom informazzjoni li kien hemm tnejn min-nies maqtula ġewwa Santa Luċija, u għal darb'oħra dawn reġgħu m'għamlu xejn. Spjega li l-Pulizija saret taf b'dak li seħħ għaliex kien daħlilha rapport li mill-appartament tal-konjuġi Grima kienet ħierġa riħa suspettuża, u dak il-ħin stess il-Pulizija marret fuq il-post u bdiet tinvestiga. Qal li b'riżultat tal-indaġini li saret, ir-rikorrent inġabar mill-Pulizija dakinhar stess. Kompla jgħid li wara investigazzjoni retta li saret, il-Pulizija waslet għal Duminku Bonnici u għar-rikorrent, u l-investigazzjoni li saret tant kienet nadifa, li anki saru konfronti bejn Bonnici u r-rikorrent. Qal li Bonnici ammetta l-involviment tiegħu wara ċertu ħin,

u kien aċċetta wkoll li mhux biss jagħmel stqarrija ġuramentata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, iżda wkoll li jagħmel konfront wara l-ieħor ma' Brian Vella sabiex jipprova jipperswadieh jgħid il-verità. Qal iżda r-rikorrent dejjem ċaħad, u l-provi li kellha l-Pulizija fil-konfront tiegħu ma kinux riżultat ta' ammissjoni, iżda riżultat ta' eżamijiet forensiċi li saru. Ix-xhud qal li m'huwa veru xejn li Bonnici ingħata xi trattament preferenzjali, u lil Brian Vella huwa kellmu u kien preżenti għall-istqarrija tiegħu, li hija twila ħdax-il paġna, li Vella ffirmaha mingħajr wegħdi jew promessi. Qal li r-rikorrent ta madwar sitt verżjonijiet differenti dwar dak li kien seħħ. Qal ukoll li r-rikorrent kellu episodju ieħor, li minħabba fih weħel erba' snin ħabs, meta dan ħarab minn Malta b'passaport falz, u l-Pulizija ġabitu minn Dubai. Ix-xhud qal ukoll li meta ġie xolt it-tieni ġuri tar-rikorrent, huwa kien ta x-xhieda tiegħu fil-Qorti, u kien semma l-episodju ta' meta r-rikorrent ħarab minn Malta b'passaport falz. Ix-xhud qal li huwa kien qiegħed biss iwieġeb għad-domandi tal-Qorti, imma r-rikorrent dawwarha biex jallega li kien hemm xi ħadd li ried jirrekalu preġudizzju. Ix-xhud qal li huwa minnu li jaf lil ċertu 'Carmelo Camilleri' li inzerta mill-istess lokalità fejn trabba hu, iżda qal li mhuwiex minnu li t-tnejn kienu ħbieb. Qal li Camilleri ġieli għaddielu informazzjoni in konnessjoni ma' reati kriminali. Ix-xhud qal li meta r-rikorrent ried ikellmu, dan għamel hekk *through the proper channels,* għaliex fil-frattemp huwa kien sar Kummissarju tal-Pulizija, u meta r-rikorrent daħal fl-uffiċċju tiegħu, dan beda jallega l-involviment ta' terza persuna fil-każ tal-omiċidju doppju f'Santa Luċija. Qal li huwa kien spjega lir-rikorrent li ma setax ikellmu dwar dak il-każ, u meta huwa ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti, kien semma dan l-episodju. Ix-xhud ikkonkluda d-depożizzjoni tiegħu billi wera dispjaċir għall-insinwazzjonijiet li għamel ir-rikorrent fil-konfront tiegħu, u qal li tul ħajtu ra ħafna persuni akkużati b'reati serji li nidmu minn dak li kienu għamlu, iżda r-rikorrent ma wera l-ebda indiema

u l-ebda dispjaċir, anzi baqa' jipprova jagħmel il-ħsara saħansitra tlieta u għoxrin sena wara li seħħ il-każ.

43. Il-kontro-eżami ta' **John Rizzo** sar waqt l-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2024[41], fejn ix-xhud ikkonferma li fiż-żmien li fih saret l-investigazzjoni dwar ir-rikorrent, il-prassi kienet li l-investigazzjoni ssir mingħajr ma l-individwu jkun assistit minn avukat. Qal ukoll li huwa normali li f'każijiet bħal dawn, il-ħwejjeġ li tkun liebsa l-persuna li tiġi investigata jittieħdu mill-uffiċjali tal-forensika, u l-persuna interrogata tingħata *j-suit* sakemm il-familjari iġibulu ħwejjeġ oħrajn. Qal li huwa ma kellu l-ebda ilment li r-rikorrent tħalla bil-ġuħ jew bil-għatx, u l-proċedura hija li persuni li jkunu qegħdin jiġu investigati ikollhom ħin biex jieklu u jixorbu, u dawn huma affarijiet li jieħdu ħsiebhom il-*custody officers.* Qal ukoll li fil-*lock-up* ikun hemm ukoll diversi Pulizija sabiex jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet tal-persuni li jkunu arrestati. Ix-xhud qal ukoll li mhuwiex minnu li r-rikorrent tħalla bil-qiegħda f'xi uffiċċju għal ħin twil ma' ħafna uffiċjali tal-Pulizija, għaliex il-Pulizija riedet tassigura li l-ħin tal-arrest, it-tmienja u erbgħin (48) siegħa, jintużaw bl-aħjar mod possibbli. Qal ukoll li jista' jkun li r-rikorrent ittieħed l-għassa tal-Belt Valletta sabiex ma jkunx viċin is-suspettati l-oħra, iżda li mhux minnu li r-rikorrent f'xi ħin intilef minn sensieh. Qal ukoll li assolutament mhuwiex minnu li huwa qatt irċieva flus mingħand xi ħadd rigward dan il-każ jew ma' xi każ ieħor li investiga. Qal ukoll li mhux minnu li huwa ltaqa' mar-rikorrent fil-parkeġġ tal-McDonalds u li r-rikorrent għaddielu xi informazzjoni rigward l-omiċidju doppju f'Santa Luċija. Qal li wara li l-Pulizija irċeviet rapport li mill-appartament tal-konjuġi Grima kienet ħierġa riħa suspettuża, il-Pulizija bdew bl-investigazzjonijiet minnufih, tkellmu ma' bosta persuni li kienu raw lir-rikorrent u lil Duminku Bonnici jixorbu f'każin f'Santa Luċija, u meta kellmu lil Duminku Bonnici, dan l-ewwel darba

[41] *A fol.* 1592 tal-proċess.

ċaħad l-akkużi li sarulu, u t-tieni darba ammetta, ikkonferma l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, u anki ammetta fil-ġuri. Qal li fil-proċess tal-investigazzjoni, saru diversi konfronti bejn Vella u Bonnici, u Bonnici kien *"jibkilu"* lil Vella biex jgħid il-verità, iżda dan dejjem baqa' jgiddbu. Ix-xhud qal li mill-eżamijiet forensiċi li saru fuq il-loqom tas-sigaretti u t-traċċi tad-demm li ġew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt, ġie stabbilit li dawn kienu jaqblu mad-DNA tar-rikorrent. Qal ukoll li huwa ma kienx jaf li r-rikorrent kellu problema ta' alkoħol u ta' drogi, għalkemm kien jaf li tliet ijiem qabel kellmuh il-Pulizija dan kien fis-sakra.

44. Permezz ta' rikors imressaq mir-rikorrent fl-24 ta' Ġunju, 2024[42], filwaqt li rrikonoxxa li l-istadju tal-ġbir tal-provi jinsab magħluq, qal li John Rizzo fix-xhieda tiegħu semma lil ċertu Joe Demicoli, li r-rikorrent qal li jista' jitfa' dawl fuq min qed jgħid il-verità, u semma wkoll lil ċertu Ludovico Micallef li kien il-prim ġurat u li skont ir-rikorrent kien ħabib kbir tal-Ispettur Calleja, li kien wieħed mill-uffiċjali investigattivi, u talab lill-Qorti tawtorizza s-smigħ tax-xhieda tagħhom f'dawn il-proċeduri. L-intimati opponew għall-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda. Permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti fl-24 ta' Lulju, 2024[43], il-Qorti ddeċidiet li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda, u dan għaliex ir-rikorrent ma tax raġunijiet konkreti għalfejn Joe Demicoli seta' jitfa' dawl fuq min skont hu qiegħed jgħid il-verità, jekk huwiex ir-rikorrent jew John Rizzo, kif ukoll għaliex ir-rikorrent bl-ebda mod ma pprova l-allegazzjoni tiegħu li Ludovico Micallef kien ħabib kbir ta' xi wieħed mill-uffiċjali investigattivi fil-każ, u lanqas ma ġġustifika għal liema raġuni huwa naqas milli jipproduċi tali xhieda meta l-istadju tal-provi kien għadu miftuħ.

---

[42] *A fol.* 1620 tal-proċess.
[43] *A fol.* 1625 tal-proċess.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

45. Il-Qorti issa sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-ilmenti li abbażi tagħhom ir-rikorrent jallega li huwa sofra minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa bl-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni, u bl-artikoli 3 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Iżda qabel tagħmel dan, il-Qorti sejra fl-ewwel lok tistħarreġ l-eċċezzjoni tar-*res judicata* sollevata mill-intimati, li qegħdin jgħidu li uħud mil-lanjanzi mressqa mir-rikorrent diġà ġew deċiżi b'mod definittiv b'sentenzi tal-Qorti. Il-Qorti tirrileva, anki in vista ta' dak li ngħad mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, li l-istħarriġ tagħha ser ikun limitat dwar jekk ġewx leżi l-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea msemmija fir-rikors promotur, u minn ebda artikolu kostituzzjonali jew konvenzjonali ieħor, għaliex l-azzjoni promossa hija limitata min-natura tat-talbiet li trid tiddeċiedi dwarhom il-Qorti.

<u>*L-eċċezzjoni tar-*res judicata</u>

46. L-intimati Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxu li huma erbgħa l-materji li r-rikorrent jilmenta dwarhom, li dwarhom però diġà ngħataw sentenzi li għaddew in ġudikat, jiġifieri (i) il-kwistjoni tax-xoljiment taż-żewġ ġurijiet; (ii) il-fatt li l-ġuri tar-rikorrent kien ippresedut mill-istess Imħallef li ppresieda l-ġuri ta' Domnic Bonnici; (iii) il-piena ta' għomor priġunerija; (iv) ir-rimedju li tat il-Qorti Kostituzzjonali bid-deċiżjoni tal-5 ta' Ottubru, 2018, jiġifieri li t-terminu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena biex jtressaq l-każ tar-rikorrent quddiem il-Bord tal-*Parole* għandu jibda jgħaddi mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali, u mhux mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

47. Il-Qorti tirrileva li x-xoljiment tal-ewwel żewġ ġurijiet tar-rikorrent, diġà kien mertu li tressaq quddiem din il-Qorti diversament preseduta, fir-rikorsi numru 5/2004 fl-ismijiet **Brian Vella *vs.* Avukat Ġenerali tar-Repubblika et**, u 30/2006 fl-ismijiet **Brian Vella *vs.* l-Avukat Ġenerali et**. Fir-rikors 5/2004, ir-rikorrent kien talab li jiġi dikjarat:

> "*[i]lli l-esponent qed jirritjeni li d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali meta xoljiet il-ġuri tiegħu bid-digriet tal-4 ta' Frar, 2004, kienet waħda li tmur kontra d-dritt Kostituzzjonali ta' smigħ xieraq u dana peress illi max-xoljiment, l-esponent jista' jsib ruħhu f'sitwazzjoni fejn ix-xhud tal-prosekuzzjoni Domnic Bonnici jkun jista' jiġi prodott bħala xhud tal-prosekuzzjoni u dana peress li jiġi sorvolat l-impediment li jeżisti* ai termini *tal-artikolu 636(a)(b). Illi jekk ikunx hemm jew le deċiżjoni finali fil-konfront ta' Bonnici ċertament mhijiex xi ħaġa li hija fil-kontroll tal-esponent.*"

Il-Qorti Kostituzzjonali, fid-deċiżjoni tagħha tat-12 ta' Lulju, 2005, qalet hekk dwar dan il-punt:

> "*Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in diżamina, din il-Qorti diffiċilment tista' tifhem kif l-appellant qed jippretendi li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Ix-xoljiment tal-ġuri fl-4 ta' Frar, 2004 kien kjarament motivat mill-preokkupazzjoni tal-Qorti Kriminali li, ġaladarba l-Kummissarju tal-Pulizija kien xehed estensivament dwar dak li kien qal Bonnici (u dan, sa dak il-ħin, biss bħala* "background" *għall-każ), il-fatt li ġie rilevat (mid-difiża) li Bonnici sa dak l-istadju ma setax jixhed, kien hemm il-perikolu li, minkejja kull direttiva li l-Onorevoli Imħallef li kien qed jippresjedi seta' jagħti lill-ġurati fl-indirizz tiegħu, l-istess ġurati jibqgħu influwenzati b'dak li neċessarjament kienet xhieda fuq kliem ħaddieħor (*hearsay*) tal-imsemmi Kummissarju. Ix-xoljiment tal-ġuri – rimedju pjuttost straordinarju – <u>fih innifsu</u> bl-ebda mod ma ċaħħad lill-akkużat Vella <u>f'dak l-"ewwel" ġuri</u> milli jkollu smigħ xieraq. Ix-xoljiment sempliċement <u>waqqaf</u> dawk il-proċeduri fi stadju partikolari għax (1) <u>sa dak l-istadju</u> Bonnici ma setax jixhed u, per konsegwenza (2) id-depożizzjoni tal-Kummissarju setgħet tiżvija lill-ġurati. Vella ma jistax jippretendi li ma kienx jaf b'Bonnici bħala xhud tal-prosekuzzjoni. In fatti fil-kors <u>tal-istruttorja</u> kontra r-rikorrent Vella, il-prosekuzzjoni kienet esebiet l-istqarrija ta' Bonnici (fol. 111) kif ukoll id-depożizzjoni li Bonnici kien ta fil-kors tal-inkjesta dwar l-*in genere *(fol. 116) Bonnici ġie wkoll prodott bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dik l-istruttorja (u allura fil-kontradittorju) (fol. 202) fejn xehed estensivament, u l-Avukat Ġenerali, fil-lista tax-xhieda annesa mal-Att tal-Akkuża, kien indika lill-istess Bonnici (fol. 1020) bħala xhud li kien bi ħsiebu jipproduċi. F'ebda*

*stadju qabel it-2 ta' Frar, 2004 ma tqajmet xi eċċezzjoni mill-akkużat Vella dwar l-ammissibilità ta' dana Bonnici. L-oġġezzjoni ta' Vella – oġġezzjoni perfettament leġittima – minnu mqajma fl-udjenza tat-3 ta' Frar, 2004 kienet imsejsa fuq il-fatt li <u>sa dak l-istadju</u> Vella ma setax jixhed kontrih peress li kien għad hemm proċeduri penali pendenti fil-konfront tal-istess Bonnici (b'mod għalhekk li, skont ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali, ix-xhud ma jkunx ammissibbli minħabba l-perikolu li ma jixhidx il-verità jew il-verità kollha biex jipprova jiggwadanja xi ħaġa f'dawk il-proċeduri pendenti). Fi kliem ieħor u fil-fehma ta' din il-Qorti, anke li kieku ma kienx hemm il-problema tad-depożizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif appena ġie senjalat dana l-ostakolu fil-konfront ta' Bonnici – ostakolu li messu ġie senjalat fl-ewwel lok mill-istess prosekuzzjoni – il-Qorti Kriminali kienet tkun perfettament in regola li f'dak l-istadju, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 436(3)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, ixxolji l-ġuri biex Bonnici jkun jista' jixhed darb'oħra. Kif tajjeb irrimarkat il-Prim'Awla fis-sentenza tagħha, Vella ma kellu u ma għandu ebda dritt kweżit li Bonnici ma jixhedx bħala xhud tal-prosekuzzjoni – Bonnici ma kienx produċibbli bħala tali biss <u>f'dak l-istadju</u> li l-prosekuzzjoni kienet ser ittellgħu. Għalhekk mhux biss fih innifsu iżda anke <u>fil-konsegwenzi tiegħu</u> ma jistax jingħad li x-xoljiment tal-ġuri ċaħħad lill-akkużat milli jkollu smigħ xieraq."*

48. Fir-rigward tar-rikors 30/2006 imbagħad il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), spjegat l-ilment tar-rikorrent b'dan il-mod:

*"Illi fil-każ li għandna quddiemna l-ilmenti tar-rikorrent huma li, minn kif seħħew il-ġrajjiet tal-mixja ġudizzjarja tal-każ tiegħu sal-lum, sejrin jintlaqtu kemm il-jedd tiegħu li jitqies innoċenti sakemm (jew jekk) jinstab ħati, u wkoll li l-proċess innifsu mhuwiex sejjer jiggarantilu smigħ xieraq quddiem Qorti imparzjali. Huwa jorbot tali ilmenti ma' tliet ċirkostanzi ewlenin: (a) l-ewwel, li ngħatat pubbliċità fil-ġbir ta' xhieda ta' persuni kompliċi mir-rikorrent fir-reati li huwa mixli bihom; (b) it-tieni, li ngħatat pubbliċità ta-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija li kienet l-episodju li wassal għax-xoljiment tal-ġuri; u (ċ) it-tielet, li l-Imħallef li quddiemu sejjer jinżamm il-ġuri appuntat tar-rikorrent, huwa l-istess ġudikant li ippresieda l-ġuri ta' persuna li kienet mixlija b'kompliċità mar-rikorrent fir-reati li huwa mixli bihom, u kif ukoll il-ġudikant li ppresieda ż-żewġ ġurijiet li nbdew fil-konfront tar-rikorrent u li ġew xolti."*

49. Il-Qorti Kostituzzjonali f'dan il-każ iddeċidiet li għandha tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti billi:

*"... tpoġġi lill-partijiet fil-pożizzjoni li kienu fiha minnufih qabel ma bdiet l-udjenza tat-8 ta' Ġunju, 2006, u tibgħat l-atti lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex din, wara li*

> *tisma' l-provi dwar l-allegata* pre-trial publicity, *tgħaddi biex tiddeċiedi fuq it-talba tar-rikorrent fid-dawl tar-rimedji speċifiċi minnu indikati fl-udjenza tad-19 ta' Ġunju, 2006 (ara para. 11 supra) – salv dejjem xi rimedju aktar xieraq li dik il-Qorti jkun jidhrilha opportun – u fuq l-eċċezzjonijiet kollha (inkluża, għalhekk fuq l-ewwel waħda bbażata fuq il-proviso tal-Artikoli 46(2)) u 4(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament) tal-intimati (appellati f'din l-istanza)."*

50. Il-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) imbagħad fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Mejju, 2007 fl-ismijiet **Brian Vella *vs.* Avukat Ġenerali et**, wara li qieset il-provi kollha skont id-direzzjoni li ngħatat mill-Qorti Kostituzzjonali, iddeċidiet illi:

> *"Illum li għaddiet aktar minn sena minn meta ġie xjolt it-tieni ġuri ma hemmx aktar lok għal dikjarazzjoni mitluba mir-rikorrent li l-fatt li huwa sejjer jgħaddi ġuri daqshekk qrib iż-żmien meta ġie xolt il-ġuri ta' qabel kontrih "sejjer jikkostitwixxi u jinduċi jew jikkostitwixxi" ksur tal-jedd fondamentali tiegħu taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta Kap. 319 u fil-Kostituzzjoni ta' Malta.*
>
> *Stante però li l-ġuri kien ġie differit sine die meta kien ġja ġie ppreżentat dan ir-rikors, l-ispejjeż ta' dina t-talba għandhom ibatuhom l-intimati.*
>
> *Kwantu għal talba biex jiġi dikjarat li l-fatt li r-rikorrent sejjer jgħaddi ġuri quddiem il-Qorti Kriminali kif preseduta mill-istess Imħallef, il-Qorti tqis li r-rikorrent kellu u għad għandu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju ieħor effettiv u għalhekk tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont il-proviso tal-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta."*

51. Minn qari tar-rikors promotur, mhuwiex ċar jekk ir-rikorrent huwiex jattribwixxi l-fatt li l-ewwel żewġ ġurijiet ġew xolti minħabba nuqqasijiet tal-prosekuzzjoni bi ksur tal-jeddijiet tiegħu kif sanċiti bl-artikolu 36 jew inkella bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, jew bl-artikoli 3 jew 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, għalkemm fix-xhieda tiegħu huwa jgħid li l-fatt li l-ewwel żewġ ġurijiet ġew xolti, lilu kkawżalu stress u ansjetà kbira. Jidher għalhekk, u hawn il-Qorti qiegħda testrapola minn dak li ntqal mir-rikorrent fl-*affidavit* tiegħu, u mhux għaliex l-intenzjoni ta-rikorrent ġiet espressa b'mod ċar, li din id-darba r-rikorrent qiegħed

jilmenta li bix-xoljiment tal-ewwel żewġ ġurijiet tiegħu, huwa sofra trattament inuman u degradanti, b'differenza mill-każijiet kostituzzjonali l-oħra mressqa minnu, fejn l-ilment tiegħu kien li huwa kien qiegħed jiġi mċaħħad mid-dritt li jingħata smigħ xieraq. L-intimati jeċċepixxu li ladarba diġà kien hemm pronunzjament mill-Qrati tagħna dwar l-istess mertu, fi proċeduri bejn l-istess partijiet, u fejn l-oġġett tat-talba huwa prattikament l-istess, għandu jiġi deċiż li l-kwistjoni għaddiet in ġudikat. Bħala regola ġenerali, jekk fit-tieni kawża, l-oġġett tat-talba ma jkunx identiku għal dak tal-ewwel kawża, ma jkun hemm l-ebda ostakolu biex il-kawża titkompla, għaliex ma jistax jingħad li l-kwistjoni hija *res judicata.* Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sharon Rose Roche née Bellamy *vs.* Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Istandards fil-Ħarsien Soċjali et**[44], proprju fuq dan il-punt, fejn ġie deċiż illi:

> *"23. Huwa stabbilit li mhux meħtieġ li jkun hemm l-identità assoluta bejn it-talba li tifforma l-mertu tas-sentenza li għaddiet in ġudikat u t-talba fit-tieni kawża, għaliex hu meqjus biżżejjed li jkun hemm xebħ f'tali punt kontrovers. (fn. 9: P.A.* ***28.2.1946*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Abela vs Fenech*** *(Kollez. Vol.* ***XXXII.ii.243****) u App. Ċiv.* ***15.2.1954*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Tabone vs Mifsud et*** *(Kollez. Vol.* ***XXXVIII.i.51****)). Dan jinkwadra ruħhu f'dak li fid-duttrina huwa magħruf bħala l-"*giudicato esplicito*" u l-"*giudicato implicito*" (fn. 10: Ara App. Inf.* ***28.11.2008*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Mario Camilleri et vs Mario Borg pro et noe et****);*
>
> *24. L-appellanti tgħid li fl-ebda waħda mill-kawżi li fihom ingħataw sentenzi li issa qegħdin jissemmew biex isejsu l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma saret talba bħalma hemm fil-kawża tal-lum. Hija tgħid li din hija l-ewwel azzjoni fejn qiegħed jintalab espressament li l-proċediment għar-radd lura tal-minuri fir-Renju Unit jinstab li tmexxa bil-ksur tal-liġi u ma jiswiex. Tgħid li talba bħal dik ma saritx qabel u ma ngħatat l-ebda sentenza dwarha;*
>
> *25. Il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument tal-appellanti. Il-ġudikat isir japplika biss mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li*

[44] 18.04.2018.

*messu jew seta' jiġi diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottiv tal-*causa pretendi *fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat.(Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet **Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija). Daqstant ieħor, jekk bejn it-talba tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u impossibilià ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identità tal-oġġett (fn. 12: Ara App. **J. Camilleri vs L. Mallia** (Kollez. Vol. **LXXXII.ii.305** fuq imsemmija) li jikkostitwixxi dan l-element kostituttiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat."*

52. Il-Qorti tirrileva li jekk l-ilment tar-rikorrent huwa li bix-xoljiment ta' żewġ ġurijiet huwa sofra trattament inuman u degradanti, din il-lanjanza jew pretensjoni setgħet faċilment tinġieb minnu fil-proċeduri kostituzzjonali proposti minnu li diġà ġew deċiżi. Ir-rikorrent ma jistax issa jinqeda b'dawn il-proċeduri, jirreferi għal mertu li jinzerta li huwa identiku għal dak li diġà tressaq minnu f'żewġ rikorsi kostituzzjonali separati, u jippretendi li dik il-kwistjoni m'għaddietx in ġudikat għaliex it-talba tiegħu f'din l-istanza qiegħda ssir, jekk wara kollox dan huwa l-każ għaliex dan ma jirriżultax b'mod ċar mir-rikors promotur, taħt artikoli differenti minn dawk li nġiebu taħthom iż-żewġ kawżi kostituzzjonali l-oħra. Hawnhekk għandhom raġun l-intimati fis-sottomissjon-ijiet tagħhom li kwalsiasi kwistjoni rigward kemm max-xoljiment tal-ġurijiet, kif ukoll il-kwistjoni rigward il-fatt li l-Imħallef li ppresieda l-ġuri tar-rikorrent kien l-istess wieħed li ppresieda l-ġuri ta' Duminku Bonnici, għaddew in ġudikat. Il-Qorti tirrileva wkoll li wara kollox fir-rigward tal-kwistjoni dwar l-Imħallef, il-Prim'Awla tal-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha (Rik. Nru. 30/2006/1) qalet li r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedju ordinarju li jitlob ir-rikuża tal-Imħallef, u naturalment ladarba huwa naqas milli jirrikorri għal dak ir-rimedju fi stadju meta seta' jagħmel dan, ma jistax issa, tant snin wara li sar l-imsemmi ġuri, jersaq quddiem din il-Qorti sabiex jallega li l-fatt li l-istess Imħallef sema'

l-proċeduri kriminali kontra tiegħu, lilu b'xi mod illedielu l-jeddijiet fundamentali tiegħu.

53. L-intimati jeċċepixxu li anki l-kwistjoni dwar il-piena ta' għomor il-ħabs li ngħata r-rikorrent fir-rigward tad-delitt li huwa nstab ħati li wettaq, hija kwistjoni li diġà ġiet deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta f'sentenza li għaddiet in ġudikat. Fil-fatt, fil-kawża fl-ismijiet **Brian Vella *vs.* L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali** (23/2013), ir-rikorrent talab li jiġi ddikjarat mill-Qorti li huwa sofra leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, għaliex is-sistema legali tagħna ma kinitx tagħti lok għal rilaxx mill-ħabs ta' persuna kkundannata għall-piena ta' għomor il-ħabs abbażi ta' konsiderazzjonijiet bħal ma huma r-rimors tagħha għad-delitt li tkun wettqet u r-riabilitazzjoni tagħha. L-Ewwel Qorti, fid-deċiżjoni tagħha kienet irrimarkat illi:

"*Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jolqtu l-każ</u>, jibda biex jingħad li l-azzjoni tar-rikorrenti hija limitata għall-kwistjoni tal-effetti li s-sentenza ta' għomor il-ħabs tħalli fuq it-tgawdija tal-jedd fondamentali tiegħu li ma jkunx soġġett għal trattament inuman jew degradanti. Din l-azzjoni ma tattakka l-ebda parti mill-proċess kriminali li huwa kien suġġett għalih u lanqas is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali u dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li kkonfermat dik l-ewwel istanza.*

*...*

*Illi l-imsemmi* 'jedd għat-tama' *ma jfissirx li l-piena ta' għomor il-ħabs hija minnha nnifisha piena li tikser il-jedd li persuna ma tingħatax trattament inuman jew degradanti: u lanqas ma jkun hemm ksur tal-istess jedd jekk, wara li persuna hekk ikkundannata tressaq talba għal ħelsien, it-talba tagħha ma tintlaqax, minħabba li tkun għadha meqjusa bħala persuna perikoluża għas-soċjetà jew li ma għarfitx il-ħtieġa li tinbidel. Il-ħarsien tas-soċjetà mill-periklu ta' persuna li ma tridx tibdel triqtha jew li tibqa' tkun ta' periklu għal ħaddieħor jorbot lill-Istat li jżomm u jrażżan lil dik il-persuna misjuba ħatja, minkejja li jkun għadda żmien sewwa minn meta tkun wettqet id-delitt li tiegħu nstabet ħatja;*".

54. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha appena ċitata, qalet li r-rikorrent għandu jingħata ċ-ċans li jitlob għal reviżjoni tal-piena inflitta fuqu wara ħamsa u għoxrin (25) sena minn meta l-piena saret definittiva, jiġifieri mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, li tat id-deċiżjoni tagħha fit-28 ta' Lulju, 2011. Ir-rikorrent kien appella minn dik id-deċiżjoni u talab li tiġi varjata sabiex il-ħamsa u għoxrin (25) sena jibdew jgħoddu minn dakinhar li huwa ttieħed f'detenzjoni, jiġifieri mis-17 ta' Frar, 2000, jew inkella sabiex dan it-terminu jibda jgħodd mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali, jiġifieri mill-4 ta' Ottubru, 2007. Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-konsiderazzjonijiet tagħha qieset illi:

> *"21. Din il-Qorti tosserva ulterjorment li fil-każ odjern ma jirriżultawx ċirkostanzi eċċezzjonali li jġiegħluha tikkonsidra l-każ tar-rikorrent appellant bħala wieħed partikolari li jistħoqq trattament differenti sabiex il-perijodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena għandu jiddekorri mid-data tal-arrest u mhux mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali. Anzi għall-kuntrarju, kif tajjeb tenniet l-ewwel Qorti: (a) id-delitt li tiegħu nstab ħati r-rikorrent kien wieħed aħrax fejn saħansitra żewġ anzjani nqatlu meta hu u oħrajn daħlu ġewwa darhom biex jisirqu mill-istess dar; (b) għalkemm il-ġurija ma kinitx unanima fis-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent, hu ngħata l-piena ta' għomor il-ħabs; (ċ) il-ħruxija tad-delitt kien darab serjament is-sentimenti tas-soċjetà li kienet tistenna li kull persuna għandha tħallas għall-għemil tagħha.*
>
> *22. Din il-Qorti tafferma li r-rimedju mogħti mill-ewwel Qorti li permezz tiegħu r-rikorrent ingħata d-dritt li wara 25 sena hu kellu l-possibilità ta' reviżjoni tas-sentenza tiegħu jekk iressaq il-każ tiegħu quddiem il-Bord tal-*Parole*, hu wieħed tajjeb u effettiv biex jindirizza l-leżjoni sofferta mir-rikorrent.*
>
> *23. Għaldaqstant dan l-aggravju huwa ġustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi fis-sens li ż-żmien ta' 25 sena għandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-4 ta' Ottubru, 2007, u mhux mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ngħatat fit-28 ta' Lulju, 2011 u f'dan is-sens l-aggravju qed jiġi milqugħ."*

55. Huwa ċar għalhekk li deċiżjoni dwar jekk il-piena ta' għomor il-ħabs li għaliha ġie kkundannat ir-rikorrent, hijiex leżiva tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, diġà ngħatat, u r-rikorrent ingħata rimedju għal-leżjoni lamentata minnu. Din il-Qorti għalhekk tqis li safejn ir-rikorrent qiegħed jilmenta li bil-kundanna ta'

għomor il-ħabs nqatlitlu kull tama, u għalhekk huwa qiegħed iġarrab trattament inuman u degradanti, jirriżulta li din hija kwistjoni li diġà għaddiet in ġudikat. Għaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-lanjanza mressqa mir-rikorrent.

56. Ir-rikorrent jikkontendi li anki r-rimedju mogħti permezz tas-sentenza Kostituzzjonali tal-5 ta' Ottubru, 2018, u ċjoé li l-imsemmija ħamsa u għoxrin (25) sena jibdew jiddekorru mid-data tad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali, hija leżiva tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. Il-Qorti però tqis li b'dan l-ilment tiegħu r-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti taġixxi bħala qorti tat-tielet istanza, billi t-talba tiegħu tinvolvi stħarriġ dwar deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, li diġà ppronunzjat ruħha dwar din it-talba tar-rikorrent. Il-Qorti għalhekk m'hija sejra tiegħu l-ebda konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrent safejn dawn għandhom x'jaqsmu mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-5 ta' Ottubru, 2018.

57. Il-Qorti għalhekk sejra tilqa' li l-eċċezzjoni mogħtija mill-intimati li uħud mil-lanjanzi mressqa mir-rikorrent diġà ġew determinati f'sentenzi li saru *res judicata,* u għalhekk huma materji li din il-Qorti ma tistax tagħmel stħarriġ dwarhom mill-ġdid. Għaldaqstant il-Qorti mhijiex sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-lanjanzi msemmija.

*<u>Dwar il-mod kif tmexxa l-istħarriġ tal-Pulizija</u>*

58. Jifdal għalhekk li jiġi mistħarreġ l-ilment tar-rikorent dwar: (i) il-mod kif tmexxew il-proċeduri waqt l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija; (ii) l-allegazzjoni tiegħu li huwa ma ngħata l-ebda *disclosure* mill-Pulizija waqt li kien qiegħed jiġi interrogat; (iii) il-mod kif ittieħdu l-istqarrijiet tiegħu, u l-mod kif ġie ttattat mill-Pulizija waqt l-investigazzjoni tal-każ, fil-fehma tar-rikorrent jiksru l-jeddijiet fundamentali tiegħu u jammontaw għal trattament inuman u degradanti.

Hawnhekk il-kontenzjoni ewlenija tar-rikorrent rigward il-mod kif tmexxew l-investigazzjonijiet tal-Pulizija fil-konfront tiegħu, tikkonċerna primarjament in-nuqqas li huwa ma kellux l-avukat ta' fiduċja tiegħu preżenti waqt li kien qiegħed jiġi interrogat. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-unika prova miġjuba mir-rikorrent in sostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet tiegħu, hija x-xhieda mogħtija minnu stess, liema xhieda kienet kontradetta mix-xhieda tal-ex-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, li ċaħad għal kollox l-allegazzjonijiet li għamel ir-rikorrent fix-xhieda tiegħu. Il-Qorti tirrileva li mill-atti proċesswali jirriżulta li kuntrarjament għal dak li ġie allegat mir-rikorrent, huwa ġie mgħarraf bid-drittijiet tiegħu, inkluż id-dritt li jibqa' sieket għad-domandi li sarulu mill-Pulizija. Jirriżulta li r-rikorrent inġabar mill-Pulizija dakinhar stess li nstabu l-vittmi tad-delitt, u meta beda jiġi investigat il-każ, intalab il-kunsens tiegħu sabiex ikun jista' jitteħidlu kampjun tad-demm, filwaqt li ħwejġu inġabru u huwa ngħata *j-suit* sakemm familjari tiegħu ipprovdewlu ħwejjeġ oħra. Ir-rikorrent jgħid li dan jammonta għal trattament inuman u degradanti, iżda l-Qorti tirrileva li din hija prassi normali li tiġri kull meta l-Pulizija tkun qiegħda tinvestiga delitti ta' din ix-xorta. Il-fatt li l-Pulizija ħasset il-ħtieġa li bħala parti mill-investigazzjoni tagħha televa kampjuni minn fuq il-ħwejjeġ li kien liebes ir-rikorrent, ċertament li ma jistax jitqies li jammonta għal trattament inuman u degradanti fil-konfront tiegħu.

59. Ir-rikorrent jilmenta dwar il-mod kif ittieħdu l-istqarrijiet tiegħu waqt li kien miżmum fid-*Depot* tal-Pulizija, mingħajr ma jispeċifika x'kienu t-*"tranelli"* li huwa jallega li ntużaw mill-Pulizija, u ma jgħidx għaliex dawn kienu leżivi tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, jew b'liema mod dawn lilu ċaħħduh milli jkollu smigħ xieraq.

60. L-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

"1) Ħadd ma għandu jkkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti."

61. L-artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

"Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti."

62. L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jipprovdi għall-protezzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, jgħid illi:

"(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.
...
(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:

Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.

(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –

(a) għandu jiġi infurmat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettali, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;
(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;
(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;
(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u
(e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża,

U ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħhu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu."

63. L-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.

(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.

(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:

(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;
(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;
(ċ) li jiddefendi ruħhu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;
(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;
(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.

64. Il-Qorti tirrileva li minn dak li jirriżulta mill-atti esebiti u allegati mal-proċess, ir-rikorrent ta numru ta' verżjonijiet konfliġġenti lill-Pulizija, baqa' jiċħad li huwa b'xi mod kellu x'jaqsam mad-delitt, u ġġustifika il-*lapses* fil-memorja billi qal li kien taħt l-influwenza ta' xi sustanzi, u dan meta l-evidenza ċirkostanzjali kollha, ix-xhieda tal-ko-akkużat u l-evidenza forensika kollha wasslu lill-ġurati, l-imħallfin tal-fatt, għall-konklużjoni li r-rikorrent mhux biss kien fil-post tad-delitt

fl-10 ta' Frar, 2000, iżda wkoll li huwa kellu sehem kbir fid-delitt. Ma kien hemm l-ebda stqarrija tar-rikorrent li tgħid li huwa fil-fatt kellu x'jaqsam mas-serqa u mal-omiċidju doppju, anzi r-rikorrent dejjem ċaħad li huwa b'xi mod kellu x'jaqsam ma' dak li seħħ. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tifhem għal liema stqarrija qiegħed jagħmel riferiment għaliha r-rikorrent meta semma li kien hemm xi stqarrija li tteħditlu b'mod li kien leżiv tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. Dan meta l-involviment tar-rikorrent fid-delitt u l-eventwali sejbien ta' ħtija tiegħu, ma ġewx determinati minn xi ammissjoni mogħtija minnu, iżda minn diversi provi oħra li tressqu li jindikaw li r-rikorrent kien wieħed mill-ko-awturi tad-delitt. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiċħad l-ilment tar-rikorrent li f'xi parti mill-investigazzjoni tal-Pulizija tad-delitt, inkisru l-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluż il-lanjanza tiegħu li huwa ġie mċaħħad mid-dritt li jkollu avukat waqt l-interrogatorju tal-Pulizija. Dan il-fatt bl-ebda mod ma ppreġudika lir-rikorrent, għaliex huwa fl-ebda waqt tal-interrogazzjoni mill-Pulizija ma ammetta li kien preżenti fuq ix-xena tad-delitt li seħħ fl-10 ta' Frar, 2000, jew li kellu x'jaqsam ma' dan id-delitt. Il-Qorti tfakkar li l-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, iddaħħal fil-Kodiċi Kriminali ta' Malta bl-Att III tal-2002, u għalhekk madwar sentejn wara li r-rikorrent kien ġie interrogat mill-Pulizija. Tagħmel riferiment ukoll għal dak deċiż li ġie deċiż fis-sentenza **Beuze v. Belgium**[45], fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'il quddiem 'il-QEDB'] elenkat diversi punti li jridu jiġu kkonsidrati fl-evalwazzjoni li trid issir minn Qorti sabiex jiġi determinat jekk persuna ngħatatx smigħ xieraq jew le:

> *"149. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3(c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case.*

[45] 9.11.2018., QEDB.

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
*(d) that the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
*(g) the use to which the evidence was put and, in particular whether the evidence formed an integral part or significant part of the probative evidence upon which the convition was based, and the strength of the other evidence in the case;*
*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."*

65. Fil-każ odjern jirriżulta li r-rikorrent kien assistit minn avukati tal-għażla tiegħu waqt il-proċess ġudizzjarju kollu li tmexxa fil-konfront tiegħu. Barra minn hekk, ir-rikorrent seta' jressaq diversi rikorsi u anki kawżi kostituzzjonali li huwa fetaħ sabiex jassigura li l-jeddijiet tiegħu ġew salvagwardjati f'kull waqt. Dwar kull lanjanza li tqajmet mir-rikorrent ingħatat deċiżjoni, u fejn kien hemm il-ħtieġa li l-proċeduri kriminali jiġu xolti sabiex jiġi assigurat li l-ġurati ma jiġux

influwenzati b'mod li seta' jkun ta' preġudizzju għar-rikorrent, dan sar ukoll. Ma jistax issa r-rikorrent, meta jirriżulta li ma kien hemm xejn li lilu seta' ppreġudikah, jew li b'xi mod huwa kien imċaħħad mid-dritt għal smigħ xieraq, iqajjem lanjanza ta' din ix-xorta proprju issa, tant snin wara li l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu ġew fi tmiemhom.

<u>*Dwar in-nuqqas ta'* sentencing policy</u>

66. Ir-rikorrent jgħid ukoll li huwa kien ippreġudikat għaliex ma kien hemm l-ebda *sentencing policy* jew linji gwida li jiġu applikati mill-Qrati tagħna f'każijiet bħal dawn. Jgħid li huwa safa ppreġudikat għaliex l-persuna li kienet akkużata bl-istess delitt ammettiet l-involviment tagħha f'dan id-delitt, u b'hekk dan weħel piena ta' tletin (30) sena priġunerija, filwaqt li huwa weħel piena ta' għomru, u dan meta l-ġurati ma kinux unanimi fid-deċiżjoni tagħhom. Hawnhekk il-Qorti tfakkar li l-iskop tal-piena mhuwiex li jkun hemm tpattija, jew bħala forma ta' vendikazzjoni min-naħa tas-soċjetà fil-konfront tal-ħati. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Francis Mamo**, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[46], fakkret illi:

> "*Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-riżarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati.*
>
> *Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjetà. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjetà dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każi ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena.*

[46] 14.02.2013.

*Illi huwa proprju għalhekk illi għal kull reat il-Liġi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ, tipprova ssib dak il-bilanċ ġust bejn id-diversi skopijiet li għandhom jintlaħqu ...".*

67. Fil-każ odjern il-Qorti Kriminali ddeċidiet, li abbażi ta' dak li rriżulta waqt is-smigħ tal-provi, u tal-verdett ta' ħtija tal-ġurati, hija kellha tagħti l-piena massima marbuta mar-reat. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Din il-Qorti mhijiex ser tidħol fil-mertu ta' dak li ġie ppruvat fil-proċeduri kriminali li saru kontra r-rikorrent, u dwar x'kien li wassal lill-Qorti Kriminali tikkundannah għall-massimu ta' għomor il-ħabs. Ir-rikorrent diġà qajjem lanjanza kostituzzjonali dwar dan, u eventwalment ser ikun qiegħed jingħata l-opportunità li jressaq il-każ tiegħu għall-istħarriġ mill-Bord tal-*Parole* wara li jkun skonta ħamsa u għoxrin (25) sena mis-sentenza li ngħata. Il-Qorti tirrileva li l-Qorti Kriminali kienet evalwat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-fatt li kien hemm differenza kbira bejn il-fedina penali tar-rikorrent u dik ta' Duminku Bonnici, u l-fatt li Bonnici ammetta l-ħtija tiegħu, filwaqt li r-rikorrent baqa' jiċħad l-involviment tiegħu fid-delitt. Kien għalhekk li l-Qorti Kriminali tat sentenza massima, u dan meta l-piena marbuta ma' omiċidju volontarju, f'dan il-każ omiċidju doppju, hija dik ta' għomor il-ħabs. Għaldaqstant il-Qorti ssib li ma kien hemm xejn leżiv tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent fil-mod kif tmexxew il-proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tiegħu.

*<u>Id-diskrezzjoni tal-Imħallef taħt l-artikolu 493 tal-Kodiċi Kriminali</u>*

68. Ir-rikorrent jilmenta wkoll dwar il-fatt li fil-ġuri li sar, l-Imħallef naqas milli juża d-diskrezzjoni tiegħu taħt l-artikolu 493 tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jipprovdi illi:

> "Wara li tikkundanna persuna għall-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-qorti tista' tirrakkomanda bil-miktub lill-Prim Ministru fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa l-inqas żmien li fil-fehma tagħha għandu jgħaddi qabel ma l-priġunier jiġi meħlus mill-ħabs. Din ir-rakkomandazzjoni tkun tista' taraha l-persuna li tkun ġiet ikkundannata, u kopja tagħha tinżamm mir-reġistratur."

69. Evidentement din il-fakoltà li għandu l-Imħallef li jippresiedi l-ġuri, hija waħda diskrezzjonarja, u meta persuna tingħata piena ta' għomor il-ħabs m'hemm l-ebda obbligu fuq l-Imħallef li jkun ta s-sentenza, li jsegwi dak li jgħid dan l-artikolu tal-liġi. Barra minn hekk, il-fatt li fil-każ odjern l-Imħallef li ppresieda l-ġuri tar-rikorrent naqas milli jeżerċita din id-diskrezzjoni mogħtija lilu mil-liġi, ġie mitigat bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li qiegħda tawtorizza lir-rikorrent jersaq quddiem il-Bord tal-*Parole* sabiex issir evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tiegħu wara li r-rikorrent ikun serva ħamsa u għoxrin (25) sena mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali. Il-Qorti għal darb'oħra tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2007 fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Vella"**, fejn qabel ippronunzjat is-sentenza ta' għomor il-ħabs, għamlet din il-konsiderazzjoni:

> "*Qieset ukoll li l-ħati sal-lum ġie kkundannat mill-Qrati għal mhux anqas minn sittax-il darba għar-reati serji diversi ta' serq, attakk u reżistenza kontra l-forzi tal-ordni, tentattiv ta' inċendju ta' karozzi, rapporti foloz ta' reati lill-awtorità, theddid ripetut kontra diversi membri tal-forzi tal-ordni, feriment ta' Supretendent tal-Pulizija u nies oħra tal-korp u persuni privati, kif ukoll li għamel użu minn passaport mhux tiegħu u ffalsifika l-istess, dikjarazzjonijiet u stqarrijiet foloz bil-ħsieb li jikseb vantaġġ u reat ta' frodi, apparti ruxxmata ta' reati li għandhom x'jaqsmu mas-sewqan.*
>
> *Wara li qieset dan kollu, u li per konsegwenza tilfu ħajjithom bl-aktar mod kiefer u brutali żewġ anzjani u dan għall-iskop ta' serq, tqis li hemm lok li l-piena tkun tirrifletti pjenament il-garvità enormi tal-każ.*"

70. Filwaqt li ma trid tgħaddi l-ebda ġudizzju fuq dak li kien deċiż mill-Qorti Kriminali, u sussegwentement ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, din il-Qorti tqis li kien ikun kontro-sens li l-Qorti Kriminali l-ewwel tagħmel

konsiderazzjoni bħal dik, u sussegwentement tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex titlob lill-Prim Ministru jikkunsidra tnaqqis fil-piena massima li għandu jservi r-rikorrent.

*<u>L-artikolu 484 tal-Kodiċi Kriminali</u>*

71. Ir-rikorrent jilmenta wkoll li f'dan il-każ l-Imħallef naqas milli jagħti effett lid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 484 tal-Kodiċi Kriminali, li jipprovdi illi:

> "Kull wieħed mill-ġurati jista', billi jagħti r-raġuni, jirrakkomanda lill-akkużat misjub ħati, għall-ħniena tal-qorti; u din ir-rakkomandazzjoni tista' tiġi milqugħa mil-qorti, jew fl-applikazzjoni tal-liġi, jew billi tikkomunikaha lill-President ta' Malta f'rapport li tagħmel għaldaqshekk, jew f'xi wieħed mir-rapporti msemmijin fl-artikoli 493 u 494."

72. Għall-istess raġuni diġà mogħtija, huwa ovvju għalfejn il-ġurati ma ġewx iggwidati jagħmlu talba lill-Qorti għall-klemenza. Fi kwalunkwe każ, anki fejn issir talba bħal din, il-Qorti tista' tilqagħha jew tiċħadha, u għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda preżunzjoni li kull min jinstab ħati waqt ġuri sejjer jibbenefika minn dak li tipprovdi din id-dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali. Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent ma weriex b'liema mod huwa ġie mċaħħad mid-dritt għal smigħ xieraq jew b'liema mod huwa qiegħed isofri minn trattament inuman u degradanti minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-liġi. Il-Qorti Kriminali kienet ċara għal liema raġunijiet kienet qiegħda tmur għall-piena massima fil-konfront tar-rikorrent, u din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-Qorti tirrileva wkoll li f'punt minnhom ir-rikorrent tant kellu fiduċja fl-Imħallef li ppreseda l-ġuri tiegħu, li f'waħda mill-kawżi kostituzzjonali miftuħa minnu, huwa saħansitra talab jekk kienx possibbli li l-każ tiegħu jinstema' mingħajr ġurati, u dan meta r-rikorrent kien qiegħed jesprimi tħassib li xi influwenza barranija setgħet tippreġudika lill-ġurati fil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent abbażi tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-imsemmija żewġ artikoli tal-Kodiċi Kriminali.

*<u>L-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali</u>*

73. Ir-rikorrent jikkontendi wkoll li anki l-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, hekk kif dan l-artikolu tal-liġi qiegħed iċaħħad persuna li tingħata piena ta' għomor il-ħabs mill-possibilità li ż-żmien li tkun qattgħet taħt arrest preventiv jitnaqqas mill-piena li jingħata mal-kundanna tiegħu. Fil-każ odjern ir-restrizzjoni imposta bl-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali sejra tiġi indirizzata bir-rimedju li ngħata r-rikorrent bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-5 ta' Ottubru, 2018, u għalhekk jekk hemm xi forma ta' leżjoni bl-applikazzjoni u bit-tħollija fis-seħħ ta' dan l-artikolu tal-liġi, dan sejjer jiġi indirizzat fid-data li diġà ġiet stabbilita mill-Qorti Kostituzzjonali. Din il-Qorti diġà spjegat li hija mhix sejra sservi bħala qorti tat-tielet istanza, u għalhekk tqis li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali hija waħda finali għall-fini tal-lanjanzi mressqa mir-rikorrent f'dawk il-proċeduri.

*<u>L-artikolu 22 tal-Kap. 516</u>*

74. Ir-rikorrent jgħid li anki l-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 516 hija leżiva tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. L-artikolu 22 tal-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi jipprovdi li persuna li tkun qiegħda tiskonta piena għal għomorha l-ħabs m'għandhiex tgawdi minn tnaqqis fil-piena. Din il-lanjanza min-naħa tar-rikorrent, diġà tqajmet minnu fil-proċeduri rikors kostituzzjonali 23/2013 fl-ismijiet **Brian Vella *vs.* l-Onorevoli Prim Ministru et**, u diġà ġiet indirizzata mill-Qorti billi r-rikorrent ingħata r-rimedju li wara ħamsa u għoxrin (25) sena jersaq

quddiem il-Bord tal-*Parole.* Il-Qorti li tat dik is-sentenza diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar din il-lanjanza tar-rikorrent, u r-rimedju mogħti minnha kien maħsub biex itaffi xi ftit mill-preġudizzju li ser isofri r-rikorrent b'dan il-ksur għall-jeddijiet tiegħu. Għaldaqstant, ladarba kien hemm diġà deċiżjoni, u ladarba diġà ngħata rimedju għal tali ksur, il-Qorti mhijiex sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ilment dwar jekk l-artikolu 22 tal-Kap. 516 huwiex leżiv tal-jeddijiet tar-rikorrent jew le.

<u>*L-emenda għall-artikolu 639 (3) tal-Kodiċi Kriminali*</u>

75. Fl-aħħarnett ir-rikorrent jilmenta li wara li ġew xolti l-ewwel żewġ ġurijiet, ġiet introdotta emenda leġislattiva għall-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali, u jgħid li din l-emenda ppreġudikatu, għaliex konsegwentement il-grad tal-prova sar anqas oneruż għall-prosekuzzjoni. Din il-lanjanza kienet diġà tqajmet mill-avukati difensuri tar-rikorrent fil-proċeduri kriminali, u għal din il-lanjanza l-Qorti Kriminali, sabiex tagħti s-serħan il-moħħ meħtieġ li l-jeddijiet tar-rikorrent ma kienu ser jiġu ppreġudikati bl-ebda mod, qalet illi:

> *"Illi għalkemm huwa minnu wkoll li bħala riżultat tal-emenda proċedurali għall-Artikolu 639(3) ma baqax meħtieġ li biex ix-xhieda tal-kompliċi jew tal-ko-awtur tkun ammissibbli din trid tkun ikkorroborata minn xi ċirkostanzi, l-emenda xorta waħda imponiet fuq il-Qorti l-obbligu mandatorju li tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xhieda tal-kompliċi jew tal-ko-awtur b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.*
>
> *F'dan il-każ l-istess difiża ma kkontestatx l-applikabilità ta' din l-emenda proċedurali għall-każ odjern, u din il-Qorti ottemperat ruħha strettament u rigorożament mal-obbligu impost fuqha billi, fil-kors tal-indirizz tagħha lill-ġurati għal diversi drabi rrepetiet b'enfasi kbira din id-direttiva. F'kull każ però din il-Qorti hija tal-fehma soda li kien hemm ħafna ċirkostanzi, uħud minnhom bażati fuq provi xjentifiċi u inkonfutabbli li kienu jikkorroboraw ix-xhieda tal-ko-awtur Domenic Bonnici u għalhekk tqis li l-ħati ma seta' jsofri ebda preġudizzju bħala riżultat ta' dik l-emenda."*

76. Il-Qorti tirrileva li sabiex ikun hemm sejbien ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, iridu jiġu kkunsidrati l-provi u l-proċeduri ġudizzjarji fit-totalità tagħhom. Fil-każ odjern jirriżulta li kienu diversi l-provi xjentifiċi u ċirkostanzjali li lkoll flimkien eliminaw kull forma ta' dubju dwar jekk ir-rikorrent kellux jinstab ħati jew le, u finalment kienu dawn il-provi 'inkonfutibbli' li wasslu għas-sejbien ta' ħtija tiegħu u għall-kundanna tal-Qorti Kriminali fejn ingħata l-piena ta' għomor il-ħabs. Il-Qorti tqis wkoll li l-proċeduri odjerni kellhom biss l-iskop biex ir-rikorrent jittenta jvarja xi waħda mid-deċiżjonijiet li ngħataw fil-konfront tiegħu mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Tqis ukoll li r-rikorrent għamel diversi allegazzjonijiet dwar sitwazzjonijiet li seħħew bosta snin ilu, mingħajr ma ssostanzja jew ġab provi suffiċjenti sabiex jissostanzja dak li qiegħed jgħid, u konsegwentement ma rnexxilux jipprova li minħabba l-proċess ġudizzjarju li għadda minnu jew minħabba l-piena u d-diversi deċiżjonijiet li ngħataw fil-konfront tiegħu, huwa sofra minn xi nuqqas ta' smigħ xieraq jew minn trattament inuman u degradanti kif jallega, u fejn instab li dan kien il-każ, diġà ngħata rimedji effettivi mill-qrati. Minkejja diversi twissijiet li ngħata u nġibdet l-attenzjoni tiegħu sabiex jgħid il-verità, ir-rikorrent baqa' jagħmel diversi allegazzjonijiet serji anki fil-konfront ta' terzi, u ma ddejjaq xejn isemmi persuni b'isimhom inklużi persuni li llum m'għadhomx magħna, biex jipprova jagħti kredibbilità lill-allegazzjonijiet tiegħu, liema allegazzjonijiet ma ġew ippruvati bl-ebda mod, anzi ġew kontradetti bil-qawwa kollha mill-ex-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo fix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti, fejn ta verżjoni kredibbli ħafna dwar il-mod kif tassew seħħew l-affarijiet. Għalhekk il-Qorti apparti li sejra tiddeċiedi li t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda, tqis ukoll li dawn huma frivoli u vessatorji għall-aħħar.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-intimati;**
2) **Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, b'dan illi qiegħda tiddeċiedi ulterjorment li r-rikors promotur huwa għal kollox frivolu u vessatorju.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**